II

*(Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)*

# DEĊIŻJONIJIET

# IL-KUMMISSJONI

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

**tal-24 ta' April 2007**

**rigward il-miżura ta' għajnuna imwettqa mill-Belġju favur l-InterFerryBoats (C 46/05 (ex NN 9/04 u ex N 55/05))**

*(notifikata bid-dokument numru C(2007) 1180)*

**(It-testi bil-Franċiż u bl-Olandiż biss huma awtentiċi)**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2009/608/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel sentenza tal-paragrafu 2 tal-Artikolu 88 tiegħu,

Wara li kkunsidrat il-ftehim rigward iż-Żona Ekonomika Ewropea, u partikolarment il-punt a) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 62 tiegħu

Wara li stiednet lill-partijiet interessati sabiex jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom skont l-imsemmija Artikoli,

Billi:

### 1. **PROĊEDURA**

#### 1.1. **Każ NN 9/04 u N 55/05**

(1) Permezz ta' ittra tat-12 ta' Awwissu 2003, irreġistrata fil-Kummissjoni Ewropea fl-20 ta' Awwissu 2003 (TREN/A(03)27718), l-awtoritajiet Belġjani nnotifikaw il-miżuri ta' salvataġġ u ta' ristrutturazzjoni, mogħtija mis-Soċjetà Nazzjonali tal-Ferroviji Belġjani (SNCB) lill-kumpannija sussidjarja tagħha Inter Ferry Boats (IFB) permezz ta' kuntratt ta' qafas konkluż fis-7 ta' April 2003, skont il-paragrafu 3 tal-Artikolu 88 tat-Trattat.

(2) Fit-13 ta' Ottubru 2003 (D(03)17546), il-Kummissjoni stiednet lill-awtoritajiet Belġjani sabiex jipprovdu informazzjoni supplementari lill-Kummissjoni. Laqgħa bilaterali rigward dan is-suġġett mal-awtoritajiet Belġjani seħħet fit-12 ta' Diċembru 2003. Matul din il-laqgħa, il-pjan ta' ristrutturazzjoni għall-IFB ġie ppreżentat lill-Kummissjoni.

(3) L-awtoritajiet Belġjani rrispondew għall-ittra tal-Kummissjoni b'ittra fis-7 ta' Jannar 2004, irreġistrata fil-Kummissjoni fit-13 ta' Jannar 2004 (TREN/A(04)10708). F'din l-ittra, jirriżulta li l-miżuri nnotifikati ġew mogħtija. Għalhekk, il-każ ġie rreġistrat taħt in-numru NN 9/2004. Laqgħa oħra saret fit-30 ta' April 2004. L-awtoritajiet Belġjani bagħtu dokumenti supplementari, mitluba mill-Kummissjoni matul din il-laqgħa, permezz ta' ittra tal-15 ta' Ġunju 2004, irreġistrata fil-Kummissjoni fil-21 ta' Ġunju 2004 (TREN/A(04)23691).

(4) Permezz ta' ittra fis-26 ta' Jannar 2005 (D(05)100339), il-Kummissjoni stiednet lill-awtoritajiet Belġjani sabiex jipprovdu informazzjoni supplementari, li ngħataw permezz ta' ittra datata l-25 ta' Marzu 2005, irreġistrata fil-Kummissjoni fit-30 ta' Marzu 2005 (TREN/A(05)7712).

(5) Permezz ta' ittra tat-28 ta' Jannar 2005 (SG(2005)A1133), l-awtoritajiet Belġjani infurmaw lill-Kummissjoni bl-intenzjoni ta' SNCB li tipproċedi għal żjieda fil-kapital supplementari ta' IFB, li ma kienitx prevista fil-ftehim mgħarraf fit-12 ta' Awwissu 2003. Il-Kummissjoni rreġistrat dan il-każ bħala notifika taħt in-numru N 55/2005.

(6) Permezz ta' ittra tad-29 ta' Marzu 2005 (D(05)106199), il-Kummissjoni stiednet lill-awtoritajiet Belġjani sabiex jipprovdu informazzjoni supplementari, li ġiet mogħtija permezz ta' ittra tat-28 ta' April 2005, irreġistrata fil-Kummissjoni fit- 3 ta' Mejju 2005 (SG(2005)A(05)4155).

(7) Permezz ta' ittra tal-31 ta' Mejju 2005 (D(05)111096), il-Kummissjoni stiednet lill-awtoritajiet Belġjani sabiex jipprovdu informazzjoni supplementari, li ġiet mogħtija permezz ta' ittra tat-30 ta' Ġunju 2005, irreġistrata fil-Kummissjoni fl-1 ta' Lulju 2005 (TREN/A(05)16598).

(8) Fis-16 ta' Settembru 2005, ġiet organizzata laqgħa ta' ħidma bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet Belġjani. Matul din il-laqgħa, il-Kummissjoni talbet lill-awtoritajiet Belġjani sabiex jagħtu informazzjoni supplementari, li ġiet mogħtija permezz ta' ittra fil-21 ta' Ottubru 2005, irreġistrata fil-Kummissjoni fl-24 ta' Ottubru 2005 (TREN/A(05)27067).

### 1.2. **Il-każ C 46/05**

(9) Permezz ta' ittra tas-7 ta' Diċembru 2005, il-Kummissjoni infurmat lill-Belġju bid-deċiżjoni tagħha li tibda l-proċedura prevista fil-paragrafu 2 tal-Artikolu 88 tat-Trattat fir-rigward tal-miżuri diskussi.

(10) Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tibda l-proċedura ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* [1]. Il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati sabiex jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom dwar il-miżura diskussa. Il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda osservazzjoni dwar dan is-suġġett min-naħa ta' partijiet terzi interessati.

(11) Il-Belġju rrisponda għall-ittra tal-ftuħ tal-proċedura peremzz ta' ittra fl-14 ta' Frar 2006, irreġistrata fil-Kummissjoni fil-15 ta' Frar 2006 bin-numru TREN/A/13934. Permezz tal-istess ittra tal-14 ta' Frar 2006, il-Belġju rtira in-notifika tat-28 ta' Jannar 2005.

(12) Laqgħat ta' ħidma bejn is-servizzi tal-Kummissjoni u l-awtoritajiet Belġjani seħħew fl-1 ta' Ġunju 2006 u fil-25 ta' Lulju 2006. L-awtoritajiet Belġjani kkomunikaw informazzjoni supplementari lill-Kummissjoni permezz ta' ittra fid-29 ta' Ġunju 2006, irreġistrata mill-Kummissjoni fl-istess jum taħt in-numru TREN/A/25806, permezz ta' ittra tal-20 ta' Settembru 2006, irreġistrata fl-istess jum bin-numru TREN/A/32665, u permezz ta' emails fis-16 u l-21 ta' Novembru 2006, irreġistrati bin-numri TREN/A/37638 u TREN/A/37981.

(13) Permezz ta' ittra fit-30 ta' Novembru 2006, li l-Kummissjoni rċeviet fil-5 ta' Diċembru 2006 u rreġistrata bin-numru TREN/A/39219, l-awtoritajiet Belġjani kkomunikaw ittra tas-Sur Karel Vinck li tirrigwarda dan il-fajl. L-awtoritajiet Belġjani bagħtu din l-ittra sabiex jipprovaw it-teżi tagħhom fejn d-deċiżjonijiet ta' SNCB f'dan il-każ ma kinux jistgħu jiġu attribwiti lill-Belġju, imma biss għal SNCB.

(14) Permezz ta' ittra fil-5 ta' Frar 2007 (D(07)302095), il-Kummissjoni stiednet lill-awtoritajiet Belġjani sabiex jipprovdu informazzjoni supplementari. Il-Belġju kkomunika din l-informazzjoni permezz ta' ittra tas-6 ta' Frar 2007, irreġistrata fil-Kummissjoni fis-7 ta' Frar 2007 (A(07)24246), permezz ta' ittra fit-8 ta' Frar 2007, irreġistrata fil-Kummissjoni fid-9 ta' Frar 2007 (A(07)23613), permezz ta' ittra tat-13 ta' Frar 2007, irreġistrata fil-Kummissjoni fil-15 ta' Frar 2007 (A(07)24201), u permezz ta' ittra tal-15 ta' Frar 2007, irreġistrata fil-Kummissjoni fis-16 ta' Frar 2007 (A(07)24362).

(15) Permezz ta' ittra tal-15 ta' Marzu 2007 (D(07)306248), u matul laqgħa ta' ħidma li seħħet fis-16 ta' Marzu 2007, il-Kummissjoni stiednet lill-awtoritajiet Belġjani sabiex jipprovdu informazzjoni supplementari. Il-Belġju kkomunika din l-informazzjoni permezz ta' ittra tat-30 ta' Marzu 2007, irreġistrata fil-Kummissjoni fl-istess jum (A(07)28411).

## 2. **DESKRIZZJONI DETTALJATA TAL-MIŻURI TA' SALVATAĠĠ U TA' RISTRUTTURAZZJONI**

### 2.1. **Il-partijiet tal-kuntratt ta' qafas rigward is-salvataġġ u r-ristrutturazzjoni tal-IFB**

#### 2.1.1. *IFB*

##### 2.1.1.1. Deskrizzjoni tas-soċjetà

(16) IFB hija kumpannija bl-ishma tal-liġi Belġjana. SNCB għandha 89.03 % tal-kapital soċjali. L-azzjonisti l-oħra huma CNC Transports, kumpannija sussidjarja b'93,8 % ta' SNCF (7,41 %), ICF (2,08 %), u EWS (English Welsh and Scottish Railway – 1,22 %).

(17) IFB inħolqot fl-1 ta' April 1998 permezz tal-unjoni tat-tliet soċjetajiet li ġejjin: Ferry Boats SA, Interferry SA u d-dipartiment "tal-ferrovija" ta' Edmond Depaire Ltd. Kif wera l-Belġju permezz ta' silta mir-reġistru tas-soċjetajiet, din l-unjoni kienet amalgamazzjoni permezz ta' *takeover*, fejn Ferry Boats SA assorbiet lil Interferry SA; minħabba dan, id-dipartiment tal-ferrovija ta' Edmond Depaire SA ġie mgħaqqad mal-entità amalgamata. IFB għalhekk tkompli l-personalità ġuridika ta' Ferry Boats, li nħolqot fl-1923.

[1] ĠU C 159, 8.7.2006, p. 2.

(18) IFB tagħmel primarjament żewġ tipi ta' attivitajiet, il-loġistika għat-trasport bil-ferrovija u t-trasport ikkumbinat ("IFB Logistics") u l-użu tat-terminali tal-kontinent għat-trasport ikkumbinat ("IFB Terminals"). L-attivitajiet tal-intrapriża ġew deskritti fid-dettall fl-ittra tal-ftuħ tal-proċedura formali tal-eżami, il-punti 16 sa 29.

(19) Ma' dawn l-attivitajiet, iridu jiġu miżjuda il-holdings u s-sussidjarji li l-IFB għandha jew kellha fil-Belġju u barra l-pajjiż f'soċjetajiet li jużaw terminali tal-baħar u tal-kontinent kif ukoll f'soċjetajiet ta' trasport. Dawn il-holdings u s-sussidjarji ġew deskritti fid-dettall fil-punt 30 u l-punti ta' wara tal-ittra tal-ftuħ tal-proċedura formali tal-eżami. Il-Belġju informa lill-Kummissjoni li ċerta informazzjoni fattwali kontenuta fl-ittra tal-ftuħ ma kinitx kompletament korretta, jiġifieri evolviet wara. Il-bdil fattwali li seħħ wara l-ittra tal-ftuħ tal-proċedura huwa deskritt fil-punti li ġejjin. Għall-bqija; dan huwa ttrattat fid-deċiżjoni tal-ftuħ (il-punti 30 sa 49).

(20) Holdings tal-IFB fit-terminali tal-Belġju. IFB m'għadiex topera mit-terminal ta' Zeebrugge. Fil-punt 39 tal-ittra tal-ftuħ, hemm miktub li din biegħet l-ishma tagħha lill-grupp ta' interess OCHZ. Fil-verità, IFB biegħet l-ishma tagħha lil Hesse-Noord Natie, kumpannija li magħha kienet tuża dan it-terminal.

(21) Fil-punt 41 tal-ittra tal-ftuħ hemm miktub li l-IFB għandha 16,76 % tas-soċjetà Dry Port Mouscron-Lille. Il-Belġju informa lill-Kummissjoni li, wara żjieda ta' kapital tas-soċjetà fid-29 ta' Ġunju 2006, li l-IFB ma pparteċipatx fiha, kif ukoll wara d-dħul ta' investitur privat, DELCATRANS, fil-kapital tas-soċjetà, il-holding tagħha tnaqqset għal 11,07 %

(22) Holding tal-IFB f'terminali fi Franza. IFB biegħet il-holding tagħha ta' 30 % fis-soċjetà Nord France Terminal International OU (minn issa 'l quddiem NFTI-ou) fil-ħarifa 2006 lil CMA-CGM. Wara din it-tranżazzjoni, IFB fi Franza għandha biss sehem ta' 2 % fis-soċjetà CNC transports, li wara dan ġiet imsemmija Naviland Cargo.

2.1.1.2. Swieq konċernati u partijiet mis-swieq tal-IFB

(23) Il-Kummissjoni stabbiliet, fid-deċiżjoni tal-ftuħ (punti 50 sa 54) li għall- attivitajiet tal-IFB Logistique, kien neċessarju li ssir distinzjoni bejn żewġ swieq ta' prodotti differenti, jiġifieri l-attivitajiet ta' *forwarding* u l-attivitajiet ta' loġistika. Dawn is-swieq ġew definiti bħala swieq nazzjonali, u l-parti tas-suq ta' IFB Logistics ġiet ikkalkulata li kienet bejn 2 % u 5 %.

(24) Fir-rigward tas-suq tat-terminali, id-deċiżjoni tal-ftuħ (il-punti 55 sa 59) ipproċediet għal distinzjoni bejn it-terminali tal-kontinent u t-terminali marittimi. Sadanitant, IFB iddiżinvestiet il-holdings kollha tagħha fit-terminali marittimi. La l-partijiet interessati, u l-anqas il-Belġju ma kkontestaw id-definizzjoni li tinstab fid-deċiżjoni tal-ftuħ.

(25) Is-suq tal-merkanzja tal-ferrovija huwa suq marbut ma' dawn iż-żewġ swieq. Sa mill-2003, dan kien miftuħ għat-trasport ta' merkanzija internazzjonali li jitilqu mill-Belġju u li ser jaslu l-Belġju, bħalma hu stipulat fid-Direttiva 91/440/KEE tal-Kunsill, tad-29 ta' Lulju 1991, rigward l-iżvilupp tal-ferroviji Komunitarji [2]. Dan il-ftuħ fil-merkanzija internazzjonali ġie kompletat bil-ftuħ tas-suq ta' merkanzija nazzjonali fl-1 ta' Jannar 2007, li huwa stipulat mid-Direttiva 91/440/KEE, u li ġie implimentat fil-Belġju permezz ta' digriet irjali tat-13 ta' Diċembru 2005.

2.1.2. *SNCB*

(26) SNCB ġiet maħluqa mil-liġi tal-Belġju tat-23 ta' Lulju 1926 fejn inħolqot is-Soċjetà Nazzjonali tal-Ferroviji Belġjani. [3] Mill-14 ta' Ottubru 1992, [4] din hija intrapriża pubblika awtonoma u kumpannija bl-ishma ta' dritt pubbliku [5].

(27) L-Istat tal-Belġju rriforma l-istruttura ta' SNCB fl-1 ta' Jannar 2005. Din ġiet maqsuma fi tliet soċjetajiet distinti, jiġifieri:

— SNCB Holding, soċjetà "holding" li għandha 100 % tal-ishma fiż-żewġ soċjetajiet l-oħra, li huma:

— Infrabel, il-kumpanija li tamministra l-infrastruttura tal-ferroviji, u

— SNCB il-ġdida, l-intrapriża tal-ferrovija responsabbli għas-servizzi ta' trasport.

L-Istat tal-Belġju għandu 100 % tal-partijiet soċjali ta' SNCB Holding.

(28) L-entitajiet ta' ġestjoni tas-SNCB huma l-Kunsill tal-amministrazzjoni, il-Kumitat tad-Direzzjoni u l-Amministratur delegat. Il-Kunsill tal-Amministrazzjoni huwa magħmul minn 10 membri, inkluż l-Amministratur delegat. L-amministraturi huma magħżula mir-Re, permezz ta' deċiżjoni deliberata fil-Kunsill tal-Ministri.

[2] ĠU L 237, 24.8.1991, p. 25.
[3] Moniteur Belge tal-24 ta' Lulju 1926.
[4] Id-data tad-dħul fis-seħħ tad-deċiżjoni irjali tat-30 ta' Settembru 1992 li jagħti l-approvazzjoni tal-ewwel kuntratt ta' ġestjoni tas-Soċjetà Nazzjonali tal-Ferroviji Belġjani u li jiffissa l-miżuri relattivi għal din is-soċjetà, Moniteur Belge tal-14 ta' Ottubru 1992.
[5] Hekk kif definiti fil-liġi tal-21 ta' Marzu 1991 li jwassal riforma ta' ċerti intrapriżi pubbliċi ekonomiċi, Moniteur belge tas-27 ta' Marzu 1991.

(29) Il-Gvern tal-Belġju huwa rrappreżentat fil-Kunsill tal-Amministrazzjoni minn Kummissarju tal-Gvern. Il-Kummissarju tal-Gvern jista' jibda proċeduri mal-awtoritajiet Belġjani sabiex jannulla deċiżjoni tal-Kunsill tal-Amministrazzjoni rigward suġġett barrani għat-twettiq tal-missjonijiet ta' servizz pubbliku jekk din id-deċiżjoni *"toħloq […] preġudizzju għall-implimentazzjoni tal-ħidmiet ta' servizz pubbliku"* (sentenza 2 tal-Artikolu 23 tal-liġi).

### 2.2. **Id-diffikultajiet finanzjarji li IFB ltaqgħat magħhom fl-2001 u l-2002**

(30) L-ewwelnett jistgħu jiġu analizzati r-raġunijiet fil-bidu tad-diffikultajiet finanzjarji, u li wara tingħata deskrizzjoni għar-reazzjoni tad-diriġenti ta' IFB u ta' SNCB.

#### 2.2.1. *Id-diffikultajiet finanzjarji*


(31) Ir-raġuni prinċipali tad-diffikultajiet tal-IFB tinsab fid-diffikultajiet finanzjarji li din iltaqgħat magħhom minħabba l-holdings tagħha fi Franza, li kollha jinstabu fil-port ta' Dunkerque, fl-2001 u fl-2002. Id-diffikultajiet finanzjarji kienu jikkonċernaw ukoll l-attivitajiet ta' "IFB Logistics" u "IFB Terminals", li kienu qed jagħmlu telf matul l-2002.

(32) Kif hu indikat fit-grafika 1, l-ammont totali ta' telf ta' IFB għas-sena finanzjarja 2002 tela' għal EUR 110 miljun. EUR 12,2 miljun kienu jikkonċernaw telf ta' esplojtazzjoni qabel ma ġew adattati l-kontijiet fil-livell ta' IFB Logistics (EUR 4,7 miljun) u ta' IFB Terminals (EUR 7,5 miljun). Ma' dan jiżdied telf ta' esplojtazzjoni ta' EUR 1,2 miljun fil-livell tal-holding f'OCHZ. Dan it-telf, li jammonta għal EUR 13,4 miljun, jikkostitwixxi 12 % tat-telf totali. Il-bilanċ tat-telf fl-2002, jiġifieri EUR 96,6 miljun, kien ġej mit-tnaqqis fil-valur u fil-proviżjonijiet fil-qafas tal-adattazzjoni tal-kontijiet neċessarji wara l-problemi li s-soċjetà ltaqgħat magħhom fi Franza u fil-Belġju. 75 % ta' dan it-tnaqqis ta' valur u proviżjonijiet ġej mill-holdings ta' IFB. Fuq din il-parti, 76 % jikkonċernaw il-holdings fi Franza.

*Grafika 1*

**Analiżi tat-telf fl**

*(F'miljuni ta' EUR)*




*Sors:* Pjan ta' ristrutturazzjoni ta, IFB, 24/03/2003; IFBControllin

2.2.2. *Sors: Pjan ta' ristrutturazzjoni ta, IFB, 24.3.2003; IFBControllin*

(33) Sa mit-tmiem tas-sena 2000, IFB ma ħallsitx aktar il-fatturi li baġħtitilha SNCB għas-servizzi ta' ferrovija tagħha. Fl-2001 u fuq kollox fl-2002, IFB kompliet b'din il-prattika, li ġiet tollerata minn SNCB. Għalhekk, IFB sabet ruħha fl-aħħar ta' Jannar 2003 b'fatturi ta' SNCB mhux imħallsa għal valur totali ta' EUR 63 miljun. In-nuqqas ta' ħlas ta' dawn il-fatturi jispjega għalfejn IFB setgħet tkompli topera minkejja d-diffikultajiet finanzjarji gravi.

(34) Fil-21 ta' Mejju 2002, il-Kunsill tal-Amministrazzjoni ta' IFB iddeċieda li wara t-telf li sofrew mit-tmiem tas-sena 2000, il-kapital naqas, u laħaq ammont inferjuri għal nofs il-kapital soċjali. Kif stipulat fl-Artikolu 633 tal-Kodiċi tas-Soċjetajiet Belġjani, IFB sejħet assemblea ġenerali straordinarja tal-azzjonisti ta' IFB.

(35) Matul din l-assemblea, SNCB, bħala l-azzjonist maġġuri, ippreżentat l-impenn tagħha biex issostni lil IFB għall-ispejjeż tal-ħidma permezz ta' ħlas bil-quddiem ta' flus ta' EUR 2,5 miljun. Dan l-impenn ta' SNCB kien ġie approvat mill-Kunsill tal-Amministrazzjoni ta' SNCB. Fuq il-bażi ta' dan l-impenn, l-azzjonisti ddeċidew li proviżorjament ikomplu l-attivitajiet ta' IFB, u talbu lill-Kunsill tal-Amministrazzjoni ta' IFB biex jelaboraw pjan ta' ristrutturazzjoni komplet li jinkludi s-sussidjarji u l-ġestjoni tat-terminali.

(36) Il-Kunsill tal-Amministrazzjoni ta' SNCB, matul il-laqgħa tiegħu tad-19 ta' Lulju 2002, għamel punt rigward is-sitwazzjoni tas-sussidjarja tiegħu IFB. L-amministratur delegat ta' IFB ippreżenta s-sitwazzjoni tal-grupp; wara l-Kunsill tal-Amministrazzjoni ħa d-deċiżjoni li ġejja: "*Il-Kunsill jimmarka l-ftehim tiegħu rigward kontribuzzjoni ta' EUR 2.5 miljun neċessarji biex jiżguraw il-bżonnijiet ta' flus u jiggarantixxu l-kontinwità ta' IFB sat-tmiem ta' Ottubru 2002 (dan l-ammont ser jikkostitwixxi ħlas bil-quddiem fuq żjieda probabli tal-kapital).*"

(37) Matul it-tieni semestru tal-2002, wara l-approvazzjoni mill-Kunsill tal-Amministrazzjoni, il-ħlas bil-quddiem ta' EUR 2 500 000 tħallas minn SNCB lil IFB, skont l-iskeda li ġejja:

— 6.8.2002: ħlas tal-ammont ta' EUR 1 000 000

— 17.9.2002: ħlas tal-ammont ta' EUR 1 000 000

— 30.9.2002: ħlas tal-ammont ta' EUR 500 000

(38) Dan il-ħlas bil-quddiem kellu interessi ta' aktar minn 3,1 %; dan tħallas lura kompletament f'Lulju 2003. Dan il-ħlas lura sar f'żewġ partijiet:

— il-15 ta' Lulju 2003, IFB ħallset lura ammont ta' EUR 1 500 000 fuq din is-somma, miżjuda b'interessi għal ammont ta' EUR 40 422,04;

— fit-23 ta' Lulju 2003, il-bilanċ ta' EUR 1 000 000, miżjud b'interessi għal ammont ta' EUR 26 883,35, tħallas lura minn IFB lil SNCB.

(39) Fid-19 ta' Settembru 2002, l-amministratur delegat ta' IFB ħatar żewġ reviżuri biex jippreparaw rapport speċjali sabiex jevalwaw is-sitwazzjoni finanzjarja tal-intrapriża. Meta tqiesu l-konklużjonijiet ta' dan ir-rapport, ippreżentat lil IFB fl-4 ta' Diċembru 2002 u wara lil SNCB, il-Kunsill tal-Amministrazzjoni ta' SNCB ta l-approvazzjoni tiegħu fil-prinċipju, fl-20 ta' Diċembru 2002, li jissottoskrivi żjieda ta' kapital lil IFB. Fl-24 ta' Diċembru 2002, l-Assemblea Ġenerali straordinarja tal-Azzjonisti ("AGE") ta' IFB aċċettat ukoll din il-proposta.

(40) Id-direzzjoni ta' IFB, bl-appoġġ tal-konsulent McKinsey, elaborat pjan ta' ristrutturazzjoni għal IFB. Dan il-pjan ta' ristrutturazzjoni, li huwa deskritt fid-dettall fil-punti 73 sa 86 ta' din id-deċiżjoni, ġie approvat mill-Kunsill tal-Amministrazzjoni ta' IFB fit-23 ta' Marzu 2003.

(41) Wara dan, il-qafas operattiv taż-żewġ soċjetajiet (IFB u SNCB) iffissa d-dettalji ta' salvataġġ u tar-ristrutturazzjoni ta' IFB f' "kuntratt ta' qafas rigward ir-ristrutturazzjoni ta' IFB", li ġie ffirmat bejn iż-żewġ soċjetajiet fis-7 ta' April 2003. Matul AGE ieħor, l-azzjonisti ta' IFB immarkaw l-approvazzjoni tagħhom mat-tkomplija tal-attivitajiet ta' IFB fuq il-bażi ta' dan il-kuntratt ta' qafas.

### 2.3. **Il-miżuri ta' salvataġġ u ta' ristrutturazzjoni ta' "kuntratt ta' qafas bejn SNCB u IFB rigward ir-ristrutturazzjoni ta' IFB" tas-7 ta' April 2003**

(42) L-Artikolu 2 tal-kuntratt ta' qafas jistipula li t-twettiq tal-miżuri miftiehma bejn il-partijiet ser isir f'żewġ fażijiet, jiġifieri perjodu ta' salvataġġ u perjodu ta' ristrutturazzjoni.

2.3.1. *Termini u kundizzjonijiet ta' għotja ta' miżuri ta' salvataġġ*

(43) L-Artikolu 3 tal-kuntratt ta' qafas jistipula l-miżuri ta' salvataġġ li ġejjin:

— l-għotja ta' ħlas bil-quddiem li jista' jiġi rkuprat ta' EUR 5 miljun,

— l-għotja ta' faċilità ta' kreditu ta' massimu ta' 15-il miljun, u

— l-għotja ta' żmien għall-ħlas proviżorju li jibbaża fuq id-dejn ta' EUR 63 miljun ta' IFB fir-rigward ta' SNCB

(44) Iż-żmien għal dawn il-miżuri ġie limitat għal 12-il xahar; madankollu, dawn ġew imġedda awtomatikament bi qbil komuni bejn il-partijiet sad-data ta' żjieda fil-kapital.

(45) Ir-rata tal-interessi fuq il-ħlas bil-quddiem li jista' jiġi rkuprat u s-somom imħallsa fuq il-faċilità ta' kreditu hija l-istess bħar-rata ta' interessi ta' referenza li tiġi applikata mill-Kummissjoni għall-għajnuna lill-Istat. L-interessi ser jiġu kapitlizzati, u l-ħlas tagħhom ser iseħħ fl-istess ħin mal-ħlas tad-djun dovuti.

(46) Id-dejn ta' EUR 63 miljun ser ikunu suġġetti għal interessi ta' dewmien konvenzjonali ta' 5,4 %. L-interessi ser jiġu kapitalizzati u mħallsa flimkien mal-ħlas tad-dejn prinċipali.

(47) L-interessi dovuti minn IFB lil SNCB għad-djun u l-faċilità ta' kreditu kienu ta' EUR 2,2 miljun fl-2002, ta' EUR 3,9 miljun fl-2003, ta' 4,7 miljun fl-2004, ta' EUR 5,2 miljun fl-2005, u ser ikunu ta' ta' EUR 4,4 miljun fl-2006.

(48) L-Artikolu 7 tal-kuntratt jistipula li IFB tirrinunċja, fir-rigward ta' SNCB, għall-preskrizzjoni tad-djun tagħha.

(49) Dawn il-miżuri kollha ġew implimentati mal-iffirmar tal-kuntratt ta' qafas, jiġifieri fis-7 ta' April 2003. IFB madankollu ma użatx il-ħlas bil quddiem li jista' jiġi rkuprat.

2.3.2. *Termini u kundizzjonijiet ta' għotja ta' miżuri ta' ristrutturazzjoni*

(50) L-Artikolu 4 tal-kuntratt qafas, bit-titolu "termini tal-għotja tal-limitu "miżuri ta' ristrutturazzjoni"", huwa ppreparat kif ġej:

"Il-Partijiet jikkonfermaw l-intenzjoni tagħhom li jwettqu l-miżuri li ġejjin sakemm dawn ikunu konformi ma' pjan ta' ristrutturazzjoni approvat miż-żewġ Kunsilli tal-Amministrazzjoni tagħhom, mill-Istat Belġjan u jekk ikun neċessarju mill-KE, u skont l-approvazzjoni mill-azzjonisti ta' IFB:

— Il-ħlas bil-quddiem li jista' jiġi rkuprat jiġi konvertit f'kapital għal ammont ta' EUR 5 miljuni

— Il-parti tal-faċilità ta' kreditu mħallas tiġi konvertita f'kapital għal ammont ta' EUR 15 miljun […]

— Id-dejn ta' […]EUR 63 miljun jiġi konvertit f'kapital

— Eventwalment u sakemm iż-żewġ partijiet jaqblu fuq dan is-suġġett, żjieda ta' kapital supplementari […]"

(51) L-implimentazzjoni ta' din iż-żjieda hija sottomessa għal kundizzjoni ta' sospenzjoni, stipulata fl-Artikolu 5 tal-kuntratt qafas, jiġifieri l-approvazzjoni tagħha mill-Kummissjoni fir-rigward tar-regoli fis-suġġett ta' għajnuna tal-Istat. L-Artikolu 5 huwa ppreżentat kif ġej:

"L-impenji li ttieħdu minn SNCB […] huma suġġetti għall-kundizzjoni ta' sospenzjoni li ġejja. Il-Partijiet serjitolbu lill-Istat Belġjan biex jipproċedi mill-aktar fis għall-komunikazzjoni ta' dan il-kuntratt ta' qafas lill-KE. Il-partijiet ser jitolbu wkoll lill-Istat Belġjan, jekk il-KE kellha tistima għalhekk fil-qafas ta' din il-komunikazzjoni li [l-kuntratt ta' qafas] jinkludi l-għotja ta' għajnuna tal-Istat (hekk kif prevista fl-Artikolu 87 tat-Trattat KE), li tinnotifika lil [kuntratt ta' qafas] fl-applikazzjoni tas-sentenza 3 tal-Artikolu 88 tat-Trattat KE. Sabiex il-KE tkun tista' tadotta pożizzjoni, [il-kuntratt ta' qafas] mhu ser jitwettaq bl-edba mod fi żmien 15-il ġurnata ta' xogħol li jibdew jgħoddu mill-ġurnata tan-notifika lill-KE. Jekk [il-kuntratt ta' qafas] kellu għalhekk ikun ikkwalifikat b'għajnuna tal-Istat globali mill-KE, dan mhux ser jitwettaq qabel ma l-KE tkun approvat espliċitament l-għajnuna konċernata, u jekk ikun il-każ, fil-limiti u l-kundizzjonijiet murija fid-dispożizzjoni ta' approvazzjoni

Jekk il-KE kellha tikkwalifika parzjalment jew totalment [il-kuntratt ta' qafas] ta' għajnuna tal-Istat u fl-ipoteżi u sakemm din l-għajnuna tkun iddikjarata li mhix kompatibbli mas-suq komuni, allura l-Partijiet jiddiskutu l-fattibiltà tal-miżuri eventwali supplementari mitluba minn IFB, imma mingħajr l-obbligu li jwettqu dawn il-miżuri supplementari jew adattati jekk iċ-ċirkostanzi li fihom trid tingħata l-għajnuna jiġu kkunsidrati bħala totalment mhux ġustifikati."

(52) Id-dritt ċivili tal-Belġju jistipula li, ladarba l-kundizzjoni ta' sospensjoni titwettaq, il-kuntratt ikun validu b'mod retroattiv.

(53) Fir-risposta tagħhom għall-ittra tal-ftuħ, l-awtoritajiet Belġjani infurmaw lill-Kummissjoni li ż-żjieda ta' kapital ma kienx ser jitwettaq eżattament kif miftiehem bejn il-partijiet fil-kuntratt ta' qafas, jekk dan jiġi approvat mill-Kummissjoni. Din ser tkun ta' EUR 95,3 miljun, li tkun magħmula kif ġej:

*(EUR)*

| | |
|---|---|
| Il-faċilità ta' kreditu li tiġi konvertita f'kapital | 15-il miljun |
| Id-djun ta' IFB lil SNCB li jiġu konvertiti f'kapital | 63 miljun |
| L-interessi akkumulati għall-faċilità ta' kreditu u d-djun fis-snin 2002 sa 2006 (biss għall-2006 huma parti) li jiġu konvertiti f'kapital | 17,3 miljun |
| Total | 95,3 miljun |

(54) L-awtoritajiet Belġjani infurmaw lill-Kummissjoni li ż-żjieda ma kinitx ser tibaża fuq l-interessi kollha akkumulati fl-2006, sabiex ikun żgurat li l-proporzjon dejn/fondi proprji ta' IFB jikkorrispondi għar-rata medja tal-kompetituri tagħha, u ma tkunx superjuri. Din l-anqas tinkludi l-ħlas bil-quddiem li jista' jiġi rkuprat, għax IFB ma utilizzatx din il-faċilità.

(55) Fir-risposta tagħhom għall-ittra tal-ftuħ, l-awtoritajiet Belġjani infurmaw ukoll lill-Kummissjoni li huma jirtiraw in-notifika tat-28 ta' Jannar 2005, li biha huma kienu infurmaw lill-Kummissjoni bl-intenzjoni li SNCB u IFB, minbarra dak li kien stipulat fl-Artikolu 4 tal-kuntratt ta' qafas, kellhom l-intenzjoni li jipproċedu għal żjieda ta' kapital addizzjonali ta' EUR 5 miljun permezz ta' kontribuzzjoni mhux finanzjarja ta' holding ta' 47 % ta' SNCB fis-soċjetà TRW. [6]

(56) Il-pjan ta' rikostruzzjoni stipulat fl-Artikolu 4 ġie kkomunikat lill-Kummissjoni matul laqgħa mal-awtoritajiet Belġjani fit-12 ta' Diċembru 2003. L-implimentazzjoni tiegħu beda fl-2003, u tlesta fil-bidu tal-2005.

(57) Il-pjan ta' rikostruzzjoni huwa magħmul minn żewġ partijiet, li jikkorrispondu għal ħewġ strateġiji differenti li jikkonċernaw min-naħa s-sussidjarji Franċiżi tal-grupp u mill-oħra l-attivitajiet Belġjani ta' IFB. L-istrateġija magħżula għal Franza hija d-diżinvestiment komplet tal-holdings, filwaqt li l-istrateġija magħżula għall-Belġju hija r-ristrutturazzjoni tas-soċjetà bl-għan li jitkompla l-użu tagħha.

2.3.2.1. Id-diżinvestiment tas-sussidjarji li jużaw terminali fi Franza

(58) Kif spjegat f'din id-deċiżjoni u, aktar fid-dettall, fil-punti 30 u wara tal-ittra tal-ftuħ, IFB segwiet strateġija ta' diżinvestiment għas-sussidjarji Franċiżi tagħha. Din il-politika intlaħqet permezz tal-bejgħ tal-holdings f'NFTI-OU f'Novembru 2006.

(59) In-nefqa totali tad-diżinvestiment tas-sussidjarji ta' IFB fi Franza telgħat għal EUR 39,1 miljun. It-tabella li ġejja turi t-tqassim ta' din in-nefqa skont il-ħames sussidjarji. Fil-punti li ġejjin, il-bżonn ta' ffinanzjar u ċ-ċifri rigward is-soċjetajiet differenti huma spjegati aktar fid-dettall.

[6] IFB diġà għandha *holding* ta' 0,9 % f'din is-soċjetà, li tuża terminali f'Anvers, Zeebrugge, Oostende, Charleroi, Liège, Bruxelles, Etge, Genk u Muizen, u toffri ferroviji ta' merkanzija lejn 11-il Stat Membru.

**Diżinvestiment tal-holdings franċiżi sommar ju ta'l-ispejjeż li ntnefqu**

*(f'miljuni ta' EUR)*

| | ACIMAR | NFTI-ou | IFB FRANCE | DPD | IL-HOLDINGS KOLLHA |
|---|---|---|---|---|---|
| Deprezzament fuq djun | 3,9 | | 0,8 | 2,8 | 7,5 |
| Deprezzament fuq holdings | | 16,7 | 0,1 | 5,1 | 22,0 |
| Żjieda fil-kapital | | 1,7 | | | 1,7 |
| Spiża totali | 3,9 | 19,5 | 0,8 | 7,9 | 31,1 |
| Interessi maħruga sa 30.6.2006 | | | | | + 7,7 |
| Ċaqliq tal-kont kurrenti 9.2002-12.2002 | | | | | + 0,5 |
| Valur aktar fuq il-bejgħ ta' SSTD | | | | | – 0,2 |
| Total tan-nefqa tad-diżinvestiment tal-holdings Franċiżi | | | | | 39,1 |

a) ***Bżonn f'finanzjament***

(60) It-tabella ġiet stabbilita fuq il-bażi tal-kontijiet tas-27 ta' Settembru 2002. Din tiddistingwi bejn l-ammonti li ġejjin:

— ammont ta' EUR 31,1 miljun li jikkorrispondu għal deprezzament fuq djun, deprezzament fuq holdings kif ukoll iż-żjieda ta' kapital ta' NFTI-ou ta' kompetizzjoni għall-ammont ta' EUR 1,7 miljun;

— ammont ta' EUR 7,7 miljun ta' interessi dovuti li jikkorrispondu għal ammont ta' interessi akkumulati bejn it-tmiem tal-2002 u t-30 ta' Ġunju 2006 fuq il-partijiet tal-ħlas bil-quddiem li jista' jiġi rkuprat u ż-żmien tal-ħlas li ser iservi biex jiġi ffinanzjat id-diżinvestiment;

— ammont ta' – EUR 0,2 miljun li jikkorrispondi għal qligħ kapitali fuq il-bejgħ ta' SSTD;

— ammont ta' EUR 0,5 miljun li jikkorrispondi għad-differenza bejn l-istat tal-kontijiet fis-27 ta' Settembru 2002 min-naħa u l-ammont ta' deprezzament reali fil-kontijiet fil-31 ta' Diċembru 2002 min-naħa l-oħra.

(61) Dan l-ammont tal-aħħar ta' EUR 0,5 miljun jikkorrispondi għall-fluss ta' fondi bejn il-holdings Franċiżi ta' IFB u IFB bejn is-27 ta' Settembru 2002 u t-tmiem tal-2002 u kellu jkun inkluż fit-tabella sabiex ikun jista' jiġi rikonċiljat id-deprezzament reali fil-kontijiet fit-tmiem tal-2002 bil-bżonn totali kkalkulat fuq il-bażi tas-sitwazzjoni fis-27 ta' Settembru 2002. F'dak li jirrigwarda l-bżonn ta' finanzjament ta' IFB, ma jistax jiġi kkunsidrat dan l-ammont; il-bżonn ta' finanzjament ta' IFB relattiv għad-diżinvestiment tal-holdings Franċiżi huwa għalhekk ta' EUR 38,6 miljun.

(62) Il-bżonn ta' finanzjament għal diżinvestiment tal-holdings ta' IFB fi Franza ġie ffinanzjat minn SNCB. Fil-fatt, IFB utilizzat EUR 30,9 miljun mill-flessibbiltà li kisbet mill-għotja tal-faċilità ta' kreditu proviżorju ta' EUR 15-il miljun u min-nuqqas ta' rkupru proviżorju ta' EUR 63 miljun biex tiffinanzja désinvestissement. 7,7 miljun mill-iffinanzjar jikkorrispondu għall-interessi dovuti għal din is-somma skont il-kuntratt ta' qafas tas-7 ta' April 2003, li jistipula li l-interessi jitħallsu fil-mument tal-ħlas tad-dejn prinċipali (jew mibdula f'kapital fl-istess ħin bħad-dejn prinċipali).

b) ***Acimar***

(63) Is-soċjetà Acimar kienet tirċievi d-dħul kollu tagħha permezz ta' kuntratt ta' trasport għas-soċjetà Arcelor. Dan il-kuntratt skada fil-31 ta' Diċembru 2005; fil-mument tal-verifika ta' IFB matul it-tieni nofs tas-sena 2002, il-kuntratt kien qed jiġġenera telf annwali […] (*). Minħabba li tentattivi għal negozjati mill-ġdid rigward dan il-kuntratt ma' Arcelor fallew, SNCB iddeċidiet li tillikwida lil Acimar, u li titlob proċedura ta' amministrazzjoni ġudizzjarja. IFB kellha djun dovuti minn Acimar għall-valur ta' EUR 3,9 miljun li ma jiġux irkuprati, li jikkostitwixxu n-nefqa tad-diżinvestiment.

c) ***NFTI-ou***

(64) F'dak li jirrigwarda lil NFTI-ou, li kienet soċjetà kkontrollata b'mod konġunt minn IFB u l-Port Awtonomu ta' Dunkerque, billi jużaw terminali fil-port ta' Dunkerque, SNCB għażlet id-diżinvestiment permezz tal-bejgħ tal-holding tagħha.

(*) Informazzjoni kunfidenzjali

(65) Il-holding ta' IFB f'NFTI-ou ġabet l-obbligu, għal IFB, permezz ta' ittra ta' konfort, li tiffinanzja parti mit-telf li jikkorrispondi għall-holding tagħha fis-soċjetà. Barra minn dan, IFB kienet tat garanzija ta' self bankarju lis-soċjetà mill-[…], b' valur ta' EUR 2,9 miljun.

(66) Sabiex tiddiżinvesti il-holding tagħha fis-soċjetà, IFB innegozjat mal-Port Awtonomu ta' Dunkerque t-tneħħija tal-impenni li rriżultaw mill-ittra ta' konfort. Min-naħa l-oħra, IFB ipparteċipat f'żjieda ta' kapital ta' NFTI-ou, li sar neċessarju biex jippermetti l-kontinwazzjoni tal-attivitajiet tas-soċjetà, għal aktar minn EUR 1,7 miljun, u din ċediet parti mill-kapital soċjali tagħha lill-Port Awtonomu ta' Dunkerque għal prezz simboliku ta' euro. Wara din it-tranżazzjoni, IFB kellha biss 30 % tal-kapital soċjali.

(67) IFB u l-Port Awtonomu ta' Dunkerque wara fittxew u sabu xerrej potenzjali, CMA-CGM, għall-paritjiet ta' IFB.[…]. Meta jitqies il-prezz tal-bejgħ, in-nefqa totali ta' diżinvestiment għal IFB kien ta' EUR 18,5 miljun, li minnhom EUR 1,7 miljun kienu għaż-żjieda tal-kapital, u EUR 16,7 miljun għad-depezzament imwettaq fuq il-holding.

d) ***IFB France***

(68) IFB France, li wara saret AGEP, ġiet mogħtija lil NFTI-ou […] u kienet tirrappreżenta deprezzament ta' EUR 0,1 miljun. Minħabba li IFB ddiżinvestiet fl-istess ħin NFTI-ou, it-trasferiment lil NFTI-ou kellu bħala riżultat id-diżinvestiment permezz tal-bejgħ ta' IFB France. Qabel il-bejgħ, IFB kienet obbligata li tħalli d-djun tagħha għal IFB France għal valur ta' EUR 0,8 miljun. In-nefqa totali għad-diżinvestiment ta' IFB France għalhekk kienet ta' EUR 0,9 miljun.

e) ***Dry Port Dunkerque***

(69) Il-holding ta' IFB fid-Dry Port Dunkerque kienet tippreženta l-istess partikolarità bħall-holding tagħha f'NFTI-ou: ittra ta' konfort obbligat lil IFB li tagħmel tajjeb għat-telf operazzjonali tas-soċjetà.

(70) IFB iddiżinvestiet din il-holding permezz ta' likwidazzjoni, flimkien mal-bejgħ ta' parti mill-assi, jiġifieri l-holding ta' 8,6 % f'NFTI-ou li kellha Dry Port Dunkerque. Hawn, kuntrarjament għas-sitwazzjoni f'NFTI-ou, l-imsieħba ta' IFB ma setgħux jeżiġu l-kontinwazzjoni tas-soċjetà.

(71) IFB ma setgħetx tiffinalizza d-dejn tagħha fuq Dry Port Dunkerque (EUR 2,8 miljun), u kellha taċċetta deprezzament fuq il-holding tagħha (EUR 5,1 miljun). In-nefqa totali tal-likwidazzjoni kienet għalhekk ta' EUR7, 9 miljun.

f) ***SSTD***

(72) Is-soċjetà SSTD hija soċjetà profitabbli. Wara t-telf tal-klijent prinċipali tagħha u minħabba d-deċiżjoni strateġika li titlaq mis-suq Franċiż, IFB ddeċidiet li tbigħha fil-bidu tal-2005, u dan iġġenera benefiċċju żgħir.

2.3.2.2. Il-pjan ta' ristrutturazzjoni għall-kontinwazzjoni tal-attivitajiet Belġjani

(73) Flimkien mal-konsulent McKinsey, IFB elaborat pjan ta' ristrutturazzjoni għall-attivitajiet ta' IFB fil-Belġju. Dan il-pjan ta' ristrutturazzjoni jistipula żewġ partijiet:

— ir-ristrutturazzjoni tal-attività "IFB Logistics",

— ir-ristrutturazzjoni tal-attività "IFB Terminals".

L-idea essenzjali ta' dan il-pjan huwa li jiġu llimitati l-attivitajiet ta' IFB għall-*core business* tagħha, jiġifieri l-attivitajiet ta' loġistika u ta' użu ta' terminali fil-Belġju, u li tiddiżinvesti u tbigħ l-attivitajiet li mhumiex neċessarji għall-viabbiltà ekonomika tal-*core business*. Hawn wieħed jista' jiddiskrivi r-riżultati finanzjarji tar-ristrutturazzjoni, kif ukoll il-miżuri differenti meħuda biex jintlaħqu dawn ir-riżultati (miżuri ġenerali, miżuri fir-rigward tal-attività ta' loġistika, miżuri fir-rigward tal-attività tat-terminal, investimenti).

a) ***Ir-riżultati finanzjarji tar-ristrutturazzjoni***

(74) Wara korrezzjonijiet għal deprezzament, tnaqqis ta' valur u proviżjonijiet għal riskji u tariffi ("cash flow operazzjonali"), il-pjan ta' ristrutturazzjoni kien jipprevedi r-riżultati finanzjarji li ġejjin, li ġew ikkonfermati bis-sħiħ mir-riżultati miksuba:

*(f'miljuni ta' EUR)*

| | 2004 | 2005 | 2006 (l-ewwel semestru) | Total matul il-perjodu ta' ristrutturazzjoni |
|---|---|---|---|---|
| Previżjoni tal-cash flow operazzjonali | 3,9 | 4,3 | 2,35 | 10,550 |
| Riżultat tal-cash flow operazzjonali | 4,875 | 3,079 | 2,475 | 10,429 |

(75) Il-previżjonijiet għar-riżultati finanzjarji ta' IFB kienu bbażati essenzjalment fuq l-elementi li ġejjin, li IFB saret taf bihom fil-mument tal-adozzjoni tal-pjan ta' ristrutturazzjoni:

— ċentralizzazzjoni tat-traffiku "Railbarge" fuq it-terminal, u ż-żjieda sensibbli tal-volumi. Iċ-ċentralizzazzjoni tat-traffiku "Railbarge" kienet tippermetti l-ipperfezzjonar tal-mudell operazzjonali, u żjieda fid-dħul, minħabba li manutenzjoni li sa dak il-mument kienet titwettaq minn terzi ġiet integrata fil-grupp. Barra minn dan, IFB setgħet tirbaħ klijent ġdid importanti, CSAV, li kien jipprevedi li ser tpoġġi ordni sostanzjali għal volum ta' 50 000 TEU (*20-foot equivalent unit* – unità ekwivalenti għal kontejner tal-20 pied) mill-2004;

— tnaqqis sinifikanti tal-persunal, kif ukoll spejjeż għall-manteniment. Dawn il-miżuri huma deskritti aktar fid-dettall fil-punti 78 sa 83 ta' din id-deċiżjoni;

— ftehim ġdid rigward l-użu tat-terminal tal-ferrovija ta' Cirkeldyck, li kien jippermetti l-previżjoni ta' sinerġiji importanti mat-terminal fil-viċin MSC Home Terminal;

— tkabbir fil-volum tat-terminal ta' Muizen, wara kuntratt ġdid li sar ma' Unilog;

— previżjonijiet ġenerali tassew pożittivi għas-suq tat-trasport intermodali, li ra tkabbir spettakolari wara l-bidu tas-sena 2000.

b) ***Miżuri li ttieħdu għar-ristrutturazzjoni***

**Miżuri ġenerali**

(76) Il-konklużjoni ta' ftehim kollettiv ta' ħidma ġdid fil-livell tal-intrapriża u l-modifika tar-regolament tax-xogħol ippermettew li tintlaħaq rata ta' attività aktar għolja (in-numru ta' ġranet li jridu jiġu pprovduti fis-sena żdied bi 13-il ġurnata mill-1 ta' Jannar 2004) u għal spejjeż inferjuri (ir-remunerazzjoni għax-xogħol fil-week-end u x-xogħol f'tim ġiet imnaqqsa mill-1 ta' Ottubru 2003).

(77) Is-servizzi amministrattivi u kummerċjali ġew iċċentralizzati f'Berchem, li ppermetta l-għeluq tal-istabbiliment f'Gand u t-tnaqqis tal-kapaċità ta' dak f'Zeebrugge.

(78) Dawn il-miżuri kkontribwew biex jiġi llimitat il-persunal neċessarju biex jitnaqqsu l-ispejjeż ġenerali ta' IFB b'madwar EUR 2.55 miljun għal kull sena ([7]) b'kollox. Fil-fatt, IFB naqqset il-persunal tagħha minn 210 FTE ([8]) f'Settembru tal-2002 għal 175 FTE fil-bidu tal-2006, u dan jirrappreżenta tnaqqis ta' 17 %. Id-dettall ta' dan it-tnaqqis jista' jiġi ppreżentat kif ġej:

— għat-terminali użati direttament (minbarra sussidjarji), il-persunal naqas minn 110 FTE f'Settembru 2002 għal 96 FTE fil-bidu tal-2006, li jirrappreżenta tnaqqis ta' 13 %;

— fir-rigward tal-attività ta' loġistika ta' IFB, il-persunal tnaqqas minn 60 FTE f'Settembru 2002 għal 49 FTE fil-bidu tal-2006, jiġifieri tnaqqis ta' 19 %;

— il-persunal responsabbli minn xogħol ta' "marketing u bejgħ" u minn xogħol ta' appoġġ ċentrali ieħor (finanzi, riżorsi umani, eċċ.) naqas minn 40 FTE f'Settembru 2002 għal 31 FTE fil-bidu tal-2006, jiġifieri tnaqqis ta' 23 %.

**Ir-ristrutturazzjoni tal-attività ta' loġistika**

(79) Il-pjan ta' ristrutturzzjoni kien jistipula id-disa' miżuri li ġejjin, li kellhom jippermettu titjib ta' EUR 5,7 miljun.

| Miżuri | Benefiċċju |
|---|---|
| 1. Effett tat-tnaqqis fis-salarji | […] |
| 2. Konsulenza u *outsourcing* | […] |
| 3. Tnaqqis tal-valur u deprezzament eċċezzjonali | […] |
| 4. Għeluq tal-fergħat bi qligħ ta' North European Network | […] |
| 5. Telf ta' volum ta' traffiku konvenzjonali | […] |
| 6. Bidu mill-ġdid tal-fornitura tal-vaguni | […] |
| 7. Tkabbir tal-intermodal | […] |
| 8. Reviżjoni tal-kuntratt Railbarge (żjieda fil-prezz u reengineering tal-prodott) | […] |
| 9. Żjieda fil-kummissjonijiet ta' rappreżentazzjoni (aġent) | […] |
| 10. Tnaqqis tal-ispejjeż ġenerali | […] |

(80) Fit-twettiq tal-pjan ta' ristrutturazzjoni, li ntemm fit-tmiem tal-2004, ittieħdu żewġ miżuri supplementari:

— għat-terminali ta' Cirkeldijck, il-prezz ta' manutenzjoni ġie rivedut 'il fuq;

([7]) Iż-żjieda fin-numru ta' ġranet li jridu jiġu pprovduti fis-sena wasslet għal tnaqqis fl-ispejjeż ta' madwar EUR 0,6 miljun fis-sena; iċ-ċentralizzazzjoni tas-servizzi amministrattivi u kummerċjali f'Berchem wasslet għal tnaqqis fl-ispejjeż ta' madwar EUR 0,2 miljun fis-sena, u t-tnaqqis tal-persunal għall-ammont ta' 35 FTE wasslet għal tnaqqis fl-ispejjeż ta' EUR 1,75 miljun fis-sena.

([8]) *Full-time equivalent* (Ekwivalenti għal full-time).

— b'mod ġenerali, it-traffiku ġie analizzat u, għalhekk, riorganizzat bi ftehim mal-klijenti.

**Ir-ristrutturazzjoni tal-attività "IFB terminal"**

(81) Ir-ristrutturazzjoni tal-attività "IFB Terminal", li tlestiet fl-2005, kellha tinkludi 7 miżuri, li huma deskritti b'mod aktar dettaljat fil-punti 103 sa 107 fid-deċiżjoni tal-ftuħ

(82) Minn barra l-miżuri previsti inizjalment, IFB Logistics wettqet analiżi fil-fond tal-prodotti ferrovjarji tagħha, li kixfet l-eżistenza ta' prodotti mhux profitabbli, li minn dak iż-żmien IFB m'għadhiex tipproduċi.

(83) Għal prodotti oħra, din l-analiżi uriet in-neċessità ta' titjib fuq il-pjan tekniku. Dan it-titjib sar, partikolarment għas-settur tat-trasport intermodali tal-kontejners.

**Investimenti stipulati mill-pjan ta' ristrutturazzjoni**

(84) Ir-ristrutturazzjoni ta' Mainhub kif ukoll ir-ristrutturazzjoni ta' Zomerweg jimplikaw il-bżonn ta' investimenti ġodda […], essenzjalment għall-investimenti ta' sostituzzjoni […] kif ukoll investimenti differenti, […].

## 2.4. **Deskrizzjoni tar-raġunijiet li wasslu għall-bidu tal-proċedura tas-7 ta' Diċembru 2005**

(85) Il-Belġju, fin-notifika tiegħu, ikkunsidra li l-miżuri diskussi ma kinux jikkostitwixxu għajnuna tal-Istat, għax dawn ma ma setgħux jiġu attribwiti għall-Belġju, fi kwalunkwe każ, għax SNCB aġixxiet bħala investitur privat f'ekonomija tas-suq.

(86) Il-Kummissjoni kellha dubji fuq il-punt jekk l-għotja ta' żmien għall-ħlas għad-dejn eżistenti ta' EUR 63 miljun u l-konverżjoni tagħhom, kif ukoll it-tibdil tal-interessi li jiġu minnhom ta' EUR 11-il miljun, f'kapital soċjali kinux jikkostitwixxu għajnuna tal-Istat. Id-dubji tagħha kienu bbażati fuq ir-responsabbiltà tal-aġir ta' SNCB lejn il-propjetarju tagħha, l-Istat Belġjan, u fuq il-kwistjoni jekk SNCB aġixxietx kif kien jagħmel investirur privat fl-ekonomija tas-suq.

(87) Bl-istess mod, il-Kummissjoni kellha dubji fuq il-punt jekk l-għotja ta' ħlas bil-quddiem li jista' jiġi rkuprat ta' EUR 5 miljun u l-għotja ta' faċilità ta' kreditu ta' 15-il miljun u l-interessi li jiġu minnhom ta' EUR 2,5 miljun f'kapital soċjali, kif ukoll il-kontribuzzjoni mhux finanzjarja, li tikkonsisti fil-holding ta' SNCB f'TRW, ta' EUR 5 miljun ta' kapital soċjali ġdid kinux jikkostitwixxu għajnuna tal-Istat.

(88) Sakemm din l-għajnuna tikkostitwixxi għajnuna fi flus, il-Kummissjoni kellha dubji li din tista' tkun iddikjarata bħala kompatibbli mas-suq komuni bħala għajnuna ta' salvataġġ, għax dawn ingħataw għal perjodu itwal minn 12-il xahar.

(89) Il-Kummissjoni kellha dubji fuq il-kwistjoni li tkun taf jekk l-għajnuna kollha setgħetx tiġi ddikjarata kompatibbli mas-suq komuni bħala għajnuna għal ristrutturazzjoni.

(90) Id-dubji tagħha kienu bbażati fuq l-applikabbiltà rispettiva fiż-żmien tal-linji gwida Komunitarji għall-għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u għar-ristrutturazzjoni ta' intrapriżi f'diffikultà fl-1999 ([9]) (minn issa 'l quddiem "il-linji gwida tal-1999") u l-linji gwida Komunitarji rigward l-għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u għar-ristrutturazzjoni ta' intrapriżi f'diffikultà tal-2004 ([10]) (minn issa 'l quddiem "il-linji gwida tal-2004"), il-karattru suffiċjenti tal-miżuri meħuda biex itaffu, sakemm hu possibbli, l-konsegwenzi mhux favorevoli tal-għajnuna għall-kompetituri, kif ukoll dwar il-limitazzjoni tal-għajnuna għall-anqas possibbli u fuq il-karattru suffiċjenti tal-kontribuzzjoni tal-intrapriża IFB stess għall-għajnuna għar-ristrutturazzjoni.

(91) Il-Belġju ttrażmetta l-kummenti tiegħu permezz ta' ittra fl-14 ta' Frar 2006, li ġiet ikkumplementata b'ittri fid-29 ta' Ġunju, fl-20 ta' Settembru, fis-16 ta' Novembru 2006 u fil-21 ta' Novembru 2006.

(92) Fir-risposta tiegħu, il-Belġju sostna l-pożizzjoni tiegħu fejn skont din, il-miżuri in diskussjoni ma kinux jikkostitwixxu għajnuna, għax dawn ma jistgħux jiġu attribwiti għall-Istat Belġjan, u għax SNCB aġixxiet kif kien jagħmel investitur privat fl-ekonomija tas-suq.

(93) Il-Belġju jikkunsidra għalhekk li jekk il-miżuri in diskussjoni jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat, dawn għandhom jiġu analizzati fuq il-bażi tal-linji gwida għall-għajnuna għas-salvataġġ u għar-ristrutturazzjoni tal- 1999, u mhux fuq il-bażi ta' dawk tal-2004. Wara dan, il-Belġju kkunsidra li l-miżuri huma kompatibbli mas-suq komuni bħala għajnuna għas-salvataġġ u għajnuna għar-ristrutturazzjoni.

([9]) ĠU C 288, 9.10.1999, p. 2.
([10]) ĠU C 244, 1.10.2004, p. 2.

### 3. IL-KUMMENTI TAL-BELĠJU

(94) Il-pożizzjoni tal-Belġju tista' tiġi miġbura kif ġej.

#### 3.1. L-osservazzjonijiet tal-Belġju rigward il-proċedura

(95) L-awtoritajiet Belġjani jinfurmaw lill-Kummissjoni fl-ittra ta' risposta tagħhom li huma għandhom riservi fir-rigward tat-tul tal-proċediment. Dawn jistmaw li għandhom kunfidenza leġittima fir-rigward tal-legalità li proviżorjament jinżammu fis-seħħ il-miżuri tal-irkuprar sad-deċiżjoni finali tal-Kummissjoni fir-rigward tal-pjan ta' ristrutturazzjoni.

(96) Il-komunikazzjonijiet tat-12 ta' Awwissu 2003 (irreġistrata mill-Kummissjoni taħt in-numru NN 9/04) u t-28 ta' Jannar 2005 (irreġistrata mill-Kummissjoni taħt in-numru N 55/05) kellhom, skont l-awtoritajiet Belġjani, l-għan li jipprovdu lill-Kummissjoni l-elementi kollha li jippermettu li jkun verifikat jekk il-miżuri min-naħa ta' SNCB fir-rigward ta' IFB kinux jinkludu jew le għajnuna mill-Istat fis-sens tal-paragrafu 1 tal-Artikolu 87, tat-Trattat. Skont l-awtoritajiet Belġjani, huwa biss fil-każ fejn il-miżuri kkonċernati jkunu kkwalifikati bħala għajnuna mill-Istat li l-Kummissjoni kienet tkun (u ser tkun) mistiedna biex tikkunsidra l-komunikazzjonijiet bħala notifikazzjonijiet fis-sens tal-paragrafu 3 tal-Artikolu 88, tat-Trattat.

(97) L-awtoritajiet Belġjanu jikkunsidraw li, b'mod aktar partikolari, il-komunikazzjoni tat-12 ta' Awwissu 2003 ma kinitx tammetti li l-miżuri ta' rkuprar u ta' ristrutturazzjoni fir-rigward ta' IFB kienu jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat, u l-anqas li l-miżuri ta' salvataġġ jistgħu jiġu kkwalifikati bħala għajnuna mill-Istat mhux notifikata. L-awtoritajiet Belġjani jikkunsidraw li dawn il-miżuri ma kinux ippreżentati għall-obbligu ta' notifika preċedenti u għall-obbligu ta' nuqqas ta' twettiq fis-sens tal-paragrafu 3 tal-Artikolu 88, tat-Trattat.

(98) L-awtoritajiet Belġjani jifformulaw kalkolu analogu fir-rigward tal-komunikazzjoni tat-28 ta' Jannar 2005, li biha l-Belġju informa lill-Kummissjoni b'żjieda tal-kapital supplementari ta' EUR 5 miljun.

#### 3.2. In-nuqqas ta' "għajnuna mill-Istat" fis-sens tal-paragrafu 1 tal-Artikolu 87, tat-Trattat

3.2.1. *In-nuqqas ta' riżorsi tal-Istat.*

(99) Il-Belġju jikkunsidra li la l-miżuri ta' rkuprar, u l-anqas il-miżuri ta' ristrutturazzjoni mogħtija lil IFB ma ġew iffinanzjati minn riżorsi Statali. SNCB kienet tiffinanzja dawn il-miżuri esklussivament permezz tar-riżorsi tagħha stess, mingħajr ma bl-ebda mod tutilizza r-riżorsi Statali.

(100) Skont il-Belġju, il-fatt li SNCB hija intrapriża pubblika fis-sens tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 80/723/KEE tal-Kummissjoni tal-25 ta' Ġunju 1980 rigward it-trasparenza tar-relazzjonijiet finanzjarji bejn l-Istati Membri u l-intrapriżi pubbliċi kif ukoll it-trasparenza finanzjarja f'ċerti intrapriżi ([11]) mhix biżżejjed biex tistabbilixxi li l-miżuri diskussi, li ġew iffinanzjati minn SNCB, kienu ġew iffinanzjati minn riżorsi Statali. Il-Belġju kkunsidra li jaqbel li ssir distinzjoni bejn, min-naħa, ir-riżorsi ta' SNCB stess, li ġejjin mid-dħul iġġenerat mill-attivitajiet tagħha, u min-naħa l-oħra, il-kontribuzzjonijiet kapitali tal-Istat għall-missjonijiet ta' servizz pubbliku ta' SNCB. Minħabba li l-kontribuzzjonijiet kapitali tal-Istat ma kinux biżżejjed biex jiffinanzjaw l-ispejjeż kollha li ntnefqu għall-missjonijiet imsemmija, il-Belġju kkonkluda li huwa eskluż li riżorsi tal-Istat ġew utilizzati minn SNCB għall-iffinanzjar tal-miżuri favur IFB.

(101) Il-Belġju jikkunsidra li l-patrimonju ta' SNCB mhuwiex għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet Belġjani, imma mwettqa għall-għan soċjali ta' SNCB. B'konsegwenza ta' dan, il-Belġju jikkunsidra li dan mhuwiex "għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet pubbliċi", kif teżiġi d-deċiżjoni *Stardust Marine* ([12]).

(102) Fl-aħħarnett, il-Belġju jikkunsidra li kwalunkwe tnaqqis tal-kapital ta' SNCB fir-rigward tal-miżuri mogħtija lill-IFB ma kien ser iġib miegħu l-ebda "telf" għall-Istat, ([13]) minħabba li dan fl-ebda każ ma jirrigwarda riżorsi li kienu ser jitħallsu fil-baġit tal-Istat.

3.2.2. *In-nuqqas ta' responsabbiltà tal-Istat Belġjan.*

(103) F'dak li jirrigwarda l-għotja ta' ħlas bil-quddiem fi flus ta' EUR 2,5 miljun fit-tieni semestru tal-2002, l-awtoritajiet Belġjani jikkunsidraw li d-deċiżjoni ta' SNCB li tagħti dan il-ħlas bil-quddiem ma tistax tii attribwita għall-Istat Belġjan.

(104) Il-Belġju jressaq l-argumenti li ġejjin biex juri n-nuqqas ta' responsabbiltà:

— Id-deċiżjoni strateġika ta' SNCB ta' ristrutturazzjoni tal-intrapriża IFB, pjuttost milli tpoġġiha f'likwidazzjoni, ittieħdet b'mod awtonomu mill-Kumitat tad-Direzzjoni ta' SNCB. Partikolarment, il-futur tas-soċjetà IFB ma kienx suġġett għal studji ordnati fit-tmiem tal-2001 mill-gvern Belġjan għas-soċjetà ABX, l-anqas id-deċiżjonijiet li l-Kunsill tal-Ministri Belġjan adotta rigward ABX fl-2002.

([11]) ĠU L 195, 29.7.1980, p. 35.

([12]) Id-Deċiżjoni tal-Qorti tas-16 ta' Mejju 2002, Franza/Kummissjoni (C-482/99, Ġabra 2002, p. I-4397), deċiżjoni imsejħa "*Stardust Marine*".

([13]) Id-Deċiżjoni tal-Qorti Suprema tas-27 ta' Jannar 1998 fil-kwistjoni T-67/94, Ladbroke Racing, Ġabra 1998, I-1, il-punt 109, ikkonfermat bid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-16 ta' Mejju 2000 fil-kwistjoni C-83/98 P, Ladbroke Racing, Ġabra 2000, I-3271, il-punt 48.

— L-għotja ta' ħlas bil-quddiem lil IFB kienet ġiet deċiża mill-Kumitat tad-Direzzjoni ta' SNCB. Il-Belġju jammetti li l-Kumitat tad-Direzzjoni ddeċieda li jissottometti din il-miżura lill-Kunsill tal-Amministrazzjoni ta' SNCB, imma jikkunsidra li l-għotja tal-ħlas bil-quddiem ma kellhiex bżonn l-approvazzjoni tal-Kunsill tal-Amministrazzjoni ta' SNCB, għax, fir-rigward tad-delegazzjoni tal-poteri tal-Kunsill tal-Amministrazzjoni lill-Kumitat tad-Direzzjoni, dan il-kumitat tal-aħħar kellu l-awtorità li jimpenja lil SNCB għal ammonti li jitilgħu sa EUR 2,5 miljun

— Dan il-ħlas bil-quddiem ma kienz parti minn pjan ta' ristrutturazzjoni jew minn pjan ieħor jew minn miżura li ġiet sottomessa lill-Istat Belġjan jew li dwarha saret kwalunkwe konsultazzjoni mal-Istat Belġjan.

— Fatturi oħra bħalma huma l-importanza relattivament dgħajfa tal-ħlas bil-quddiem u l-karattru proviżorju tiegħu jikkonfermaw ukoll il-konklużjoni li l-għotja ta' dan il-ħlas bil-quddiem ma tistax tiġi attribwita lill-Istat Belġjan.

(105) F'dak li jikkonċerna n-nuqqas ta' ħlas tal-fatturi ta' SNCB minn IFB, l-awtoritajiet Belġjani jikkunsidraw li l-Kunsill tal-Amministrazzjoni ta' SNCB ma ġiex infurmat bil-fatt li IFB ma kienitx għadha tħallas il-fatturi tagħha lil SNCB qabel Diċembru 2002, jiġifieri fil-mument fejn din iddeċidiet il-prinċipju taż-żjieda tal-kapital ta' IFB.

(106) L-awtoritajiet Belġjani jikkunsidraw ukoll li l-azzjoni jew in-nuqqas ta' azzjoni tal-Kunsill tal-Amministrazzjoni, tal-Kumitat tad-Direzzjoni jew tal-Amministratur delegat mhumiex imputabbli lill-Istat Belġjan, kemm jekk dan huwa qabel jew wara l-konklużjoni tal-kuntratt ta' qafas. Dawn jargumentaw li hemm nuqqas totali tal-implikazzjoni tal-Istat Belġjan (fs-sens tal-ġurisprudenza "Stardust Marine") fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjoni ta' SNCB rigward l-għotja ta' miżuri lil IFB.

(107) Fil-fatt, skont l-awtoritajiet Belġjani, il-miżuri mogħtija minn SNCB lil IFB huma miżuri relattivi għas-sussidjarja ta' SNCB li hi stess ma twettaqx missjonijiet ta' servizz pubbliku u li l-anqas ma hija assoċjata mat-twettiq ta' missjonijiet ta' servizz pubbliku ta' SNCB. L-attivitajiet ta' IFB għalhekk ser ikunu attivitajiet esklussivament kummerċjali, barra minn kull missjoni ta' servizz pubbliku. B'hekk, dejjem skont l-awtoritajiet Belġjani, dawn jaħarbu mill-kontroll tal-Istat, għax l-awtoritajiet Belġjani huma miżmuma li jirrispettaw l-awtonomija ta' SNCB għal dak li ma jiddependix minn missjoni ta' servizz pubbliku.

(108) F'dak li jikkonċerna r-rwol tal-Kummissarju tal-Gvern, l-awtoritajiet Belġjani jgħidu li huma qatt ma ngħataw il-fajl ta' IFB u, għaldaqstant, ma setgħux jintervjenu, minħabba li l-Kummissarju tal-Gvern fl-ebda mument ma kien ifformola rimarki dwar il-miżuri li ttieħdu fir-rigward ta' IFB u li l-anqas ma kien maħsub li jkun hemm xi rikors, taħt kwalunkwe forma. Barra minn dan, dawn jippretendu li huma bl-ebda mod ma intervenew fil-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet ta' SNCB rigward IFB, la matul il-perjodu ta' qabel il-konklużjoni tal-kuntratt ta' qafas, u l-anqas matul il-perjodu unterjuri.

(109) F'dak li jikkonċerna t-tliet inċidenti identifikati mill-Kummissjoni fl-ittra tal-ftuħ (il-punti 143 sa 150), jiġifieri s-sottomissjoni tal-pjan ta' ristrutturazzjoni għall-approvazzjoni mill-Istat Belġjan, l-artikoli tal-gazzetti juru influwenza qawwija tal-gvern Belġjan fuq SNCB matul is-sena 2003, u l-firxa, il-kontenut u l-kundizzjonijiet tal-kuntratt ta' qafas, l-awtoritajiet Belġjani jikkunsidraw li dawn l-indizji mhumiex biżżejjed biex tiġi stabbilita r-responsabbiltà fis-sens tal-ġrisprudenza *Stardust Marine*.

(110) F'dak li jikkonċerna l-approvazzjoni tal-pjan ta' ristrutturazzjoni mill-Istat Belġjan, l-awtoritajiet Belġjani jikkunsidraw li din id-dispożizzjoni tal-kuntratt ta' qafas qatt ma kienet tistipula l-awtoritajiet Belġjani jingħataw kwalunkwe kompetenza biex jiġġudikaw il-kontenut tal-pjan ta' ristrutturazzjoni, imma kienet ispirata mill-fatt li SNCB xtaqet li l-pjan ta' ristrutturazzjoni, bħall-kuntratt ta' qafas, jiġi kkomunikat lill-Kummissjoni.

(111) F'dak li jikkonċerna l-artikoli fil-gazzetti, il-gvern Belġjan jikkunsidra li dawn ma jinkludu l-ebda indizju ta' intervent tal-gvern Belġjan f'din il-kwistjoni, għar-raġunijiet li ġejjin:

— fl-artikolu li deher fil-gazzetta La Libre Belgique tad-19 ta' Mejju 2003, l-uffiċċju tal-istampa ta' SNCB jispjega li d-dawl aħdar għall-fajl ta' IFB għadu ma ntalabx mingħand il-Kummissjoni, minħabba li "*il-poter federali jrid jgħid tiegħu*". Skont il-gvern Belġjan, dawn il-kummenti jibbażaw biss fuq il-"komunikazzjoni" tal-miżuri favur IFB mill-Istat Belġjan lill-Kummissjoni;

— fl-artikolu li deher f'La Libre Belgique tat-18 ta' Diċembru 2002 (fil-verżjoni ppubblikata fuq is-sit www.cheminots.be), is-Sur Karel Vinck jissemma' kif ġej: "Huwa għandu flessibbiltà suffiċjenti għall-amministrazzjoni tas-soċjetà". Skont l-awtoritajiet Belġjani, hawn qed nitkellmu dwar dikjarazzjoni li tikkonċerna esklussivament it-twettiq tal-missjonijiet ta' servizz pubbliku ta' SNCB, u li tesprimi l-idea li l-awtoritajiet Belġjani huma kompetenti biex jiftiehmu ma' SNCB rigward objettivi li jridu jitwettqu għat-twettiq tal-missjonijiet ta' servizz pubbliku permezz tat-tgħawwiġ tal-istrument stipulat mil-liġi li huwa l-kuntratt ta' ġestjoni, imma li t-twettiq ta' dawn l-objettivi huwa r-responsabbiltà u l-kompetenza tal-Kunsill tal-Amministrazzjoni ta' SNCB.

(112) Fl-aħħarnett, l-awtortitajiet Belġjani ttrażmettew lil-Kummissjoni dikjarazzjoni bil-miktub tas-Sur Karel Vinck, l-Amministratur-Delegat ta' SNCB fiż-żmien li saru l-fatti, fejn dan jikkonferma n-nuqqas ta' kull implikazzjoni tal-awtoritajiet Belġjani fir-rigward tal-għotja, minn SNCB lil IFB, ta' miżuri ta' rkuprar u ta' ristrutturazzjoni li huma s-suġġett ta' dan il-fajl. Ittra bħal din, iffirmata mis-Sur Vinck fis-17 ta' Novembru 2006, ġiet irċevuta mill-Kummissjoni fil-5 ta' Diċembru 2006.

(113) F'dak li jikkonċerna l-firxa, il-kontenut u l-kundizzjonijiet tal-kuntratt ta' qafas, l-awtoritajiet Belġjani jsostnu l-pożizzjoni tagħhom fejn, anke jekk qed mitkellmu dwar miżuri ta' ristrutturazzjoni importanti għall-futur ta' IFB, l-awtoritajiet Belġjani la jiddisponu minn poter ta' approvazzjoni, la minn poter ta' kontroll tal-fond, u l-anqas mid-dritt li jkunu kkonsultati f'din il-kwistjoni.

3.2.3. *Il-prinċipju tal-investitur privat fl-ekonomija tas-suq*.

(114) Il-Belġju jikkunsidra li, wara r-raġunament żviluppat mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni *ABX Logistics*, ([14]) il-Kummissjoni trid tanalizza separatament, min-naħa, il-fondi li SNCB tat lil IFB biex tiffinanzja d-diżinvestiment tas-sussidjarji Franċiżi u, mill-oħra, l-fondi li SNCB tat lil IFB biex din tiffinanzja t-tkomplija tal-attivitajiet tagħha fil-Belġju.

3.2.3.1. Id-diżinvestiment tal-holdings Franċiżi

(115) Fid-deċiżjoni *ABX Logistics*, il-Kummssjoni kkonfermat li, minħabba li ABX France ma kinitx f'pożizzjoni li ssostnni hi stess l-ispejjeż tal-kanċellazzjoni tal-impenni, SNCB kienet ser taġixxi bħalma kien jagħmel "investitur privat notifikat fl-ekonomija tas-suq" billi tieħu responsabbiltà ta' dawn l-ispejjeż.

(116) Il-Belġju jikkunsidra li l-istess konklużjoni timponi ruħha għal dak li jikkonċerna l-ispiża ta' diżinvestiment, minn IFB, tal-holdings Franċiżi tagħha. Din tipprova turi li għal kull waħda minn dawn is-soċjetajiet, IFB għażlet l-orħos fomola.

(117) Fir-rigward ta' Acimar, il-Belġju pprovda t-tabella li ġejja:

**Acimar – Riorganizzazzjoni ġudizzjarja segwita mil-likwidazzjoni tagħha**

*Sitwazzjoni finanzjarja fl-2002*

*(f'miljuni ta' EUR)*

| | 2001 | 2002 |
|---|---|---|
| Dħul | | |
| EBT | | |
| Total tal-bilanċ (31.12.) | | |
| Kapitali tagħha stess (31.12.) | | |

*Prezz ta' alternattivi*

*(f'miljuni ta' EUR)*

| | Twettiq tal-kuntratt | Riorganizzazzjoni ġudizzjarja |
|---|---|---|
| Cash drain 1.1.2003-31.12.2005 | | |
| Deprezzament tad-djun 31.12.2002 | | |
| Total | – 14,7 | – 3,9 |

*Noti:*

— It-tentattivi li saru matul is-sena 2002 sabiex tinkiseb reviżjoni tal-kundizzjonijiet kuntrattwali fallew; il-kuntratt kien jiskadi fil-31.12.2005.

— It-twettiq tal-kuntratt kien jimplika cash drain annwali importanti

— F'dawn iċ-ċirkostanzi, talba ta' riorganizzazzjoni ġudizzjajra kienet tirrapreżenta l-proċedura l-aktar faċli.

— Matul il-perjodu ta' riorganizzazzjoni, it-telf ta' esplojtazzjoni ġie ffinanzjat mill-klijent

— L-attivitajiet ta' Acimar twaqqfu fl-1.9.2003

([14]) Id-Deċiżjoni tas-7 ta' Diċembru 2005, il-każ C(2005) 4447 (ĠU L 383, 28.12.2006, p. 21).

(118) F'dak li jikkonċerna NFTI-ou, il-Belġju pprovda t-tabella li ġejja:

**NFTIou – Cession**

*Sitwazzjoni finanzjarja fl-2002*

*(f'miljuni ta' EUR)*

| | 2001 (*) | 2002 |
|---|---|---|
| Dħul | | |
| EBT | | |
| Total tal-bilanċ (31.12.) | | |
| Kapitali tagħha stess (31.12.) | | |

(*) mill-1.5.2001 sal-31.12.2001

*Prezz ta' alternattivi*

*(f'miljuni ta' EUR)*

| | Tkomplija | Bejgħ parzjali |
|---|---|---|
| Żjieda fil-kapital + rimbors tal-kreditu ING | | |
| Pjan ta' riorganizzazzjoni | | |
| Cash drain attwali (CH annwali ta' – 3,7 M EUR) (100 % ittra ta' konfort) | | |
| Deprezzament tal-holding | | |
| Deprezzament tad-djun 31.12.2002 | | |
| Prezz tal-bejgħ (1 EUR) – holding ta' 30 % | | |
| Total | – 36,2 | – 18,5 |

*Noti*

— Fuq il-bażi ta' "ittra ta' konfort", IFB kienet obbligata li tinvesti fil-kont kurrenti

— IFB kienet aġixxiet b'kawtela minħabba self mill-bank ta' NFTIou li l-ħlas lura tiegħu kien diġà ntalab minn ING

— F'dawn iċ-ċirkostanzi, IFB innegozjat ma' l-azzjonist l-iehor, il-Port Awtonomu ta' Dunkerque ("PAD")

  — Żjieda fil-kapital ta' NFTIou li parti minnu kien sottoskritt minn IFB;

  — Il-helsien ta' IFB mill-impenni tagħha li ġejjin mill-ittra ta' konfort, u l-impenn ta' PAD li jfittex xerrej għall-bilanċ tal-holding ta' IFB f'NFTIou, fejn it-trasferiment jingħata prezz simboliku lil PAD ta' parti mill-holding ta' IFB f'NFTIou biex din terġa titniżżel għal 30 % (inkluż il-holding miżmuma permezz ta' DPD)

— Il-bejgħ tal-holding li tibqa' ta' 30 % qed iseħħ attwalment

(119) Il-Belġju informa lill-Kummissjoni li l-falliment ta' NFTI-ou qatt ma kien maħsub, minħabba li t-tkomplija tal-attivitajiet ta' NFTI-ou kienet toffri perspettivi ta' profitabbiltà. Skont il-Belġju, il-bejgħ tal-holding ta' IFB ta' 30 % lil CMA-CGM fit-2 ta' Novembru 2006 […] u l-irkuprar integrali tal-kreditu mogħti fil-forma ta' ħlas bil-quddiem f'kont kurrenti juru l-vijabbiltà ta' din is-soċjetà.

(120) F'dak li jikkonċerna IFB France, li wara saret AGEP, il-Belġju pprovda t-tabella li ġejja:

**IFB France (AGEP) – Trasferiment għal NFTI-ou**

*Sitwazzjoni finanzjarja fl-2002*

*(f'miljuni ta' EUR)*

| | 2001 | 2002 |
|---|---|---|
| Dħul | | |
| EBT | | |
| Total tal-bilanċ (31.12.) | | |
| Kapitali tagħha stess (31.12.) | | |

*Prezz ta' l-alternattivi*

*(f'miljuni ta' EUR)*

| | Likwidazzjoni | Trasferiment NFTIou |
|---|---|---|
| Tħassir ta' dejn | | |
| Deprezzament fuq holding | | |
| Qligħ kapitali fuq it-trasferiment ta' l-ishma | | |
| Assi soċjali (14 ETP) | | |
| Total | – 1,7 | – 0,8 |

*Noti*

— Affaċjata b'riskju ta' likwidazzjoni furzata jew b'depożitu tal-bilanċ, IFB innegozjat ma' PAD it-trasferiment tat-titoli ta' IFB France lil NFTIou imma permezz ta' tħassir tad-djun minn IFB

— Il-likwidazzjoni tas-soċjetà kienet toħloq spejjeż ħafna aktar għolja (deprezzament fuq il-holding, riskju ta' nuqqas fl-assi bħala fundatur u/jew diriġent uniku)

(121) Fir-rigward ta' Dry Port Dunkerque, il-Belġju pprovda t-tabella li ġejja:

**Dry Port Dunkerque (DPD) – Likwidazzjoni b'bejgħ parzjali**

*Sitwazzjoni finanzjarja fl-2002*

*(f'miljuni ta' EUR)*

| | 2001 | 2002 |
|---|---|---|
| Dħul | | |
| EBT | | |
| Total tal-bilanċ (31.12.) | | |
| Kapitali tagħha stess (31.12.) | | |

*Press ta' alternattivi*

*(f'miljuni ta' EUR)*

| | Tkomplija | Likwidazzjoni b'bejgħ parzjali ta' l-assi |
|---|---|---|
| Cash drain imwettaq (CH annwali ta' – 0,5 M EUR) (100 % ittra ta' konfort) | | |
| Deprezzament tad-djun | | |
| Deprezzament tal-holding | | |
| Total | – 10,4 | – 7,9 |

*Noti*

— Ittra ta' konfort obbligat lil IFB biex tagħmel depożiti fil-kont kurrenti sabiex tagħmel tajjeb għat-telf ta' ħidma ta' DPD

— Wara d-diżinvestiment f'NFTIou, beda jitfittex xerrej tal-holding f'DPD imma ma seta' jinstab ħadd

— IFB innegozjat il-likwidazzjoni amikevoli ta' DPD, permezz tat-trasferiment għal prezz simboliku tal-holding ta' 8.6 % f' NFTIou

(122) Fir-rigward ta' SSTD, il-Belġju pprovda t-tabella li ġejja:

**SSTD: Čessjoni**

Kuntest:

— IFB kellha hoIding ta' 50 %

— SSTD kellha attività bi qligħ li kompliet sal-bi du ta' 1-2005

— Fit-tmiem tal-2004. SSTD tilfet il-klijent prinċipali tagħha (I i ji rrappreżenta 40 % tad-dħul tagħha)

— Dan il -telf qajjem i d-deċiżjoni tal -bejgħ tal - holding SSTD

— 11 -bejgħ taI - holding sar fil-bidu ta' 1-2005 u twettaq bi qligħ kapitali negliġibbli (impatt pożittiv immanegliġibbli li fuq i I-bżonn ta' finanzjament)

(123) L-awtoritajiet Belġjani jikkonkludu li l-orħos soluzzjoni ġiet magħżula minn IFB fir-rigward tas-sussidjarji Franċiżi.

3.2.3.2. Ir-ristrutturazzjoni u l-kontinwazzjoni tal-attivitajiet ta' IFB fil-Belġju

(124) Fir-rigward tal-iffinanzjar tar-ristrutturazzjoni u tal-kontinwazzjoni tal-attivitajiet ta' IFB fil-Belġju, il-Belġju jqis li SNCB aġixxiet ukoll kif kien jagħmel kreditur/investitur privat infurmat fl-ekonomija tas-suq, għax ir-riżultat finanzjarju tal-alternattiva – it-twaqqif tal-attivitajiet fil-Belġju – għal SNCB kienet tkun ħafna anqas attraenti, minħabba li tiswa aktar.

(125) Il-Belġju ppreżenta il-kalkoli li ġejjin biex juri l-prezz allegat tal-likwidazzjoni tal-attivitajiet ta' IFB fil-Belġju u l-prezz allegat tat-tkomplija tal-attivitajiet, permezz ta' żjieda fil-kapital.

a) ***Il-prezz nett għal SNCB fl-ipoteżi ta' falliment ta' IFB fl-2003***

(126) Il-Belġju ddetermina l-valur attwali ta' IFB mill-bilanċ ta' IFB fil-31 ta' Diċembru 2002. Skont l-awtoritajiet Belġjani, il-valur tal-assi kapitali ta' IFB li setgħu jitwettqu fl-ipoteżi ta' depożitu tal-bilanċ minn IFB f'Jannar 2003 kien jinkludi minn naħa l-assi kapitali tanġibbli u min-naħa l-oħra l-assi kapitali finanzjarji (holdings).

(127) Għall-assi kapitali tanġibbli, il-Belġju għandu ammont ta' EUR 6,9 miljun. Biex jiġġustifika l-kalkolu, il-Belġju jirreferi għall-istudju "Bankruptcy auctions: costs, debt recovery, and firm survival" ([15]), li jikkonkludi li r-rata ta' rkupru tat-total tad-djun f'xenarju ta' falliment huwa ta' 33 % fil-medja. F'kalkolazzjoni tal-assi rkuprati, il-Belġju applika din ir-rata għall-assi kapitali tanġibbli li jidhru fil-bilanċ ta' IFB għal total ta' EUR 20,9 miljun (bl-esklużjoni tal-assi kapitali taħt kostruzzjoni ta' EUR 1,9 miljun, li għalihom ittieħdet rata nulla ta' rkuprar).

(128) Għall-assi kapitali finanzjarji (holdings), il-Belġju beda minn valur ta' EUR 1,9 miljun, li jikkorrispondi għat-total tal-valur tal-kontijiet tagħhom fil-bilanċ ta' IFB fil-31 ta' Diċembru 2002.

([15]) Karin S. Thorburn, Tuck School of Business Administration of Dartmouth College, ippubblikat fil-*Journal of Financial Economics* (#58, 2000), u bbażat fuq analiżi ta' 263 intrapriża fl-Iżvezja.

(129) Għall-assi kurrenti, il-Belġju jipproponi l-istimi ta' valur li ġejjin:

— djun kummerċjali ta' IFB: qed nitkellmu dwar total ta' EUR 25,6 miljun li minnhom 18-il miljun li huma preżunti li ser jiġu rkuprati, li jikkorrispondi għal rata ta' rkuprar ta' 70 % għad-dejn f'terminu qasir; din ir-rata hija bbażata fuq il-medja determinata fl-istudju "Liquidation of Ormet Corporation" ([16])

— dejn ieħor ta' IFB: dan kien jitratta total ta' EUR 7 miljun li EUR 4,5 miljun minnhom huwa preżunt li ser jiġu rkuprati. L-ammont totali ta' EUR 7 miljun jista' jiġi maqsum f'2,5 miljun ta' dejn fuq is-sussidjarji DPD u OCHZ, u 4,5 miljun ta' VAT. Rata ta' rkuprar ta' 100 % hija maħsuba għad-dejn tal-VAT, u rata ta' rkuprar ta' 0 % għaż-żewġ sussidjarji;


— fondi disponibbli u kontijiet ta' regolarizzazzjoni: dan kien jitratta total ta' EUR 6,4 miljun li t-total kollu huwa preżunt li ser jiġi rkuprat.

(130) L-applikazzjoni ta' dawn ir-rati ta' rkuprar kollha tippermetti l-irkuprar totali ta' EUR 37,5 miljun fl-ipoteżi ta' falliment/likwidazzjoni ta' IFB, kif indikat fil-grafika 2.

*Grafika 2*

**Rkuprar tal-assi**

*(F'miljuni ta' EUR)*




| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Rata ta' rkuprar użata (Perċentwali) | 33 | 33 | 33 | 0 | 100 | 0 | 70 | 64 | 100 | 100 |
| Indiċi ta' referenza (*) Perċentwali | 33 | 33 | 33 | — | 100 | — | 55—85 | Ara r-rimarki | — | — |
| Rimarki | Zeebrugges-Berchem | Tagħmir tat-terminali | Essenzjalment vaguni | — | Stmat mill-ġdid fl-2002 | Self lil DPD | | Djun fuq DPD u OCHZ (2,5) + VAT (4,5) | — | — |

(*) Ibbażat fuq ir-rata ta' rkuprar ta' self garantit marbut ma' ċerti tipi ta' garanziji u fuq l-artiklu ta' K.S. Thorburn.

*Sors:* Ġurisprudenza Stat – Uniti; K. Thorburn (2000), "Bankruptc auction: cost, debt recovery, and fir survival", Journal of Financial Economics

([16]) (Ormet Corporation iddepożitat il-bilanċ tagħha fit-30 ta' Jannar 2004 u ppreżentat pjan ta' riorganizzazzjoni fit-tribunali kompetenti f'Settembru 2004). L-awtoritajiet Belġjani jirrimarkaw li r-rata hija pjuttost aktar għolja mir-rata ta' 33 % utilizzata mill-Professur Thorburn fl-istudju tagħha msemmi qabel.

(131) Wara, l-awtoritajiet Belġjani jnaqqsu mill-ammont li jista' jiġi sperat li ser jiġi rkuprat l-obbligazzjonijiet ta' IFB. Dawn l-obbligazzjonijiet ser jitilgħu għal total ta' EUR 76,9 miljun, mingħajr ma jingħadd id-dejn ta' EUR 63 miljun dovuti lil SNCB fir-rigward tal-fatturi mhux imħallsa tal-perjodu 2000-2002. Dawn huma dettaljati hawn taħt:

a) obbligu soċjali: total stmat ta' EUR 2,9 miljun għall-impjegati kollha ta' IFB, wara tnaqqis tal-persunal SNCB sekondat ma' IFB;

b) taxxi, salarji u sigurtà soċjali: total ta' EUR 1,4 miljun dovuti imma mhux imħallsa (il-karta tal-bilanċ fl-1 ta' Jannar 2003);

c) proviżjonijiet u taxxi differenti: ammont totali ta' EUR 34,7 miljun ġie miżmum, fuq total ta' EUR 40,8 miljun inkluż fl-obbligu tal-bilanċ fil-31 ta' Diċembru 2002. Dan iċ-ċaqliq jiġi spjegat mill-punti li ġejjin, li ma kellhomx jiġu impenjati fil-każ ta' likwidazzjoni ta' IFB:

— manteniment tat-terminali: EUR 3,3 miljun;

— manteniment għall-attività ta' loġistika: EUR 0,9 miljun;

— proviżjonijiet għar-ristrutturazzjoni tal-persunal: EUR 1,9 miljun;

d) id-dejn finanzjarju ta' IFB, għal ammont totali ta' EUR 15-il miljun. Id-dejn finanzjarju ta' EUR 15-il miljun, li ġej minn istituzzjonijiet ta' kreditu […], kien garantit minn dejn kummerċjali ta' IFB. Għal din ir-raġuni, u fir-rigward tal-preservazzjoni tal-kreditu ta' SNCB fis-suq bankarju, huwa ċar li dan id-dejn kien ser jerġa' jitħallas lill-istituzzjonijiet ta' kreditu qabel il-ħlas lura eventwali tad-dejn ta' SNCB;

e) id-dejn kummerċjali lil entitajiet oħra apparti SNCB, għal total ta' EUR 22,9 miljun.

Jirriżulta mill-kalkoli preċedenti li l-valur tal-assi netti ta' IFB għal SNCB kien ser jitla', minbarra d-dejn lil SNCB, għall- -EUR 39,4 miljun, jiġifieri l-valur tal-assi rkuprati (EUR 37,5 miljun) li minnhom jitneħħa l-ammont totali tal-impenji tal-obbligazzjonijiet li jridu jiġu onorati (EUR 76,9 miljun), minbarra dejn dovut lil SNCB.

(132) L-awtoritajiet Belġjani jikkunsidraw li, f'każ ta' likwidazzjoni, biex jiġi evitat preġudizzju tassew importanti għar-reputazzjoni kummerċjali tagħha, SNCB kienet ser tassumi l-prezz tal-assi netti negattivi ta' IFB. F'dan ir-rigward, dawn jenfazizzaw li l-maġġor parti tal-krediturі ta' IFB huma wkoll klijenti, fornituri, krediturі, debituri jew sħab ta' SNCB.

(133) Barra minn dan, il-waqfien tal-attivitajiet ta' IFB, kienet, dejjem skont il-gvern Belġjan, tiġġenera obbligu soċjali importanti għal SNCB, li jista' jiġi stmat għal 530 FTE (ekwivalenti-full-time) ([17]). Dawn il-530 FTE jinqasmu kif ġej:

— min-naħa, il-madwar 50 membru tal-persunal ta' SNCB sekondati ma' IFB li kien ikollhom jerġgħu jiġu integrati fi ħdan SNCB fil-każ ta' falliment;

([17]) L-istima tal-obbligu soċjali ma tikkunsidrax ir-riperkussjoni li kien ikollu l-falliment ta' IFB fuq GIE OCHZ għall-obbligu soċjali ta' IFB. Fil-fatt, il-falliment ta' ta' membru ta' GIE iwassal bis-sħiħ għal-likwidazzjoni tal-GIE in kwistjoni.

— min-naħa l-oħra, madwar 480 FTE ta' SNCB li l-attività tagħhom kienet tiddependi fuq it-tkomplija tal-attivitajiet ta' IFB. Din l-istima ġejja mill-kalkolazzjoni li ġejja. Il-parti ta' IFB fid-dħul totali tad-diviżjoni Merkanzija ta' SNCB titla' għal 8,1 %. Dan ir-rapport, applikat għall-persunal kollu ta' SNCB impjegat direttament u indirettament mid-diviżjoni Merkanzija fil-31.12.2002, jindika li madwar 609 FTE kienu jiddependu mill-attività ta' IFB. Minn dawn is-609 FTE, kien maħsub li 129, jiġifieri 21 %, jkunu jistgħu jikkonservaw attività minkejja l-falliment ta' IFB, wara inizjattivi speċifiċi ta' SNCB biex tirkupra parti mit-traffiku ġġenerat qabel minn IFB. Dan il-proporzjon ta' 21 % jikkorrispondi għall-proporzjon ta' impjiegi ta' Sabena li setgħu jiġu salvati bl-introduzzjoni ta' SN Brussels Airlines fl-eventwalità tal-falliment ta' Sabena.

(134) Il-gvern Belġjan jikkunsidra li, minħabba li f'dak iż-żmien SNCB kienet qed tiffinalizza l-preparazzjoni tal-pjan tal-intrapriża tagħha "MOVE 2007", li kien jipprevedi it-tmiem ta' 10 000 post tax-xogħol, jiġifieri kważi kwart tal-persunal tagħha bejn l-2003 u l-2007, l-opportunitajiet ta' klassifikazzjoni mill-ġdid tal-persunal li sar eċċessiv permezz tat-tmiem tal-attivitajiet ta' IFB kienu pratikament nulli, kemm jekk dan jirrigwarda persunal sekondat li ġie lura għal SNCB jew persunal marbut mal-attività Merkanzija li baqgħet ma' SNCB.

(135) Għalhekk, il-gvern Belġjan jipproponi li mal-prezz dirett tal-assi netti negattivi ta' IFB jiżdied il-prezz tal-eċċess fil-persunal iġġenerat b'dan il-mod lil SNCB matul tal-anqas il-perjodu ta' ħames snin bejn l-2003 u l-2007. B'nefqa għal salarji b'medja ta' EUR 46 200 għal kull FTE u għal kull sena […], in-nefqa totali ta' dan l-obbligu soċjali għalhekk jitla' għal EUR 122,4 miljun.

(136) Biex jiġġustifika din il-kalkolazzjoni, il-Belġju jispjega l-ewwel li l-persunal ta' SNCB li sar eċċessiv minħabba t-tmiem tal-attivitajiet ta' IFB ma setax jitkeċċa, minħabba li dan il-persunal kellu l-istat ta' "impjegat tal-istat". ([18])

(137) Wara l-laqgħa ta' ħidma tal-1 ta' Ġunju 2006, l-awtoritajiet Belġjani ttrażmettew lill-Kummissjoni xenarju anqas pessimista għall-kalkolazzjoni tal-assi netti u tal-obbligu soċjali li kien ikun appoġġjat minn SNCB f'każ ta' likwidazzjoni ta' IFB. Dan ix-xenarju jipproponi ż-żewġ bidliet li ġejjin:

— SNCB ma kinitx tħallas id-dejn kollu, imma biss dawk tal-krediturі li kienu klijenti […], fornituri […] jew sħab […] ta' SNCB; f'tali ipoteżi, l-ammont tal-obbligu ta' IFB li kien ser jitħallas minn SNCB kien ser jitla' għal EUR 13-il miljun […];

— ix-xerrej potenzjali tal-attivitajiet ta' IFB kienet ser tkompli tutilizza fil-parti l-kbira s-servizzi ta' SNCB; f'tali ipoteżi 79 % tas-609 FTE impjegati minn SNCB u magħmula bħala appoġġ indirett għall-attivitajiet ta' IFB, setgħu jipproteġu l-impjieg tagħhom; f'ipoteżi bħal din, l-eċċess soċjali li SNCB hija responsabbli għalih kien ikun limitat għal EUR 41,1 miljun (dan l-ammont tal-aħħar jikkorrispondi għan-nefqa tas-salarji ta' 50 FTE sekondati minn SNCB għand IFB kif ukoll 21 % tas-609 FTE imsemmija qabel).

([18]) Fil-fatt, ir-regoli tal-istat ta' SNCB ma jistipulawx il-possibbiltà li jitkeċċa l-persunal tal-istat tagħha, ħlief matul il-perjodu ta' probation jew fil-qafas ta' proċedura dixxiplinari.

(138) In-nefqa totali li kienet ser issostni SNCB fil-każ ta' likwidazzjoni ta' IFB f'dawn iż-żewġ xenarji, hekk kif stmat mill-awtoritajiet Belġjani, hija murija fit-tabella li ġejja:

| | Prezz nett – ammonti miżmuma fir-risposta | Differenza fl-ipoteżi "ottimisti" | Prezz nett – ammonti adattati |
|---|---|---|---|
| Total tal-assi | 64,6 | | 64,6 |
| Assi mhux irkuprati | – 27,1 | | – 27,1 |
| Spejjeż soċjali | – 2,9 | | – 2,9 |
| Taxxi, remunerazzjonijiet u sigurtà soċjali | – 1,4 | | – 1,4 |
| Dispożizzjonijiet u taxxi diferiti | – 34,7 | | – 34,7 |
| Dejn prijoritarju u dejn finanzjarju ieħor | – 15 | | – 15 |
| *Dejn kummerċjali mhux SNCB* | *– 22,9* | *9,9* | *– 13* |
| Valur tal-irkuprar | – 39,4 | | – 29,5 |
| *Obbligu soċjali lil SNCB* | *– 122,4* | *81,3* | *– 41,1* |
| Prezz nett għal SNCB ta' depożitu tal-bilanċ minn IFB | – 161,8 | | – 70,6 |

b) ***Valorizzazzjoni ta' IFB f'xenarju ta' tkomplija tal-attività***

(139) Il-Belġju jipproponi li jikkalkula l-valur ta' IFB fl-ipoteżi "tkomplija tal-attività" skont il-metodu ta' cash-flows liberi attwali ("discounted cash flows" jew "DCF"). Il-parametri miżmuma għal din l-analiżi huma dawn li ġejjin:

(140) L-analiżi DCF fuq 10 snin hija bbażata fuq il-bilanċ ta' IFB fil-31 ta' Diċembru 2002, kif ukoll fuq il-pjan ta' ristrutturazzjoni elaborat fi Frar-Marzu 2003, li jinkludi tbassir sat-tmiem tal-2005. Għas-sena 2006, fil-mument fejn ir-ristrutturazzjoni ta' IFB twettaq l-istabbilizzazzjoni tal-intrapriża, ir-riżultat tal-esplojtazzjoni ġie ffissat f'livell ta' 3,2 % tad-dħul. Mill-2006, l-ipoteżi ta' xogħol huwa ta' tkabbir annwali ta' 3 % tad-dħul li, b'marġini kostanti, iwassal għal rata ta' tkabbir ta' riżultat qabel it-taxxa ta' 3 %. Il-cash flows liberi li jirriżultaw minn dan jitwettqu b'nefqa medja meqjusa tal-kapital (WACC) ta' 8 %. Il-valur tat-terminali ġie kkalkulat fl-ipoteżi ta' tkabbir perpetwu ta' 3 %.

(141) Dawn il-kalkoli jwasslu għal valorizzazzjoni tal-intrapriża ta' madwar EUR 29,1 miljun (minbarra holdings u proviżjonijiet), kif turi l-grafika 4.

*Grafika 4*

**Il-valur ta' IFB fuq il-bażi tal-cash-flows imwettqa ipoteżijiet u riżultati**

*(Eluf ta' EUR)*

Ipoteżijiet

— Il-cash-flows huma kkalkulati fuq il-bażi tar-riżultati qabel it-taxxi li jinstabu fil-pjanijiet ta' ristrutturazzjoni tal-2003, li t-tbassir tagħhom jibqa' sejjer sat-tmiem tal-2005

— Ir- riżultati ġew emendati kif ġej:

  — Fl-2006, marġini netta bi preżunzjoni 3,2% (*) (li jikkorispondi għal riżultat it-taxxa ta' 1 800 000 EUR)

  — Mill-2006, rata ta' tkabbir tar-riżultat qabel it-taxxa bi preżunzjoni ta' 3% (*)

  — L-ebda taxxa

  — Ħlasijiet ta' interessi ta' 527 000 EUR fl-2003 bi preżunzjoni li huma kostanti u miżjuda mar-riżultat

  — Deprezzament bi preżunzjoni li kostanti fuq il-bażi tal-informazzjoni l-2002; miżjuda mar-riżultat

  — Infieq f' kapital bi preżunzjoni li hu fuq il-bażi tad-deprezzament; imnaqqsa biex jibbilanċjaw id- deprezzament

  — Evoluzzjoni tal-kapital kurrenti bbażata fuq rata ta' tkabbir ta' 3% mill-2004

— Il-cash-flows huma kkalkulati fuq 10 snin, u mwettqa bi prezz medju maħsub skont il-kapital ta' 8% (*)

| Analiżi tal-cash-flows | 2003 | 2004 | 2005 | 2006 | 2012 |
|---|---|---|---|---|---|
| — Riżultat qabel it-taxxa | (5 100) | 200 | 1 000 | 1 800 | 2 149 |
| — Taxxa | — | — | — | — | — |
| — Żid il-ħlas tal-interessi | 527 | 527 | 527 | 527 | 527 |
| — Riżultati qabel interessi u taxxa | (4 573) | 727 | 1 527 | 2 327 | 2 676 |
| — Żid id-deprezzament | 6 286 | 6 286 | 6 286 | 6 286 | 6 286 |
| — Eċċess totali ta' l-użu (**) | **1 713** | **7 013** | **7 813** | **8 613** | **8 962** |
| — Investimenti fi | | | | | |
| — Infiq f'kapital | (6 286) | (6 286) | (6 286) | (6 286) | (6 286) |
| — Kapitali kurrenti | 996 | (281) | (290) | (299) | (357) |
| — Cash-flows ħielsa | **(3 577)** | **446** | **1 237** | **2 028** | **2 320** |
| — VAN (***) ta' cash-flows ħielsa | **6 962** | | | | |
| — Valur terminali mwettaq | **22 135** | | | | |
| — Valur tal-intrapriża | **29 096** | | | | |


(*) Prattika tal-industrija.
(**) EBITDA.
(***) Valur imwettaq nett.

(142) Skont il-gvern Belġjan, analiżi bbażata fuq differenzjali (skont riżultati miksuba fl-2005) tikkonferma l-valorizzazzjoni miksuba fuq il-bażi tal-metodu DCF. Fil-fatt, il-valorizzazzjoni tad-"differenzjali" (b'differenzjali aktar prudenti mill-medja tas-settur) tindika valur ta' intrapriża ta' madwar EUR 28,7 miljun, kif turi l-grafika 5.

*Grafika 5*

**Il-valur ta' l-intrapriża IFB**

*(Miljuni ta' EUR)*




*Sors:* IFB; Analyst reports

(143) Il-gvern Belġjan jikkunsidra li r-riżultati reali miksuba minn IFB fis-snin 2003, 2004 u 2005 jikkonfermaw li l-valorizzazzjoni DCF, u l-ipoteżijiet li din tistrieħ fuqhom, kienet realista.

(144) Il-gvern Belġjan jikkunsidra li jaqbel li jiżdied il-valur ta' IFB ikkalkulat mingħajr holdings u dispożizzjonijiet tal-holdings li għandha IFB, jiġifieri EUR 1,9 miljun, kif ukoll imdaħħla fil-kontijiet mal-assi tal-bilanċ ta' IFB fil-31 ta' Diċembru 2002.

(145) It-total tal-valur tal-intrapriża ta' IFB, inkluż il-holdings, kienet ser titla' għalhekk għal EUR 31 miljun fid-data tal-31 ta' Diċembru 2002.

(146) Minn dan il-valur tal-intrapriża jaqbel, dejjem skont il-gvern Belġjan, li jitnaqqas il-vaur tal-proviżjonijiet, stmat għal EUR 34,2 miljun ([19]), kif ukoll id-dejn finanzjarju li tela' għal EUR 15-il milljun.

(147) Minn dan jirriżulta valur nett ta' - EUR 18,2 miljun għall-holding ta' SNCB f'IFB fix-xenarju ta' tkomplija tal-attività. Dan il-kalkolu huwa muri fil-grafika 6.


(148) Bħal fl-istima preċedenti tan-nefqa sostnuta minn SNCB f'każ ta' likwidazzjoni ta' IFB, il-kalkoli preċedenti ma jikkunsidrawx id-dejn ta' EUR 63 miljun li jirriżulta mill-fatturi mhux imħallsa matul il-perjodu inkluż bejn l-2000 u l-2002.

([19]) Dan il-valur ġej mit-twettiq tal-cash-flows marbuta mal-proviżjonijiet ta' EUR 40,8 miljun stipulati fil-bilanċ tal-31 ta' Diċembru 2002.

*Grafika 6*

**Evalwazzjoni tal-għażla investiment, jan 2003**

*(Miljuni ta' EUR)*




(*) VAN tat-total tal-proviżjonijiet li jinstabu fil-bilanċ tat-tmiem ta' l-2002 imħallsa bejn l-2003 u l-2006

*Sors:* IFB

c) ***Tqabbil bejn iż-żewġ xenarji u konklużjoni***

(149) Wara l-analiżi li saret mill-gvern Belġjan, iż-żewġ xenarji għalhekk jagħtu r-riżultati li ġejjin:

— in-nefqa netta għal SNCB ta' falliment u ta' likwidazzjoni ta' IFB tkun telf nett ta' EUR 161,8 miljun (imniżżla għal EUR 70,6 miljun fl-istima riveduta);

— id-deċiżjoni tal-investiment ta' EUR 15-il miljun li jippermettu lil IFB biex tkompli l-attività tagħha, kienet twassal għal tnaqqis konsiderevoli tal-qerda tal-valur għal SNCB, li allura kienet tirrappreżenta EUR 18,2 miljun, li jirrappreżenta qligħ ta' EUR 143,6 miljun meta mqabbel max-xenarju ta' falliment u ta' likwidazzjoni (EUR 52,4 miljun mqabbla mal-istima riveduta).

(150) Għalhekk il-gvern Belġjan jikkunsidra li SNCB, bl-għotja tal-miżuri diskussi, kienet aġixxiet kif kien jagħmel investitur privat f'ekonomija tas-suq.

3.2.4. *In-nuqqas ta' tgħawwiġ tal-kompetizzjoni.*

(151) Fl-aħħarnett, il-Belġju jikkunsidra li, f'dak li jirrigwarda l-parti tal-miżuri li sservi biex tiffinanzja d-diżinvestiment tas-sussidjarji Franċiżi, assistenza li l-ammont huwa strettament limitat għan-nefqa realment imħallsa wara l-waqfien ta' attività ma tistax tiġi kkunsidrata li twassal għal tgħawwiġ tal-kompetizzjoni. Għalhekk, din il-parti tal-finanzjament ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tal-paragrafu 1 tal-Artikolu 87, ukoll għal din ir-raġuni.

3.3. **Il-kompatiblità tal-miżuri ta' salvataġġ mal-linji gwida**

3.3.1. *IFB mhix intrapriża maħluqa dan l-aħħar*

(152) Il-Belġju jikkunsidra li minħabba li IFB ġiet imwaqqfa fl-1923 u miksuba, permezz ta' amalgamazzjoni permezz ta' takeover, soċjetà kif ukoll fergħa ta' attivitajiet fl-1998 (ara d-deskrizzjoni fit-2 arti ta' din id-deċiżjoni), ma jistax jiġi kkuntestat li IFB ilha tgawdi minn personalità ġuridika għal aktar minn 80 sena, u għalhekk ma tistax tii kkunsidrata bħala "intrapriża maħluqa dan l-aħħar".

3.3.2. *Il-miżuri ta' salvataġġ huma kompatibbli mal-linji gwida tal- 1999*

(153) Skont il-gvern Belġjan, iż-żmien ta' aktar minn tnax-il xahar tal-miżuri ta' salvataġġ ma kienx ser ikollu bħala konsegwenza l-esklużjoni tal-kompatibbiltà tagħhom mas-suq komuni fuq il-bażi tal-linji gwida tal-1999. Il-Belġju jikkunsidra li SNCB żammet il-miżuri ta' salvataġġ bl-uniku għan li jkopru l-perjodu neċessarju għall-Kummissjoni biex tieħu deċiżjoni finali fuq dan il-fajl.

(154) Minħabba li l-punt 24 tal-linji gwida tal-1999 jistipula li l-awtorizzazzjoni tal-miżuri ta' salvataġġ tibqa' tgħodd sakemm il-Kummssjoni tiddikjara fuq il-pjan ta' ristrutturazzjoni, l-awtoritajiet Belġjani jitolbu lill-Kummissjoni li ma tibbażax fuq iż-żmien tal-proċedura ta' approvazzjoni tagħha għall-miżuri ta' salvataġġ biex tikkuntesta ż-żmien ta' manteniment ta' dawn il-miżuri, u biex tapprova, fuq il-bażi tal-punt 24 tal-linji gwida tal-1999, il-miżuri ta' salvataġġ.

(155) L-awtoritajiet Belġjani jikkunsidraw li s-sospensjoni taż-żjieda tal-kapital matul l-istruzzjoni tal-Kummissjoni kienet tinkludi neċessarjament il-manteniment, b'titolu proviżorju u revokabbli, taż-żmien tal-ħlas mogħti lil IFB il-qafas tal-miżuri ta' salvataġġ, għax l-unika alternattiva kienet tkun id-depożitu tal-bilanċ. Finalment, skont l-awtoritajiet Belġjani, matul l-proċediment tagħha, il-Kummissjoni qatt ma esprimiet rservi rigward il-manteniment proviżorju tal-miżuri ta' salvataġġ.

3.3.3. *Il-miżuri ta' ristrutturazzjoni huma kompatibbli mal-linji gwida tal-1999*

3.3.3.1. L-applikabbiltà tal-linji gwida tal-1999.

(156) Il-Belġju jikkunsidra li l-impenn ta' SNCB li tissottoskrivi għaż-żjieda tal-kapital ta' IFB huwa l-analiżi fil-qafas tal-linji gwida tal-1999 u mhux tal-2004.

(157) Biex jiġġustifika din il-pożizzjoni, il-Belġju jsostni li ż-żewġ kundizzjonijiet stabbiliti mill-Kummissjoni fil-punt 240 tad-deċiżjoni tal-ftuħ għall-applikabbiltà tal-linji gwida tal-1999 huma sodisfatti. Biex niftakru, fil-punt 240 tad-deċiżjoni tal-ftuħ, il-Kummissjoni kkonkludiet, fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-punti 102 sa 104 tal-linji gwida tal-2004 għal dan il-fajl, li "jekk SNCB tiddeċiedi li ma tagħtix vantaġġ ġdid lil IFB, u jekk jiġi ppruvat li SNCB kienet impenjata li tbiddel id-dejn tagħha f'kapital qabel il-pubblikazzjoni tal-linji gwida tal-2004, il-Kummissjoni jkollha teżamina, fid-deċiżjoni finali tagħha, l-għajnuna mogħtija minn SNCB lil IFB fuq il-bażi tal-linji gwida tal-1999".

(158) Fir-rigward tal-ewwel kundizzjoni, il-Belġju josserva li huwa rtira, permezz tar-risposta tiegħu għall-ittra tal-ftuħ, iż-żjieda tal-kapital addizzjonali notifikat fit-28 ta' Jannar 2005, u li għaldaqstant, l-ewwel kundizzjoni kienet sodisfatta.

(159) Fir-rigward tat-tieni kundizzjoni, il-Belġju jikunsidra li ma jistax jiġi kkuntestat li ż-żjieda ta' kapital ta' IFB attwalment propost ser iseħħ kif miftiehem mill-partijiet, taħt il-kundizzjoni ta' sospensjoni tal-ftehim tal-Kummissjoni, fil-kuntratt ta' qafas tas-7 ta' April 2003.

(160) Bex jenfasizzaw dan il-punt, l-awtoritajiet Belġjani jiġbdu l-attenzjoni tl-Kummissjoni dwar:

— il-punt 4 tad-daħla tal-kuntratt ta' qafas tas-7 ta' April 2003, li jikkonferma li l-kunsill tal-amministrazzjoni ta' SNCB kien diġà approva l-għotja ta' żjieda fil-kapital ta' IFB;

— l-Artikolu 4 tal-istess kuntratt, li jikkonferma l-intenzjoni reċiproka tal-partijiet li jipproċedu għal żjieda ta' kapital ta' IFB;

(161) Fir-rigward tat-tieni punt, l-awtoritajiet Belġjani jfakkru li fil-liġi tal-Belġju (il-liġi applikabbli għall-kuntratt ta' qafas), kuntratt jibda mill-volonta tal-partijiet kontraenti, u li għalhekk, l-Artikolu 4 tal-kuntratt ta' qafas kien jikkonferma espressament u mingħajr l-ebda dubju il-ftehim tal-volontà ta' SNCB u ta' IFB li jipproċedu għal żjieda tal-kapital ta' IFB permezz ta' konverzjoni f'kapital tad-dejn ta' SNCB fuq IFB b'mod retroattiv fis-7 ta' April 2003.

(162) L-awtoritajiet Belġjani jfakkru li, fil-liġi tal-Belġju, l-obbligazzjonijiet soġġetti għal kundizzjoni sospensiva jibqgħu jorbtu bis-sħiħ, u t-twettiq tal-kundizzjoni ta' sospensjoni għandu effett retroattiv fuq il-kuntratt li jidħol fis-seħħ fid-data li jiġi ffirmat.

3.3.3.2. Miżuri li jtaffu kemm hu possibbli t-tgħawwiġ tal-kompetizzjoni.

(163) L-awtoritajiet Belġjani jsostnu b'mod ġenerali li l-partijiet tas-suq ta' IFB huma sew anqas minn 10 % fuq is-swieq konċernati f'dan il-każ. Għalhekk dawn jikkunsidraw li l-effetti kontra l-kompetizzjoni li jirriżultaw mill-għajnuna statali in kwistjoni ma jistgħux jiġu kkunsidrati bħala sinifikanti. Dawn ifakkru partikolarment li skont il-punt 36 tal-linji gwida tal-1999, "jekk waħda jew iż-żewġ partijiet [tas-] suq [in kwistjoni] miżmuma mill-intrapriża [benefiċjarja tal-għajnuna] huma negliġibbli, irid ikun stmat li m'hemm l-ebda tgħawwiġ mhux ġustifikat tal-kompetizzjoni" ([20]), u li, għall-applikazzjoni tal-paragrafu 1 tal-Artikolu 81, tat-Trattat, il-Kummissjoni tikkunsidra l-effetti kontra l-kompetizzjoni tal-ftehim konkluż minn intrapriżi li għandhom partijiet tas-suq inferjuri għal 10 % bħala insinifikanti ([21]).

(164) Fir-rigward ta' dak li jikkonċerna partikolament l-attivitajiet ta' IFB Logistics u ta' IFB Terminal, l-awtoritajiet Belġjani jagħmlu l-osservazzjonijiet li ġejjin:

(165) *Il-miżuri li jtaffu fuq is-suq ta' trażbord ta' merkanzija.* Il-gvern Belġjan josserva li l-parti ta' IFB fis-suq tat-terminali tar-reġjun ta' Anvers huwa inferjuri għal 7 %, u li s-suq tat-terminali f'dan ir-reġjun irreġistra, matul il-perjodu 2002-2005, rata ta' tkabbir ta' 10,7 % fis-sena bħala medja, fil-waqt li l-volumi trasportati minn IFB żdiedu biss 4,1 % fis-sena bħala medja.

(166) Il-gvern Belġjan iżid mill-ġdid li għall-implimentazzjoni tal-pjan ta' ristrutturazzjoni, IFB naqqset il-kapaċità tagħha ta' trażbord b'mod konsiderevoli, kif deskritt fit-tieni parti tal-ittra tal-ftuħ (il-punti 25 sa 29). Peress li fiċ-ċirkostanza, bl-eċċezzjoni tat-terminal DPD, l-assi kollha mibjugħa għadhom jintużaw sal-lum, l-awtoritajiet Belġjani jikkunsidraw li t-trasferimenti jridu jiġu kkunsidrati bħala miżuri ta' kumpens reali u sostanzjali. Skont il-gvern Belġjan, it-trasferimenti kollha jirrappreżentaw tnaqqis tal-kapaċità ta' IFB ta' 1,5 miljun TEU fl-2002 għal 1,1 miljun TEU fit-tmiem tal-2005, jiġifieri tnaqqis ta' 27 %.

([20]) Ara l-linji gwida tal-1999, i-punt 36.
([21]) Ara partikolarment il-linji gwida li jikkonċernaw l-applikazzjoni tal-paragrafu 3 tal-Artikolu 81, tat-Trattat ĠU C 101, 27.4.2004, p. 97, b'mod partikolari l-punt 24.

(167) L-awtoritajiet Belġjani jżidu li l-implimentazzjoni tal-pjan ta' ristrutturazzjoni minn IFB ma kellux miegħu miżuri ta' prezz li kellhom l-għan jew l-effett li jżidu s-sehem tas-suq ta' IFB. Dawn josservaw li IFB żiedet il-prezzijiet tagħha b'medja ta' 4,2 % ([22]), filwaqt li r-rata annwali medja tal-inflazzjoni industrijali kienet ta' 1,9 %.

(168) Il-miżuri li jtaffu fuq is-suq tal-loġistika. L-ittra tal-ftuħ tikkunsidra (il-paragrafi 258-260) li l-miżuri "proposti" ma jikkonċernawx is-suq tal-loġistika, u li IFB seta' jżid il-volum tiegħu fuq dan is-suq. L-awtoritajiet Belġjani jippreżentaw ħames argumenti biex juru li l-miżuri li jtaffu suffiċjenti ittieħdu fuq is-suq tal-loġistika.

(169) L-ewwelnett, IFB kienet ser tieħu miżuri li wasslu għal tnaqqis tal-kapaċità tagħha fuq is-suq tal-loġistika. Fil-fatt, in-numru totali ta' vaguni li huma ta' IFB jew li huma suġġetti għal kera għal żmien twil, naqas minn 744 unitajiet fl-2002 ([23]) għal 377 unitajiet fil-bidu tal-2006 ([24]). Għalhekk qed nitkellmu dwar tnaqqis ta' 49 %.

(170) It-tnaqqis tal-kapaċità loġistika ta' IFB tirriżulta ukoll mill-fatt li l-holding ta' IFB fis-soċjetà CNC (attwalment Naviland Cargo) iddgħajfet, biex niżlet minn 10 % fl-2002 għal 2 % fil-preżent.

(171) It-tieninett, l-awtoritajiet Belġjani jikkunsidraw li l-parti tas-suq ta' IFB fuq is-suq tal-loġistika hija tassew anqas minn 5 %, li kieku wieħed kellu jillimita l-firxa ġeografika ta' dan is-suq għat-territorju Belġjan. Jaqbel għalhekk, fir-rigward tal-punt 36 tal-linji gwida, li wieħed jistaqsi jekk l-effetti kontra l-kompetizzjoni li jirriżultaw mill-għajnuna mill-Istat imsemmija jistgħu jitqiesu bħala sensibbli. Skont l-awtoritajiet Belġjani, IFB l-anqas tista' tiġi kkunsidrata bħala kapaċi li teżerċita influwenza sensibbli fuq l-effett tal-kompetizzjoni fuq is-suq tal-loġistika. Għall-istess raġuni, it-tgħawwiġ tal-kompetizzjoni li jirriżulta mill-għajnuna li qed jibbenefika minnha IFB ftit li xejn jista', skont il-gvern Belġjan, jiġi kkunsidrat bħala sensibbli, minħabba li huma biss il-miżuri tassew limitati li jidhru neċessarji sabiex itaffu l-konsegwenzi negattivi għall-kompetituri ta' IFB.

(172) It-tieletnett, l-awtoritajiet Belġjani jipproponu li l-evoluzzjoni tal-attività loġistika ta' IFB titpoġġa fil-perspettiva, sabiex jaġġustaw radikalment l-affirmazzjoni tal-Kummissjoni skont liema IFB setgħet "*ippruvat iżżid il-volum tagħha fuq dan is-suq b'mod importanti*" matul il-perjodu msemmi. Fil-fatt, skont l-awtoritqajiet tal-Belġju, wieħed għandu jikkunsidra l-fatti li ġejjin:

— għas-settur tat-trasport kumbinat (intermodali), il-volumi trasportati minn IFB raw żjieda annwali għal-ammont ta' 9.9 % matul il-perjodu 2002-2005, li hija inferjuri għaż-żjieda annwali medja ta' 12 % osservata fir-reġjun ARA għall-istess perjodu;

— fis-settur tat-trasport konvenzjonali, IFB tipparteċipa b'mod tassew marġinali, anke meta wieħed iqis li s-suq huwa limitat għall-Belġju. Fil-fatt, il-parti ta' IFB hija inferjuri għal 1 % kemm bħala volum u kemm bħala valur.

(173) Min-naħa l-oħra, parti miż-żjieda fid-dħul ta' IFB fl-attività loġistika tagħha toriġina, skont il-gvern Belġjan, miż-żjieda tas-sottosettur "bulk" (trasport fi kwantitajiet kbar). Fl-2003, id-dħul imwettaq minn IFB permezz tat-trasport fi kwantitajiet kbar) jirrappreżenta biss EUR 3,3 miljun. Madankollu, fl-2004, IFB kisbet żewġ kuntratti ta' trasport bi kwantitajiet kbar ta' volum importanti. L-ewwelnett, kuntratt ta' trasport ta' faħam […]li ġġenera dħul […] fl-2004 u […] fl-2005. It-tieninett, kuntratt ta' trasport bi kwantitajiet kbar ta' granuli li wassal għal żjieda fid-dħul […] fl-2004 u […] fl-2005. IFB ser jirnexxiela tagħmel marġini benefiċċjali fuq dawn iż-żewġ kuntratti, li jikkonferma n-nuqqas ta' prattiki anti-kompetittivi fi ħdan l-IFB.

([22]) Il-medja taż-żidiet tal-prezz inkisbet bi ħsieb dwar it-terminali skont id-dħul tagħhom.
([23]) IFB kienet propjetarja ta' 368 vaguni u kienet ikkonkludiet il-kiri għal tul ta' żmien għal 376 vaguni oħra.
([24]) Fil-bidu tal-2006 IFB kienet propjetarja ta' 204 vaguni u kienet ikkonkludiet kuntratti għall-kiri għal tul ta' żmien għal 173 vaguni oħra.

(174) Ir-rabanett, il-gvern tal-Belġju jikkunsidra li l-ftuħ tat-terminali ta' IFB għall-kompetituri tagħha fis-suq tal-loġistika għandu jitqies ukoll bħala miżura li ttaffi importanti.

(175) Il-ħamesnett, il-gvern Belġjan jikkunsidra li t-tgħawwiġ limitat tal-kompetizzjoni li jista' jitqies li jirriżulta mill-għajnuna għar-ristrutturazzjoni ta' IFB huwa mnaqqas ukoll mill-fatturi li ġejjin:

— il-liberalizzazzjoni tat-trasport ta' merkanzija permezz tal-ferrovija fil-Belġju. Fil-fatt l-awtoritajiet Belġjani, f'konformità mar-regoli Ewropej applikabbli, fetħu dan is-suq għall-kompetizzjoni (minn Marzu 2003 għat-trasport internazzjonali, wara l-liberizzazzjoni totali fl-1 ta' Jannar 2007). ([25]) Dan il-ftuħ ma naqasx milli jipproduċi effetti, kif juru l-attivitajiet tas-soċjetajiet DLC u, aktar reċentement, Fret SNCF. Fid-deċiżjoni tagħha N 386/2004, Fret SNCF, il-Kummissjoni kkunsidrat tali liberalizzazzjoni bħala miżura ta' kumpens għall-kompetituri;

— diversi kompetituri oħra ta' SNCB/IFB (li fosthom hemm Rail4Chem, Railion Nederland, TrainSport, DFG, EWS, Connex u ACTS) diġà rċevew jew probabbilment dalwaqt ser jirċievu, il-liċenzji tagħhom għall-użu;

— SNCB (B-Cargo) diġà tipprovdi servizzi ta' rmonk lil kompetituri ta' IFB, kemm jekk dawn huma fornituri ta' trasport kumbinat (*intermodali*) bħalma huma HUPAC, CNC (Naviland Cargo), Conliner, Danzas / DHL Express Cargo u ICF, jew fornituri ta' servizzi ta' "forwarding" bħalma huma Transfesa, K+N, Nauta, NTR, Panalpina, Rail&Sea, Railog, Chemfreight, Rhenania, TMF, Gondrand, RME Chem, RME fret u East Rail Expedition;

— kif innutat il-Kummissjoni fid-deċiżjoni tagħha fil-każ N 386/2004, Fret SNCF, il-kundizzjonijiet bejn ferrovija u t-triq mhumiex identiċi, għad-detriment tal-ferrovija.

(176) Skont il-gvern tal-Belġju, il-miżuri ta' liberalizzazzjoni wasslu għal tkabbir sostanzjali tal-kapaċità fuq is-suq tal-loġistika, kif turi l-attività tal-kompetituri ta' IFB matul il-perjodu 2003-2005. Skont il-gvern tal-Belġju, il-kompetizzjoni hija kkonċentrata fis-settur intermodali, fejn ħames kompetituri ta' IFB introduċew total ta' 12-il ftehim ġdid f'dan il-perjodu.

3.3.3.3. Il-limitazzjoni taż-żjieda tal-kapital għall-minimu possibbli.


(177) Skont il-gvern tal-Belġju, SNCB u IFB ipproċedew għal analiżi approfondita tal-bżonnijiet ta' IFB f'kapital fuq il-bażi tar-riżultati tal-31 ta' Diċembru 2005 u l-proviżjonijiet għas-sena 2006. L-għan kien li IFB tkun tista' tkompli dawn l-attivitajiet fis-swieq ta' trażbord ta' merkanzija u ta' loġistika b'rata ta' likwidità li tista' titqabbel ma' dik tal-kompetituri tagħha f'dawn is-swieq.

(178) Fir-rigward tal-informazzjoni trażmessa qabel id-deċiżjoni tal-ftuħ (ara l-punti 265 sa 269), SNCB u IFB ġabru informazzjoni supplementari dwar ir-rati medji ta' likwidità għal, min-naħa, l-kompetituri ta' IFB li jużaw terminali u, min-naħa l-oħra, soċjetajiet ta' trasport li huma kompetituri ta' IFB. Ir-rati ta' likwidità (qabel ma jiġu inklużi bħar-rapport bejn il-kapital u t-total tal-karta tal-bilanc) tas-soċjetajiet in kwistjoni huma ppreżentati fil-grafika 16.

([25]) Dan il-ftuħ komplet tas-swieq, li huwa stipulat mid-Direttiva 91/440/KE, ġie implimentat permezz ta' digriet irjali fit-13 ta' Diċembru 2005.

*Grafika 16*

**Rata ta' likwidità–kampjun ta' soċjetajiet komparabbli, 2004 (*)**




(*) Għal ABP, HNN u t-terminal ta' Sea-Ro intużat l-informazzjoni ta' l-2003 għax il-kontabilità annwali tagħhom għall-2004 kienet għadha ma ġietx ippublikata.
(**) Meqjusa skond l-użu ta' l-assi ta' IFB (42% terminali, 58% transport).

*Sors:* Belfirst; Amadeus; IFB

(179) Mill-grafika 16 jirriżulta li l-medja tar-rati ta' likwidità tal-operaturi tat-terminali huwa ta' 56,6 %, filwaqt li l-medja tar-rati ta' likwidità tas-soċjetajiet ta' trasport huwa ta' 20,4 %. Minħabba li IFB hija attiva fiż-żewġ setturi, ir-rata ta' likwidità ta' IFB, skont il-"benchmarks" imsemmija qabel, għandha tkun tal-anqas ta' 35,6 %. Din l-aħħar perċentwali ġiet ikkalkulata b'referenza għall-assi kapitali operazzjonali ta' IFB kif ġej:

— 42 % tal-assi kapitali operazzjonali ta' IFB (miżuri fil-valur tal-kontijiet nett tagħhom, jiġifieri wara d-deprezzament u t-tnaqqis tal-valur) huma attribwiti għall-attività fit-terminali;

— 58 % tal-assi kapitali operazzjonali ta' IFB huma attribwiti għall-attività ta' trasport ("logistics").

(180) L-awtoritajiet Belġjani josservaw li r-rata ta' likwidità mmirata ta' IFB hija wkoll skont ir-rata ta' likwidità reali ta' soċjetajiet bħal Gosselin (38,9 %) u Hupac (34,9 %), li bħal IFB, jgħaqqdu l-użu tat-terminali ma' attivitajiet ta' loġistika.

(181) Fiq il-bażi tar-rata ta' likwidità mmirata ta' IFB ta' 35,6 % u ta' dejn totali ta' EUR 128,1 miljun (stima tat-30 ta' Ġunju 2006), iż-żjieda ta' kapital ta' IFB kellha għalhekk, skont il-kalkoli tal-awtoritajiet Belġjani, tinkludi konverżjoni ta' dejn f'kapital tal-anqas ta' EUR 95,3 miljun.

3.3.3.4. Il-kontribuzzjoni ta' IFB stess

(182) Skont l-awtoritajiet Belġjani, il-kontribuzzjoni totali ta' SNCB għar-ristrutturazzjoni ta' IFB titla' għal EUR 95,3 miljun, jiġifieri l-ammont taż-żjieda tal-kapital previst. Minn dan l-ammont, jaqbel li jitneħħew is-somom li ġew iddedikati għall-parti Franċiża tal-grupp, jiġifieri EUR 39,1 miljun. Il-bilanċ, jiġifieri EUR 56,2 miljun, għalhekk jirrappreżentaw il-kontribuzzjoni ta' SNCB għar-ristrutturazzjoni tal-attivitajiet mhux Franċiżi tal-grupp.

(183) Wara dan, l-awtoritajiet Belġjani jippreċiżaw li l-bżonnjiet ta' finanzjament għall-attivitajiet mhux Franċiżi ta' IFB għall-perjodu ta' ristrutturazzjoni (mill-1 ta' Jannar 2003 sat-30 ta' Ġunju 2006), kienu ta' EUR 106,3 miljun. Minn dawn il-bżonnijiet, 56,2 miljun ser ikunu koperti minn SNCB u EUR 50,1 miljun permezz tar-riżorsi ta' IFB stess. Il-kontribut ta' IFB għan-nefqa totali tar-ristrutturazzjoni tal-attivitajiet fil-Belġju tkun ta' 47,1 %.

(184) It-tabella li ġejja turi d-dettall tal-finanzjament:

**Bżonnijiet u sorsi ta' finanzjament**

*(ipoteżi fejn il-bdil tad-dejn ta' 63M EUR jikkostitwixxi "spiża" tar-ristrutturazzjoni*

*(EUR '000)*

| | | Il-parti ristrutturata | Diżinvestimenti fi Franza | Total |
|---|---|---|---|---|
| Perjodu: 1.1.2003-30.6.2006 | | | | |
| | | | | |
| A | **BŻONNIJIET TA' FINANZJAMENT** | | | |
| A.1 | Spejjeż tar-ristrutturazzjoni | | | |
| A.1.1 | Telf totali tal-użu ("cash drain") minbarra l-effett tal-qligħ tal-produttività | – 27 916 | | – 27 916 |
| | (ekwivalenti għat-telf totali tal-użu tal-2002; prorata ta' 6 xhur għall-2006) | | | |
| A.1.2 | Spejjeż eċċezzjonali | – 32 | | – 32 |
| A.2. | Bżonnijiet ta' kapital matul ir-ristrutturazzjoni | | | |
| A.2.1 | Varjazzjoni tal-bżonn f'kapital kurrenti (żjieda) | – 7 685 | – 8 000 | – 15 685 |
| A.2.2 | Investimenti ta' sostituzzjoni f'assi kapitali mhux finanzjarji | – 6 611 | | – 6 611 |
| A.2.3 | Investimenti f'assi kapitali finanzjarji (holdings) | – 782 | – 1 700 | – 2 482 |
| A.3 | Ħlas lura ta' dejn u interessi | | | |
| A.3.1 | Favur debituri (finanzjarji) li mhumiex SNCB | | | |
| A.3.1.1 | Ħlas ta' interessi | – 2 351 | | – 2 351 |
| A.3.1.2 | Ħlas lura tad-dejn finanzjarju | – 16 559 | | – 16 559 |
| A.3.2 | Favur SNCB | | | |
| A.3.2.1 | Ħlas lura tad-dejn ta' qabel l-2003 | – 33 200 | – 29 800 | – 63 000 |
| A.3.2.2 | Ħlas ta' interessi akkumulati fit-30.6.2005 fuq id-dejn ta' qabel l-2003 | – 5 800 | – 5 200 | – 11 000 |
| A.3.2.3 | Ħlas ta' interessi akkumulati fit-31.6.2005 fuq il-faċilità ta' kreditu | – 2 200 | – 300 | – 2 500 |
| A.3.2.4 | Ħlas ta' interessi tat-tieni semestru 2005 u l-ewwel semestru 2006 | – 3 100 | – 2 100 | – 5 200 |
| A.4 | Taxxi (regolarizzazzjoni tas-sena finanzjarja ta' tassazzjoni 1999) | – 77 | | – 77 |
| | | | | |
| | ***Total tal-bżonnijiet (A.1+A.2+A.3+A.4)*** | ***– 106 313*** | ***– 47 100*** | ***– 153 413*** |
| | | | | |
| | | | | |

*(EUR '000)*

| | | Il-parti ristrutturata | Diżinvestimenti fi Franza | Total |
|---|---|---|---|---|
| B | **SORSI TA' FINANZJAMENT** | | | |
| B.1. | Finanzjament minn SNCB: | | | |
| B.1.1 | Faċilità ta' kreditu (irid jinbidel f'kapital wara) | 13 300 | 1 700 | 15 000 |
| B.1.2 | Żjieda tal-kapital (flimkien mal-bidla tal-faċilità ta' kreditu) | 42 920 | 37 380 | 90 300 |
| | ***Kontribuzzjoni totali ta' SNCB (subtotal B.1)*** | ***56 220*** | ***39 080*** | ***95 300*** |
| | | | | |
| B.2 | Finanzjament mill-mezzi ta' IFB stess | | | |
| B.2.1 | Qligħ mill-produttività | | | |
| B.2.1.1 | Tneħħija parzjali jew totali tat-telf totali tal-użu fil-lista A.1.1 | 25 167 | | 25 167 |
| B.2.1.2 | Eċċess totali tal-użu fl-2004, 2005 u 2006 | 10 429 | | 10 429 |
| B.2.2 | Irċevuti finanzjarji | 1 368 | | 1 368 |
| B.2.3 | Varjazzjoni tal-bżonn ta' kapital kurrenti (tnaqqis) | 2 687 | | 2 687 |
| B.2.4 | Bejgħ ta' assi kapitali mhux finanzjarji (essenzjalment it-terminal OCHZ fl-2004) | 4 771 | | 4 771 |
| B.2.5 | Bejgħ ta' assi kapitali finanzjarji (holdings) | 1 267 | 8 020 | 9 287 |
| B.2.6 | Dejn finanzjarju li ġej minn istituzzjonijiet ta' kreditu | 3 300 | | 3 300 |
| B.2.7 | Irċevuti eċċezzjonali | 1 105 | | 1 105 |
| | ***Kontribuzzjoni totali ta' IFB (subtotal B.2)*** | ***50 093*** | ***8 020*** | ***58 113*** |
| | | | | |
| | ***Total tas-sorsi (B.1 + B.2)*** | ***106 313*** | ***47 100*** | ***153 413*** |
| | | | | |
| | | | | |
| | Finanzjament minn SNCB bħala % tat-total | 52,9 % | | |
| | Finanzjament minn IFB bħala % tat-total | 47,1 % | | |
| | | KONTRIBUZZJONI TAGĦHA STESS | NVESTITUR PRIVAT | |

(185) Il-Belġju jżid il-punti li ġejjin ma' din it-tabella.

(186) Il-bżonnijiet ta' finanzjament jinkludu l-kategoriji li ġejjin:

— spejjeż diretti tar-ristrutturazzjoni (sezzjoni A.1): dawn l-ispejjeż jinkludu prinċiparjament it-telf totali tal-użu ("cash drain") akkumulat, mingħajr ma titqies iż-żjieda fil-produttività. Jekk wieħed ma jikkunsidrax iż-żjieda fil-produttività li IFB kisbet matul it-twettiq tal-pjan ta' ristrutturazzjoni tagħha, it-telf totali tal-użu fl-2003, 2004 u 2005 kienet tibqa' l-istess bħal fl-2002, jiġifieri ammont annwali ta' finanzjament ta' EUR 8 miljun, kif muri fit-tabella t'hawn taħt. Il-bżonn ta' finanzjament għall-2006 ġie limitat għal nofs ta' dan l-ammont, fl-ipoteżi ta' żjieda tal-kapital fit-30 ta' Ġunju 2006. Meqjusa globalment fuq il-perjodu kollu tar-ristrutturazzjoni, it-telf totali tal-użu li kienet tiffaċċja IFB fin-nuqqas ta' żjieda fil-produttività jitla' għal EUR 27,9 miljun.

*(eluf ta' EUR)*

| | 2002 | 2003 | 2004 | 2005 Tbassir | 2006 Baġit (sa 30.6) | Perjodu 2003 sa 30.6.2006 kumulattiv |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Riżultat tal-użu | (47 357) | (2 960) | 5 740 | 3 007 | 1 213 | |
| + Deprezzament u tnaqqis fil-valur fuq assi kurrenti | 6 286 | 5 139 | 2 585 | 1 605 | 802 | |
| + Tnaqqis ta' valur fuq assi kurenti | 6 433 | (258) | (1 851) | (554) | 0 | |
| + Proviżjonijiet | 26 662 | (4 670) | (1 599) | (980) | 460 | |
| Riżultat totali tal-użu | (7 976) | (2 749) | 4 875 | 3 079 | 2 475 | 7 680 |
| Telf totali tal-użu ("cash drain") minbarra l-effett taż-żjieda fil-produttività | | (7 976) | (7 976) | (7 976) | (3 988) | (27 916) |

— bżonnijiet ta' kapital matul ir-ristrutturazzjoni (varjanti tal-bżonn ta' fondi kurrenti u investimenti matul ir-ristrutturazzjoni, sezzjoni A.2): dawn l-ispejjeż jikkonsistu f'investimenti neċessarji matul il-perjodu ta' ristrutturazzjoni. Tkabbir fil-fondi kurrenti kien neċessarju sabiex jiffinanzja x-xogħol li kien għaddej, jassorbi d-differenza bejn il-krediti u d-dejn kummerċjali u jżomm likwidità sufiċjenti. L-investimenti ta' sostituzzjoni f'assi kapitali tanġibbli kienu neċessarji għall-kontinwazzjoni tal-attivitajiet ta' IFB matul it-twettiq tal-pjan ta' ristrutturazzjoni. Dawn ma kinux jinkludu tkabbir tal-kapaċità ta' IFB imma pjuttost investimenti ta' sostituzzjoni ta' assi li waslu fit-tmiem taċ-ċiklu tal-ħajja u totalment deprezzati, kif ukoll investimenti differenti, bħal vetturi, kompjuters, rinovazzjonijiet żgħar f'bini, eċċ. L-investiment ta' EUR 0,6 miljun f'assi kapitali finanzjari fl-2004 kien marbut mar-ristrutturazzjoni tas-sussidjarja IFB Maritime Germany: IFB Maritime Germany ġiet assorbita minn Haeger & Schmidt International u l-holding f'RKE miżmuma minn Haeger & Schmidt International, ġiet trasferita lil IFB.

— rimbors tad-dejn u interessi (sezzjoni A.3): minbarra l-interessi u r-rimbors tad-dejn finanzjarju lil istituzzjonijiet ta' kreditu, din il-kategorija tirrappreżenta l-interessi u r-rimbors fuq id-dejn fir-rigward ta' SNCB. Id-dejn ta' EUR 33,2 miljun huwa parti mid-dejn ta' EUR 63 miljun li m'għandux x'jaqsam mas-sussidjarji Franċiżi. L-interessi ta' EUR 1,4 miljun li tħallsu fl-2006 huma l-interessi li mhux ser ikunu parti miż-żjieda tal-kapital (biex iż-żjieda fil-kapital tiġi limitata kemm jista' jkun). L-interessi l-oħra (għal total ta' EUR 9,7 miljun) ser ikunu parti miż-żjieda fil-kapital. Dawn l-interessi kollha huma interessi fuq id-dejn marbut mal-attivitajiet mhux Franċiżi ta' IFB.

— taxxi (sezzjoni A.4): it-taxxi mħallsa fl-2004 huma regolarizzazzjoni tas-sena finanzjarja taxxabbli 1999.

(187) Skont il-Belġju, parti minn dawn il-bżonnijiet ta' finanzjament ġew koperti minn IFB u l-parti l-oħra minn SNCB. Fir-rigward tal-kontribuzzjoni ta' IFB (sezzjoni B.2), il-Belġju jagħti l-informazzjoni supplementari li ġejja:

— matul il-perjodu ta' ristrutturazzjoni, IFB wettqet qligħ ta' produttività importanti (ara s-sezzjoni B.2.1). Dan it-twettiq tejjeb ir-riżultat totali tal-użu, billi t-telf tal-2002 sparixxa parzjalment fl-2003 u għal kollox fl-2004, 2005 u 2006. Barra minn dan, inkiseb bilanċ pożittiv fl-2004 u fl-2005, li kellu wkoll ikun il-każ fl-2006. Dawn ir-riżultati jikkonfermaw it-tbassir li sar fuq il-bażi tal-elementi li s-soċjetà IFB kienet taf bihom matul l-iżvilupp tal-pjan tar-ristrutturazzjoni (ara l-punti 74 u 75 ta' din id-deċiżjoni);

— dħul finanzjarju differenti (is-sezzjoni B.2.2): dan jirrappreżenta EUR 1,4 miljun. Dan id-dħul finanzjarju ġej mill-interessi li IFB akkumulat mill-kontijiet tal-bank tagħha. Dan id-dħul kien imbassar fil-mument tal-pjan ta' ristrutturazzjoni, għax dan jikkorrispondi għall-interessi "EURIBOR" għall-ammonti li IFB setgħet bir-raġun tanticipa fuq il-kontijiet skont it-tbassir tal-pjan ta' ristrutturazzjoni tagħha;

— dħul straordinarju (is-sezzjoni B.2.8): dan jirrappreżenta EUR 1,1 miljun. Dan id-dħul straordinarju ġej mill-qligħ kapitali li IFB seta' jwettaq matul il-bejgħ ta' 263 vagun EAOS […]. Fl-2003, matul il-preparazzjoni tal-pjan ta' ristrutturazzjoni, dan il-qligħ kapitali seta' jitbassar, minħabba li s-suq għall-vaguni EAOS ra domanda qawwija minħabba tkabbir fid-domanda għal dan it-tip ta' vagun fl-Ewropa tal-Lvant;

— fl-2004 u fl-2005, IFB illiberat madwar EUR 2,7 miljun billi baxxiet il-bżonn tagħha ta' kapital kurrenti (is-sezzjoni B.2.3).

— IFB iffinanzjat parti mill-ispejjeż ta' ristrutturazzjoni permezz ta' bejgħ ta' assi (is-sezzjonijiet B.2.4 u B.2.5). Wara l-bejgħ ta' assi differenti ta' importanza relattivament limitata, din il-parti tal-kontribuzzjoni hija kostitwita prinċiparjament mid-diżinvestiment fl-2004 tal-assi użati fit-terminal OCHZ. Id-drittijiet ta' kopropjetà (50 %) fuq dawn l-assi utilizzati monn OCHZ ingħataw […] (ara s-sentenza B.2.4 fl-2004) u IFB irkuprat ammont supplementari ta' EUR 0,9 miljun f'kapital kurrenti ta' OCHZ (ara s-sentenza B.2.5 għall-2004);

— fl-2003, IFB kisbet self mill-bank għall-ammont ta' EUR 2 miljun ta' ING Bank (ara s-sentenza B.2.6). Fl-2006, IFB iffinanzjat ix-xiri ta' "reach stackers" bl-għajnuna ta' self estern ta' EUR 1,3 miljun.

(188) Il-Belġju jikkunsidra li kkontribwixxa għall-pjan ta' ristrutturazzjoni mir-riżorsi tiegħu stess; kif jeżiġu l-linji gwida tal-1999.

## 4. APPREZZAMENT

### 4.1. L-istima tal-kwalità tal-għajnuna tal-miżuri ta' salvataġġ u ta' ristrutturazzjoni

(189) Skont il-paragrafu 1 tal-Artikolu 87 tat-Trattat, "kull għajnuna, ta' kwalunkwe forma, mogħtija minn Stat Membru jew permezz ta' riżorsi tal-Istat, li twassal għal distorsjoni jew theddida ta' distorsjoni għall-kompetizzjoni billi tiffavorixxi ċerti impriżi jew ċerti produtturi għandha, safejn tolqot il-kummerċ bejn l-Istati Membri, tkun inkompatibbli mas-suq komuni".

#### 4.1.1. *Għajnuna mogħtija mill-Istat jew permezz ta' riżorsi tal-Istat*

(190) L-ewwelnett tippreżenta ruħha l-mistoqsija kif wieħed ikun jaf jekk l-appoġġ finanzjarju ta' SNCB lil IFB kienx "mogħti minn Stat Membru jew permezz ta' riżorsi tal-Istat". Skont il-ġurisprudenza *Stardust Marine* tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej ([26]), dan il-kriterju jiġi sodisfatt jekk, min-naħa, dan jittratta r-riżorsi tal-Istat u jekk, min-naħa l-oħra, l-għotja tagħha tistax tiġi attribwita lill-Istat, jiġifieri l-Belġju.

##### 4.1.1.1. Ir-riżorsi mill-Istat

(191) Il-Kummissjoni tinnota li SNCB hija intrapriża pubblika fis-sens tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 80/723/KEE: l-Istat Belġjan għandu 100 % tal-kapital sottoskritt ta' SNCB, u l-Kunsill tal-Ammnistrazzjoni, kif ukoll l-amministratur delegat, huma nominati mir-Re, permezz ta' deċiżjoni deliberata fil-Kunsill tal-Ministri. Għalhekk, il-kriterji tal-punti a) u c) tal-paragrafu 2 tal-Artikolu 2 tad-Direttiva msemmija huma sodisfatti.

(192) F'dan il-kuntest, "… jaqbel li jitfakkar li diġà jiddependi mill-ġurisprudenza tal-Qorti li l-paragrafu 1 tal-Artikolu 87 KE jinkludi l-mezzi kollha ta' remunerazzjoni li l-awtoritajiet pubbliċi jistgħu fil-fatt jutilizzaw biex isostnu intrapriżi […]. B'konsegwenza ta' dan, anke jekk is-somom li jikkorrispondu għall-miżura in kwistjoni m'humiex b'mod permanenti fil-pussess tat-Teżor pubbliku, il-fatt li dawn jibqgħu b'mod kostanti taħt il-kontroll pubbliku, u għalhekk għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, huwa biżżejjed sabiex dawn jikkwalifikaw bħala riżorsi tal-Istat". ([27]).

(193) B'konsegwenza, il-Kummissjoni stmat fl-ittra tal-ftuħ (il-punti 136 sa 138) li s-somom li tpoġġew għad-dispożizzjoni ta' IFB iridu jiġu kwalifikati bħala riżorsi tal-Istat.

([26]) Deċiżjoni tal-Qorti tas-16 ta' Mejju 2002, Franza/il-Kummissjoni, diġà msemmi fin-nota fil-qiegħ tal-paġna nru 13. il-punt 37.

([27]) Id-Deċiżjoni tal-Qorti tas-16 ta' Mejju 2002, Franza/il-Kummissjoni, diġà msemmi fin-nota fil-qiegħ tal-paġna nru 13, il-punt 37.

(194) Il-Belġju jikkuntesta l-fatt li r-riżorsi kollha li għandha SNCB jikkostitwixxu riżorsi tal-Istat. Il-Kummissjoni tirrispondi għat-tliet argumenti ppreżentati mill-Belġju kif ġej:

(195) Id-distinzjoni proposta bejn ir-riżorsi ta' SNCB marbuta mal-missjonijiet ta' servizz pubbliku u r-riżorsi marbuta mal-attivitajiet kummerċjali mhix pertinenti fid-dawl tad-deċiżjoni *Stardust Marine*. Fil-fatt, din id-deċiżjoni tikkonċerna r-riżorsi ta' bank pubbliku, li juri sew li r-riżorsi ta' intrapriża pubblika marbuta ma' attivitajiet kummerċjali jistgħu jikkostitwixxu wkoll riżorsi tal-Istat.

(196) L-argument li bih il-patrimonju ta' SNCB mhux għad-dipożizzjoni tal-Belġju, imma li huwa marbut mas-suġġett soċjali ta' SNCB ma jistax jiġi aċċettat. Il-fatt li l-Belġju għandu 100 % tal-kapital ta' SNCB, li dan jibqa' dejjem taħt il-kontroll pubbliku u li l-Istat jista' fi kwalunkwe mument jiddeċiedi li jipprivatizza lil SNCB, juri li l-patrimonju ta' din huwa għad-dispożizzjoni tal-Istat Belġjan. Barra minn dan, il-Kummissjoni tinnota li l-Istat Belġjan jinnomina lill-amministraturi tal-kunsil ta' sorveljanza, kif ukoll lill-amministratur delegat, li jtih ċertu ammont ta' kontroll fuq l-intrapriża.

(197) L-argument li bih il-miżuri mogħtija minn SNCB lil IFB ma kinux ser iġibu talf għall-partimonju tal-Istat Belġjan huwa falz skont il-fatti: ladarba l-Belġju huwa l-propjetarju ta' SNCB, kull investiment ħażin li jnaqqas il-valur ta' SNCB inaqqas ukoll il-patrimonju tal-Istat Belġjan.

(198) Il-Kummissjoni tikkonkludi għalhekk li l-miżuri eżaminati ġew iffinanzjati minn riżorsi tal-Istat.

4.1.1.2. Responsabbiltà

(199) F'dak li jikkonċerna n-neċessità tar-responsabbiltà tal-miżuri lill-Istat konċernat, id-deċiżjoni *Stardust Marine* tippreċiża li "…il-fatt biss li intrapriża pubblika tkun taħt il-kontroll tal-Istat mhux biżżejjed biex jiġu attribwiti miżuri li jittieħdu minnha, bħalma huma l-miżuri tal-appoġġ finanzjarju msemmi, lill-Istat. Jibqa' neċessarju li wieħed jeżamina jekk l-awtoritajiet pubbliċi kellhomx jiġu kkunsidrati bħala li kienu implikati, b'xi mod jew ieħor, fl-adozzjoni ta' dawn il-miżuri. …". ([28]).

(200) Jirriżulta għalhekk mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li l-kriterju tar-responsabbiltà mogħtija lill-Istat irid ikun suġġett għal eżami każ b'każ mill-Kummissjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja tammetti li bħala regola ġenerali, "… ser ikun tassew diffiċli għal terza persuna, preċiżament minħabba r-relazzjonijiet privileġġjati li jeżistu bejn l-Istat u intrapriża pubblika, li juru f'każ konkret li l-miżuri ta' għajnuna li jittieħdu minn tali intrapriża fil-fatt ikunu ġew adottati skont l-istruzzjonijiet tal-awtoritajiet pubbliċi". Skont l-istess ġurisprudenza, "…wieħed jista' jammetti l ir-responsabbiltà mogħtija lill-Istat ta' miżura ta' għajnuna li tieħu l-intrapriża tista' titnaqqas mit-total tal-indizji li jirriżultaw miċ-ċirkostanzi tal-ispeċi u tal-kuntest li fih tkun ingħatat din il-miżura". ([29]).

(201) Il-Qorti tal-Ġustizzja wara tiċċara liema kriterji jistgħu jiġu utilizzati biex tintwera r-responsabbiltà:

"Ir-responsabbiltà mogħtija lill-Istat ta' miżura ta' għajnuna li tittieħed minn intrapriża pubblika tista' titnaqqas minn total ta' indizji li jirriżultaw miċ-ċirkostanzi tal-ispeċi u tal-kuntest li fih tkun ingħatat din il-miżura. F'dan ir-rigward, il-Qorti diġà kkunsidrat il-fatt li l-entità msemmija ma setgħetx tieħu d-deċiżjoni kkuntestata mingħajr ma tkun ikkunsidrat l-eżiġenzi tal-poter pubbliku (ara, partikolarment, id-deċiżjoni Van der Kooy e.a./il-Kummissjoni, diġà msemmi,il-punt 37) jew li, minbarra l-elementi ta' natura organika li jorbtu lill-intrapriżi pubbliċi mal-Istat, dawn, permezz tal-intermedjarju li l-għajnuna tkun tathom, iridu jikkunsidraw id-direttivi li jkunu ġejjin minn comitato interministeriale per la programmazione economica (CIPE) (id-deċiżjonijiet diġà msemmija tal-21 ta' Marzu 1991, Italja/il-Kummissjoni, C-303/88, il-punti 11 u 12, kif ukoll Italja/il-Kummissjoni, C-305/89, il-punti 13 u 14).

Indizji oħrajn jistgħu, jekk ikun il-każ, ikunu pertinenti biex tiġi konkluża r-responsabbiltà tal-Istat ta' miżura ta' għajnuna li tittieħed minn intrapirża pubblika, bħal, partikolarment, l-integrazzjoni tagħha fl-istrutturi tal-amministrazzjoni pubblika, in-natura tal-attivitajiet tagħha u t-twettiq ta' dawn fuq is-suq f'kundizzjonijiet normali ta' kompetizzjoni ma' operaturi privati, l-istatut ġuridiku tal-intrapriża, li jiġi mid-dritt pubbliku jew mid-dritt komuni tas-soċjetajiet, l-intensità tat-tutela eżerċitata mill-awtoritajiet pubbliċi fuq il-ġestjoni tal-intrapriża jew kwalunkwe indizju ieħor li jindika, fil-każ konkret, implikazzjoni tal-awtoritajiet pubbliċi jew l-improbabbiltà ta' nuqqas ta' implikazzjoni fl-adozzjoni ta' miżura, meqjusa wkoll l-firxa tagħha, l-kontenut jew l-kundizzjonijiet li din iġġib magħha." ([30]).

(202) Fl-ittra tal-ftuħ (il-punti 140 sa 150), il-Kummissjoni għamlet distinzjoni, fir-rigward tar-responsabbiltà għall-miżura, bejn il-perjodu preċedenti għall-konklużjoni tal-kuntratt ta' qafas fis-7 ta' April 2003 u l-perjodu ta' wara dan il-kuntratt. Meta jitqiesu l-osservazzjonijiet tal-Belġju, jidher li huwa aktar xieraq li ssir distinzjoni bejn tliet perjodi differenti:

([28]) Id-Deċiżjoni tal-Qorti tas-16 ta' Mejju 2002, Franza/il-Kummissjoni, diġà msemmija fin-nota ta' qiegħ il-paġna nru 13, il-punti 52 u 55.

([29]) Deċiżjoni tal-Qorti tas-16 ta' Mejju 2002, Franza/il-Kummissjoni, diġà msemmija fin-nota ta' qiegħ il-paġna nru 13, il-punti 53 u 54.

([30]) Deċiżjoni tal-Qorti tas-16 ta' Mejju 2002, Franza/il-Kummissjoni, diġà msemmija fin-nota ta' qiegħ il-paġna nru 13, il-punti 55 sa 57.

— il-perjodu preċedenti għad-19 ta' Lulju 2002 (id-data tad-deċiżjoni tal-Kunsill tal-Amministrazzjoni ta' SNCB ta' approvazzjoni għall-għotja ta' ħlas bil-quddiem ta' flus u ta' aċċettazzjoni li żjieda ta' kapital għal IFB kienet "probabbli");

— il-perjodu bejn id-19 ta' Lulju 2002 u l-20 ta' Diċembru 2002 (id-data tad-deċiżjoni tal-Kunsuill tal-Amministrazzjoni ta' SNCB ta' approvazzjoni tal-prinċipju ta' żjieda ta' kapital ta' IFB u li awtorizza lill-Kumitat tad-Direzzjoni li jinnegozja l-kuntratt ta' qafas tas-7 ta' April 2003);

— il-perjodu ta' wara l-20 ta' Diċembru 2002.

**Il-perjodu preċedenti għad-deċiżjoni tal-Kunsill tal-Amministrazzjoni tad-19 ta' Lulju 2002**

(203) F'dak li jikkonċerna l-perjodu preċedenti għal din id-deċiżjoni tal-Kunsill tal-Amministrazzjoni, tqum il-mistoqsija li wieħed ikun jaf jekk it-tolleranza li tagħha ta prova l-qafas (il-Kumitat tad-Direzzjoni) ta' SNCB billi ma talabx lil IFB biex tħallas l-għotja ta' servizzi ta' trasport mis-sena 2000 'il quddiem jista' jiġi attribwit lill-Istat Belġjan. Fl-ittra tal-ftuħ tagħha (il-punti 141 sa 142), il-Kummissjoni esprimiet dubji rigward il-punt li wieħed ikun jaf jekk id-deċiżjoni li jiġi aċċettat in-nuqqas ta' ħlas sistematiku tal-fatturi matul il-perjodu bejn it-tmiem tas-sena 2000 sal-bidu tal-2003 kinitx ittieħdet minħajr l-intervent tal-awtoritajiet Belġjani.

(204) Fir-risposta tal-gvern Belġjan, il-Kunsill tal-Amministrazzjoni ta' SNCB ma kienx infurmat b'din il-prattika qabel id-19 ta' Lulju 2002; il-Kummissarju tal-Gvern kien infurmat f-istess żmien. Il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda osservazzjoni min-naħa ta' partijiet terzi.

(205) Il-Kummissjoni sabet, fil-kontijiet ippreżentati fid-dibattiti lill-Kamra u lis-Senat tas-6 ta' Marzu 2002, tal-24 ta' Jannar 2002 u tat-28 ta' Frar 2002, rimarki dwar IFB, fil-kuntest tad-dibattitu aktar wiesa tad-deputati u tas-senaturi dwar il-ftuħ tas-suq tal-ferrovija u tal-fajl ABX. Għalhekk din talbet lill-gvern tal-Belġju biex dan jitraż-mettilha l-istudji ta' Boston Consulting Group u ta' Team Consult, imsemmija matul dawn id-dibattiti, kif ukoll id-deċiżjoni tal-gvern Belġjan tat-22 ta' Frar 2002, li wkoll kienet suġġett ta' dawn id-dibattiti.

(206) Analiżi ta' dawn id-dokumenti ma ppermettietx li jinkixfu indizji ta' influwenza min-naħa tal-gvern Belġjan dwar id-deċiżjonijiet ta' SNCB rigward il-futur ta' IFB.

(207) Għaldaqstant, tqum il-kwistjoni li wieħed ikun jaf jekk it-tolleranza tal-qafas ta' intrapriża pubblika, hekk kif spjegata fil-punt 203 ta' din id-deċiżjoni, tistax tiġi attribwita lill-Istat Belġjan, minħabba li m'hemm l-ebda indizju ta' intervent speċifiku min-naħa tal-amministrazzjoni fl-iżvilupp tas-sitwazzjoni.

(208) Fil-fatt, skont il-liġi tal-1993 li tistabbilixxi lil SNCB bħala soċjetà b'ishma ta' dritt pubbliku, il-qafas ta' SNCB, jiġifieri l-amministratur delegat u l-membri tal-Kumitat tad-Direzzjoni, jamministraw l-intrapriża b'mod awtonomu, mingħajr intervent min-naħa tal-awtoritajiet pubbliċi. Għalhekk, fin-nuqqas ta' indizji konkreti ta' intervent tal-Istat fil-ġestjoni tal-fajl IFB, il-Kummissjoni trid tikkonkludi li d-deċiżjoni tal-qafas ta' SNCB li jittollera li IFB ma tħallasx il-fatturi matul il-perjodu bejn it-tmiem tas-sena 2000 sa Lulju tal-2002 ma jistax jiġi attribwit lill-Istat Belġjan.

**Il-perjodu inkluż bejn id-deċiżjoni tal-Kunsill tal-Amministrazzjoni tad-19 ta' Lulju 2002 u d-deċiżjoni tal-Kunsill tal-Amministrazzjoni tal-20 ta' Diċembru 2002**

(209) Sa mid-19 ta' Lulju 2002, il-Kunsill tal-Amministrazzjoni ta' SNCB, u fi ħdanu l-Kummissarju tal-gvern li jirrappreżenta l-interessi tal-Belġju fil-Kunsill tal-Amministrazzjoni ta' SNCB, kien jaf li IFB ma kinitx qed tħallas il-fatturi tagħha sa mit-tmiem tas-sena 2000, u approva l-għotja lil IFB ta' ħlas bil-quddiem ta' EUR 2,5 miljun matul it-tieni semestru tal-2002.

(210) Il-Kummissjoni trid, f'dan ir-rigward, tivverifika jekk il-kriterji stabbiliti mill-ġurisprudenza *Stardust Marine* jippermettux li din id-deċiżjoni tal-Kunsill tal-Amministrazzjoni ta' SNCB tiġi attribwita lill-Belġju. F'termini oħra, irid jiġi verifikat fil-fatt jekk il-preżenza tal-Kummissarju tal-gvern fil-Kunsill tal-Amministrazzjoni, minkejja n-nuqqas tal-intervent konkret tiegħu dwar il-miżura msemmija, madankollu tippermetti li tiġi attribwita d-deċiżjoni lill-Istat tal-Belġju. Madankollu jirriżulta mill-elementi li tiddisponi minnhom il-Kummissjoni li la l-preparazzjoni tal-fajl, l-anqas il-kummentarji tal-partijiet terzi ma wrew indizji li jissuġġerixxu li l-gvern Beġjan fittex li jinfluwenza d-deċiżjoni tal-Kunsill tal-Amministrazzjoni tad-19 ta' Lulju 2002. Minħabba li SNCB hija intrapriża pubblika awtonoma, ligħandha l-istatut ta' kumpannija bl-ishma ta' dritt pubbliku, din tgawdi minn awtonomija ta' ġestjoni fir-rigward tal-Istat Belġjan. F'dak li jirrigwarda il-preżenza tal-Kummissarju tal-gvern fil-Kunsill tal-Amministrazzjoni ta' SNCB, il-Kummissjoni tinnota li r-rwol tal-Kummissarju kien limitat (ara wkoll ir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar dan is-suġġett ([31]):) il-Kummissarju tal-gvern ma setax jintervjeni fir-rigward tad-deċiżjoni tad-19 ta' Lulju 2002 ħlief jekk din setgħet tagħmel preġudizzju għall-implimentazzjoni tal-kompiti ta' servizz pubbliku ta' SNCB. Meta jitqiesu l-ammont tal-għajnuna (EUR 2,5 miljun) u l-forma tal-għajnuna (ħlas bil-quddiem ta' flus, b'interessi), wieħed irid jinnota li d-deċiżjoni ma kinitx ta' natura li ġġib preġudizzju għall-implimentazzjoni tal-kompiti ta' servizz pubbliku ta' SNCB.

([31]) Il-Qorti tal-Awdituri: L-użu tajjeb ta' fondi pubbliċi minn SNCB.; verifika magħmula fit-twettiq tar-riżoluzzjoni tal-Kamra tar-Rappreżentanti fil-11 ta' Mejju 2000; Brussell, Mejju 2001.

(211) Il-Kummissjoni tikkonkludi li, meta jitqiesu dawn l-elementi, l-għotja minn SNCB ta' ħlas bil-quddiem ta' EUR 2,5 miljun lil IFB biex iżżomm attività kummerċjali mingħajr l-ebda rabta mas-servizz pubbliku ma tistax tiġi attribwita lill-Istat Belġjan.

(212) Il-Kummissjoni tikkonkludi li l-każ preżenti ma jinkludix l-indizji li jikkonċernaw l-integrazzjoni fl-amministrazzjoni pubblika, in-natura tal-attivitajiet u l-istatut li jistgħu jippermettu li tiġi stabbilita r-responsabbiltà tal-Istat Belġjan għad-deċiżjoni tal-Kunsill tal-Amministrazzjoni tad-19 ta' Lulju 2002 li jingħata ħlas bil-quddiem ta' EUR 2,5 miljun lil IFB.

**Il-perjodu ta' wara d-deċiżjoni tal-Kunsill tal-Amministrazzjoni tal-20 ta' Diċembru 2002**

(213) Fl-20 ta' Diċembru 2002, il-Kunsill tal-Amministrazzjoni ddeċieda li jikkonkludi kuntratt ta' qafas ma' IFB, li kellu jinkludi miżuri ta' salvataġġ kif ukoll miżuri ta' ristrutturazzjoni, u jwassal għal żjieda fil-kapital ta' IFB.

(214) L-analiżi tal-fajl mill-Kummissjoni fl-ittra tal-ftuħ tagħha (il-punti 143 sa 150) żvelat tliet indizji konkreti favur ir-responsabbiltà mogħtija lill-Istat Belġjan għal dawn il-miżuri ta' salvataġġ u ta' ristrutturazzjoni favur IFB. Dawn l-indizji kienu:

— is-sottomissjoni tal-pjan ta' ristrutturazzjoni lill-Istat Belġjan għall-approvazzjoni;

— l-artikli tal-gazzetti li juru influwenza qawwija tal-gvern Belġjan fuq SNCB matul is-sena 2003,

— il-firxa, il-kontenut u l-kundizzjonijiet tal-kuntratt ta' qafas tas-7 ta' April 2003.

(215) Fir-risposta tagħhom għall-ittra tal-ftuħ, l-awtoritajiet Belġjani jikkuntestaw li dawn it-tliet indizji huma biżżejjed biex tiġi stabbilita r-responsabbiltà lill-Istat għall-miżuri fis-sens tal-ġurisprudenza *Stardust Marine*. Il-Kummissjoni hawnhekk ser tirrepeti l-kontenut tal-indizji, u tispjega għalfejn l-argumenti tal-gvern Belġjan ma setgħux jiġu aċċettati.

a) *L-approvazzjoni mill-awtoritajiet pubbliċi (il-punt 56 tad-deċiżjoni Stardust Marine)*

(216) Fid-deċiżjonijiet tagħha *Van der Kooy*, ([32]) *l-Italja/il-Kummissjoni* ([33]) u *il-Kummissjoni/ Franza*, ([34]) il-Qorti tal-Ġustizzja ikkonkludiet dwar ir-responsabbiltà għall-għajnuna mill-fatt li l-għotja tal-għajnuna kienet ġiet sottomessa għall-approvazzjoni tal-awtoritajiet pubbliċi. Fid-deċiżjoni *Van der Kooy*, dan l-element kien biżżejjed biex jistabbilixxi r-responsabbiltà; fid-deċiżjonijiet *Italja/il-Kummissjoni* u *il-Kummissjoni/Franza*, l-approvazzjoni hija magħquda ma' elementi oħra li juru l-influwenza tal-poteri pubbliċi. ([35]) Id-deċiżjoni *Space Park Development GmbH*, li kienet l-ewwel deċiżjoni tal-Kummissjoni li applikat id-deċiżjoni *Stardust Marine*, ikkonkludiet ir-responsabbiltà ta' għajnuna ukoll mill-fatt li s-self imsemmi kellu jirċievi l-ftehim tal-awtoritajiet ta' *Land* ta' Bremen. ([36]) Għalhekk, is-sottomissjoni ta' miżura lill-Istat Membru għall-approvazzjoni tikkostitwixxi indizju ta' responsabbiltà.

(217) Għalhekk, f'dan il-każ speċifiku, l-artikolu 2 tal-kuntratt ta' qafas jobbliga lill-Kunsilli tal-Amministrazzjoni ta' SNCB u ta' IFB li jissottomettu l-pjan ta' ristrutturazzjoni għall-approvazzjoni mill-Istat Belġjan. ([37]) Dan jikkostitwixxi għalhekk l-ewwel indizju ta' responsabbiltà għall-Istat Belġjan tad-deċiżjoni ta' SNCB li tirristruttura lil IFB.

(218) Il-gvern Belġjan jenfasizza li, b'differenza għal dak li kien stipulat fil-kuntratt ta' qafas, SNCB u IFB finalment ma ppreżentawx il-pjan ta' ristrutturazzjoni għall-approvazzjoni tal-gvern Belġjan, għaliex dan kien imur kontra l-awtonomija kummerċjali ta' SNCB.

([32]) Id-Deċiżjoni tal-Qorti tat-2 ta' Frar 1988, Kwekerij Gebroeders van der Kooy BV e.a./il-Kummissjoni (C-67/85, C-68/85 u 70/85, Ġabra 1988, p. 219).

([33]) Id-Deċiżjonijiet tal-Qorti tal-21 ta' Marzu 1991, l-Italja/il-Kummissjoni (C-303/88, Ġabra 1991, p. I-1433, u C-305/89, Ġabra 1991, p. I-1603).

([34]) Id-Deċiżjoni tal-Qorti tat-30 ta' Jannar 1985, il-Kummissjoni/Franza (290/83, Ġabra 1985, p. 439)..

([35]) Jiġifieri n-nominazzjoni tad-diriġenti mill-Istat għad-deċiżjonijiet *il-Kummissjoni/Italja*; il-finanzjament minn stabbiliment pubbliku, it-termini tal-għotja li jikkorrispondu għal dawk ta' għajnuna Statali ordinarja, il-preżentazzjoni mill-gvern tal-għajnuna bħala parti minn grupp ta' miżuri Statali għad-deċiżjoni *il-Kummissjoni/Franza*.

([36]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-17 ta' Settembru 2003 relattiva għall-għajnuna mill-Istat mogħtija mill-Ġermanja favur Space Park Development GmbH, (ĠU L 61, 27.2.2004, p. 66, il-punt 30).

([37]) Biex infakkru, l-Artikolu 4 huwa ppreżentat kif ġej: Il-Partijiet jikkonfermaw l-intenzjoni tagħhom li jwettqu l-miżuri li ġejjin sakemm dawn ikunu konformi ma' pjan ta' ristrutturazzjoni approvat miż-żewġ Kunsilli tal-Approvazzjoni tagħhom, mill-Istat Belġjan u jekk ikun neċessarju mill-KE, u jiddependi mill-approvazzjoni mill-azzjonisti ta' IFB

(219) Kif diġà spjegat fl-ittra tal-ftuħ (il-punti 146 u 147), din is-sitwazzjoni fil-fatt m'għandhiex il-konsegwenza li tagħmel dan l-indizju ta' responsabbiltà inoperabbli: jidher eskluż li ż-żewġ partijiet għall-kuntratt, SNCB u IFB, kienu jinkludu tali klawżola fil-kuntratt, li kieku ma kienx hemm influwenza tal-gvern Belġjan f'dan ir-rigward.

(220) Il-fatt li l-gvern Belġjan jippretendi li ma ġiex ikkonsultat b'mod formali dwar ir-ristrutturazzjoni mhux biżżejjed biex jeskludi influwenza informali min-naħa tal-gvern Belġjan matul il-preparazzjoni tal-kuntratt ta' qafas tas-7 ta' April 2003, u l-anqas biex jeskludi li ingħatat approvazzjoni. Fil-fatt, kif innutat il-Qorti tal-Ġustizzja fid-deċiżjoni Stardust Marine, "… ikun tassew diffiċli għal parti terza, preċiżament minħabba r-relazzjonijiet privileġġjati li jeżistu bejn l-Istat u intrapriża pubblika, li turi f'każ konkret li l-miżuri ta' għajnuna li ngħataw lil tali intrapriża fil-fatt ġew adottati fuq istruzzjoni tal-awtoritajiet pubbliċi.". Għaldaqstant, il-fatt sempliċi li l-kuntratt konkluż bejn il-partijiet jistipula l-approvazzjoni mill-Istat Belġjan jikkostitwixxi indizju qawwi għall-implikazzjoni tal-gvern tal-Belġju.

(221) Fir-risposta għall-ittra tal-ftuħ, il-gvern Belġjan jispjega li l-klawżola li tinsab fl-artikolu 2 tal-kuntratt ta' qafas ma kinitx tirrigwarda il-pjan ta' ristrutturazzjoni nnifsu, imma l-komunikazzjoni li biha l-Belġju kien ser jinnotifika l-kuntratt ta' qafas lill-Kummissjoni.

(222) Il-Kummissjoni tikkunsidra li dan l-argument mhux konvinċenti: jekk il-partijiet għal-kuntratt ta' qafas kellhom il-ħsieb li dan jiġi nnotifikat mill-Belġju lill-Kummissjoni, huma kienu jistipulaw dan b'mod ċar fl-artikolu 2 tal-kuntratt. L-interpretazzjoni proposta mill-gvern Belġjan huwa kontra l-ittra tal-kuntratt.

(223) B'konsegwenza ta' dan, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-artikolu 2 tal-kuntratt jimplika l-approvazzjoni tal-miżuri mill-awtoritajiet Belġjani u jikkostitwixxi indizju ta' responsabbiltà għall-miżuri tal-Istat Belġjan.

b) *Artikli tal-gazzetta*

(224) Indizju supplementari favur ta' intervent tal-gvern Belġjan f'dan il-każ jinstabu wkoll fl-artikli tal-gazzeta. ([38]) Għal-hekk, artiklu li deher f'La libre Belgique tad-19 ta' Mejju 2003 ([39]) jsemmi l-uffiċċju stampa ta' SNCB, li jispjega li l-Belġju kien għadu ma nnotifikax lill-Kummissjoni bil-miżuri ta' salvataġġ fid-19 ta' Mejju 2003, fil-waqt li l-kuntratt ta' qafas kien ġie ffirmat fis-7 ta' April 2003, permezz tal-fatt li "il-poter federali għandu(kellu) xi jgħid". F'artiklu li deher f'Marzu 2003 fuq is-sit www.cheminots.be, Karel Vinck, li dak iż-żmien kien l-amministratur delegat ta' SNCB, huwa kwotat fir-rigward tal-fajls ta' ABX u IFB li qal kif ġej: "Dan japplika marġini ta' ċaqliq biżżejjed għall-amministrazzjoni tas-soċjetà". Dan jagħti x'jifhem li l-qafas ta' SNCB kien jikkunsidra li l-Istat jintervjeni wisq fl-affarijiet tiegħu.

(225) Il-Belġju jirrifjuta dan l-indizju. F'dak li jirrigwarda l-artiklu ta' *La libre Belgique*, dan jinsisti, b'referenza għall-artikolu 2 tal-kuntratt ta' qafas, li l-poter federali ma kellu xejn xi jgħid ħlief fuq il-komunikazzjoni tal-gvern Belġjan lill-Kummissjoni, li biha ser jiġi notifikat il-kuntratt ta' qafas. Madankollu, it-test tal-artiklu tal-gazzetta u tal-komunikat tal-istampa ta' SNCB huwa ċar. Kieku l-uffiċċju tal-istampa ta' SNCB ried jgħid li l-gvern Belġjan kellu biss japprova test biex jiġi trażmess lill-Kummissjoni, kien jindika li l-problema li trid tissolva hija problema ta' forma, u mhux ta' sustanza.

(226) F'dak li jikkonċerna l-proposti li sostna Karel Vinck, l-awtoritajiet Belġjani jikkunsidraw li huma llimitaw ruħhom għall-ġestjoni tal-missjonijiet ta' servizz pubbliku. Dan ma tantx kien jidher kredibbli, għax hu ġie intervistat partikolarment dwar is-suġġett tal-fajls ABX u IFB, li, bħalma jagħraf il-gvern Belġjan stess, jikkonċernaw l-attivitajiet kummerċjali ta' SNCB, u mhux missjonijiet ta' servizz pubbliku.

c) *Firxa, kontenut u kundizzjonijiet tal-kuntratt ta' qafas*

(227) B'mod aktar ġenerali, il-Kummissjoni tfakkar li l-punt 56 tad-deċiżjoni *Stardust Marine*, diġà msemmi, skont liema "*kull indizju ieħor li jindika, fil-każ konkret*, implikazzjoni tal-awtoritajiet pubbliċi jew l-improbabbiltà ta' nuqqas ta' implikazzjoni fl-adozzjoni ta' miżuri, meqjusin ukoll l-firxa tagħhom, il-kontenut tagħhom jew l-kundizzjonijiet li jġibu magħhom" irid jiġi kkunsidrat biex tiġi stabbilita r-responsabbiltà ta' miżura lill-Istat Membru, għandu bħala riżultat li l-firxa, l-kontenut u l-kundizzjonijiet tal-kuntratt ta' qafas jikkostitwixxu indizju supplementari ta' responsabbiltà.

(228) Il-Belġju jirrifjuta dan it-tielet indizju, waqt li jirrepeti li SNCB kienet kompletament awtonoma biex tieħu d-deċiżjonijiet kollha tagħha, ħlief għall-ġestjoni tas-servizzi pubbliċi.

([38]) Artikli tal-gazzetta jistgħu jikkostitwixxu indizju ta' responsabbiltà, ara d-deċiżjonijiet *ABX Logistics*, ĠU C 9, 14.1.2004, p. 12; *Sniace SA*, ĠU L 108, 30.4.2003, p. 35.

([39]) "Inter Ferry Boats maqsuma f'2 fergħat", onlajn fid-19 ta' Mejju 2003 fuq is-sit www.lalibre.be.

(229) Il-Kummissjoni tikkunsidra li l-liġi tal-1993 li tirregola l-istatut ta' SNCB bħala soċjetà b'azzjonijiet ta' dritt pubbliku ċertament tagħti awtonomija lil SNCB għall-attivitajiet kummerċjali tagħha. Madankollu, il-Kummissjoni tfakkar li l-Kummissarju tal-gvern ikun preżenti matul kull laqgħa tal-Kumitat tal-Amministrazzjoni, u jista' jirrikorri quddiem l-awtoritajiet Belġjani bil-għan li jannulla deċiżjoni tal-Kunsill tal-Amministrazzjoni billi jibbaża ruħu fuq suġġett barrani għat-twettiq tal-missjonijiet ta' servizz pubbliku jekk din id-deċiżjoni "twassal […] preġudizzju għall-implimentazzjoni tal-kompiti ta' servizz pubbliku".

(230) Kif diġà spjegat, il-Kummissjoni tikkunsidra li d-deċiżjoni tal-għotja ta' ħlas bil-quddiem ta' flus ta' EUR 2,5 miljun ma setgħetx tkun suġġett għal rikors tal-Kummissarju tal-gvern, għax minħabba l-ammont u l-forma tiegħu, dan ma setax iwassal għal preġudizzju fl-implimentazzjoni tal-kompiti ta' servizz pubbliku.

(231) L-apprezzament irid ikun differenti għad-deċiżjoni li jiġu investiti madwar EUR 100 miljun f'soċjetà fix-xifer tal-falliment. Din id-deċiżjoni kellha twassal lill-Kummissarju tal-gvern biex jintervjeni, jew tal-anqas li jinforma lill-awtoritajiet Belġjani, sabiex dawn jintervjenu b'mod formali jew informali, kif kien għamel pereżempju fis-sena 2000 għall-investimenti f'ABX, il-fergħa Taljana.

(232) Għalhekk, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-firxa, l-kontenut u l-kundizzjonijiet tal-kuntratt ta' qafas jikkostitwixxu wkoll, flimkien mal-preżenza u l-poter tal-Kummissarju tal-gvern, indizju tar-responsabbiltà.

d) *Konklużjoni*

(233) B'konsegwenza ta' dan, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-miżuri in kwistjoni jistgħu jiġu attribwiti għall-Istat Belġjan f'dak li jikkonċerna l-perjodu ta' wara d-deċiżjoni tal-Kunsill tal-Amministrazzjoni ta' SNCB tal-20 ta' Diċembru 2002.

(234) Għalhekk jaqbel li jiġi analizzat jekk il-miżuri li ttieħdu minn SNCB rigward IFB mill-20 ta' Diċembru 2002 tawx vantaġġ lill-benefiċjarju, jew jekk, min-naħa l-oħra, SNCB aġixxietx kif kien jagħmel investitur infurmat fl-ekonomija tas-suq.

4.1.2. *Vantaġġ lill-benefiċjarju tal-għajnuna fl-applikazzjoni tal-prinċipju tal-investitur infurmat fl-ekonomija tas-suq*

(235) Jaqbel li jiġi analizzat jekk id-deċiżjoni tal-Kunsill tal-Amministrazzjoni ta' SNCB tal-20 ta' Diċembru 2002 li jiżdied il-kapital ta' IFB permezz ta' bdil tad-dejn dovut, u l-għotja ta' miżuri ta' salvataġġ, li wasslu lil SNCB biex tiffirma, fis-7 ta' April 2003, il-kuntratt ta' qafas ma' IFB, ħolqitx vantaġġ ekonomiku għal IFB, jew jekk din id-deċiżjoni tiġi mill-apprezzament ta' investitur privat fl-ekonomija tas-suq.

(236) Minħabba li d-deċiżjoni ta' SNCB li ma titlobx aktar il-ħlas tal-fatturi tagħha lil IFB mit-tmiem tas-sena 2000 sa Diċembru 2002, kif ukoll id-deċiżjoni ta' SNCB li tagħti ħlas bil-quddiem ta' EUR 2,5 miljun ma jistgħux jiġu attribwiti għall-Belġju, dawn id-deċiżjonijiet ma jistgħux jiġu analizzati aktar fid-dettall.

(237) Biex infakkru, il-miżuri ta' salvataġġ kienu jikkonsistu fi:

— l-għotja ta' żmien għall-ħlas tad-dejn ta' EUR 63 miljun;

— l-għotja ta' faċilità ta' kreditu ta' EUR 15-il miljun;

— l-għotja ta' ħlas bil-quddiem li jitħallas lura ta' EUR 5 miljun;

(238) Il-miżuri ta' ristrutturazzjoni jinkludu id-diżinvestiment tas-sussidjarji fi Franza u r-ristrutturazzjoni u l-kontinwazzjoni tal-attivitajiet fil-Belġju. Il-finanzjament ta' dawn il-miżuri kien assigurat l-ewelnett mill-miżuri ta' salvataġġ, il-pjan ta' ristrutturazzjoni kien jistipula li dan il-finanzjament ser ikun imwettaq permezz tal-bdil tad-dejn li ġej f'kapital soċjali:

— il-bdil tad-dejn ta' EUR 63 miljun li għalihom ingħata żmien ta' ħlas f'kapital soċjali;

— il-bdil tal-faċilità ta' kreditu ta' EUR 15-il miljun f'kapital soċjali;

— il-bdil tal-interessi fuq iż-żmien ta' ħlas u fuq il-faċilità ta' kreditu kapitalizzati f'kapital soċjali.

(239) Biex jiġi stabbilit jekk SNCB aġixxietx kif kien jagħmel investitur privat fl-ekonomija tas-suq, jaqbel li jiġi apprezzat jekk, f'ċirkostanzi simili, investitur privat ta' daqs li jista' jitqabbel ma' dak ta' SNCB u li jinsab f'sitwazzjoni li tista' titqabbel ma' dik ta' SNCB setax jitwassal biex jipproċedi bl-istess mod. ([40]).

([40]) Id-Deċiżjoni tal-21 ta' Marzu 1991, *l-Italja/il-Kummissjoni*, C-305/89, il-punti 19 u 20.

(240) Il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li jekk l-aġir tal-investitur privat mhux neċessarjament dak tal-investitur ordinarju li jpoġġi kapitali bil-ħsieb li dawn jagħtu profitt bejn wieħed u ieħor fi żmien qasir, dan għandu, tal-anqas, ikun dak ta' holding privat jew grupp privat ta' intrapriżi li jsegwu politika strutturali, globali jew settorjali, u mmexxija minn perspettivi ta' profitti għal-terminu ta' żmien twil. ([41]) Il-Qorti ippreċiżat li l-Kummissjoni hija obbligata "li tagħmel analiżi kompleta tal-elementi kollha pertinenti tal-proċedura kkuntestata u tal-kuntest tagħha" sabiex tkun taf jekk l-Istat aġixxiex kif kien jagħmel investitur infurmat fl-ekonomija tas-suq. ([42]).

(241) Il-Belġju, fir-risposta tiegħu għall-ittra tal-ftuħ, jikkunsidra li d-deċiżjoni ta' SNCB li titlob lil IFB li tneħħi l-investiment tagħha fis-sussidjarji Franċiżi tal-grupp, u wkoll id-deċiżjoni ta' SNCB li titlob lil IFB li tagħmel ristrutturazzjoni u tkompli l-attivitajiet tagħha fil-Belġju, jikkorrispondu għal deċiżjonijiet li kien jieħu investitur privat fl-ekonomija tas-suq.

(242) Il-Kummissjoni tikkunsidra madankollu li l-kwistjoni pertinenti mhix li wieħed ikun jaf jekk IFB, bid-diżinvestiment tas-sussidjarji tagħha fi Franza u bir-ristrutturazzjoni u t-tkomplija tal-attivitajiet tagħha fil-Belġju, ġabitx ruħha bħal investitur fl-ekonomija tas-suq, imma li jsir jaf jekk id-deċiżjoni ta' SNCB li tiffinanzja dawn iż-żewġ miżuri hijiex deċiżjoni li kien jieħu investitur privat.

(243) Fl-2002/2003, SNCB kellha għalhekk tiddeċiedi jekk, globalment, kienx orħos li tiffinanzja r-ristrutturazzjoni ta' IFB (li jimplika d-diżinvestiment tas-sussidjarji fi Franza u t-tkomplija tal-attivitajiet fil-Belġju) jew jekk kienx orħos li tillikwida l-IFB. Il-Kummissjoni għandha bħala prattika kostanti li tikkunsidra li investitur privat kie ikompli l-attività ta' sussidjarja, jekk tqabbil bejn l-ispejjeż ta' likwidazzjoni tas-sussidjarja u l-ispejjeż ta' ristrutturazzjoni tas-sussidjarja juri li l-ispejjeż tal-likwidazzjoni jaqbżu lill-ispejjeż tar-ristrutturazzjoni. ([43]).

(244) Jaqbel għalhekk li l-ewwel tiġi stabbilita l-ispiża, għal SNCB ta' kull wieħed minn dawn iż-żewġ xenarji, ir-ristrutturazzjoni u l-likwidazzjoni ta' IFB.

4.1.2.1. L-ispiża għar-ristrutturazzjoni ta' IFB

(245) Fl-ewwel xenarju, SNCB tiddedika EUR 95,3 miljun ta' finanzjament għar-ristrutturazzjoni ta' IFB, taħt il-forma ta' rifjut għas-salvataġġ tad-dejn li huwa mbiddel f'kapital. Fit-tmiem tar-ristrutturazzjoni, din ikollha 100 % minn intrapriża li l-valur tagħha huwa stmat EUR 31 miljun, imma li għandha proviżjonijiet ta' EUR 34,2 miljun, u EUR 15-il miljun ta' dejn finanzjarju (minbarra dejn lil SNCB), u li għalhekk għandha valur ta' intrapriża nett ta' - EUR 18-il miljun. Il-Kummissjoni tikkunsidra din l-istima, bbażata fuq metodi magħrufa, bħala realista.

(246) Il-Kummissjoni tqis li b'konsegwenza, fl-ipoteżi ta' bejgħ ta' IFB, SNCB kienet tikseb biss prezz ta' bejgħ negattiv.

4.1.2.2. Spiża ipotetika għal-likwidazzjoni ta' IFB

(247) F'tieni xenarju, SNCB tirrinnunċja wkoll għas-salvataġġ tal- EUR 95 miljun tad-dejn tagħha. Il-Belġju jqis li, barra minn dan, fuq il-bażi tal-elementi disponibbli fil-mument tal-konklużjoni tal-kuntratt ta' qafas fis-7 ta' April 2003, il-likwidazzjoni tal-attivitajiet Belġjani ta' IFB kienet tobbliga lil SNCB biex issostni spiża supplementari bejn EUR 70,6 u EUR 1618 miljun. Dan l-ammont jikkorrispondi għas-somom li normalment setgħu jiġu rkuprati permezz tal-likwidazzjoni tal-assi (EUR 37,5 miljun), li minnhom jitnaqqsu l-ispejjeż li jintnefqu mil-likwidazzjoni tal-obbligazzjonijiet ta' IFB (EUR 67 sa EUR 769 miljun) u n-nefqa tal-persunal ta' SNCB li sar eċċessiv (EUR 41,1 sa EUR 122,4 miljun) wara l-waqfien tal-attivitajiet ta' IFB.

(248) Il-Kummissjoni ma taqbilx ma' din l-analiżi. L-ewwelnett, hi tikkuntesta li SNCB kien ikollha tħallas l-obbligazzjonijiet kollha ta' IFB. It-tieninett hi tikkuntesta l-ammont ta' eċċess soċjali kkalkulat mill-Belġju.

**Ir-responsabbiltà ta' SNCB għall-obbligazzjonijiet ta' IFB**

(249) Kuntrarju għal dak li jaħseb il-Belġju, il-fatt li IFB kellha assi netti (valur ta' rkupru tal-assi mnaqqsa bil-valur tal-obbligazzjonjiet kontinġenti) negattivi ma jfissirx li f'każ ta' falliment, SNCB kien ikollha ssostni surplus tal-obbligazzjonijiet korrispondenti. Fil-fatt, il-Kummissjoni tfakkar li, fil-prinċipju soċjetà bħal IFB tirrispondi għall-obbligi tagħha bil-patrimonju soċjali tagħha stess. Ir-responsabbiltà tal-azzjonisti għall-obbligi tas-soċjetà normalment ma jmurx lil hinn mill-kapital soċjali ta' din, u għalhekk ma jaffetwax il-partimonji tal-istess azzjonisti differenti. Huwa biss f'każijiet eċċezzjonali u f'kundizzjonijiet tassew stretti li ċerti leġiżlazzjonijiet nazzjonali jistipulaw il-possibbiltà għal partijiet terzi li jduru fuq l-azzjonisti. ([44]).

([41]) Id-Deċiżjoni tal-21 ta' Marzu 1991, l-*Italja/il-Kummissjoni*, C-305/89, il-punti 19 u 20.

([42]) Id-Deċiżjoni tas-6 ta' Marzu 2003, *WestLB Girozentrale/il-Kummissjoni* (T-228/99 u T-233/99, Ġabra 2003, p. II-435). Il-punt 2251.

([43]) Ara d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-7 ta' Diċembru 2005, il-każ C 53/2003, il-Belġju, Ristrutturazzjoni tas-soċjetà *ABX Logistics*, il-punti 196 u wara.

([44]) Ara d-deċiżjoni li tittawwal il-proċedura C 53/03, il-Belġju, *ABX Logistics*, il-punt 61.

(250) Fl-ipoteżi ta' falliment ta' IFB, SNCB kienet għalhekk titlef il-kapital soċjali tagħha, imma ma kienx ikollha tħallas lura lill-kredituri l-oħra ta' IFB. A priori, il-prezz tal-falliment ta' IFB għal SNCB li taġixxi bħala azzjonista kien għalhekk ikun ta' żero, u mhux ta' bejn EUR 29,5 u EUR 39,4 miljun bħal ma jsostnu l-awtoritajiet Belġjani.

(251) Fil-prattika tad-deċiżjonijiet tagħha, il-Kummissjoni tagħraf madankollu li intrapriża li tkun fis-sitwazzjoni ta' SNCB setgħet kienet obbligata li ssostni spejjeż taħt kapaċitajiet oħra minbarra taħt il-kapaċità ta' azzjonista. ([45]) F'dan il-każ, l-ispejjeż huma partikolarment dawn li ġejjin:

— Bħala kreditur, SNCB kienet titlef is-self tagħha lil IFB, tal-anqas fil-proporzjon tal-parti tagħha fl-obbligazzjonijiet ta' IFB mhux koperti mill-assi; il-Kummissjoni tista' taċċetta li, meta jitqies ir-rwol ta' SNCB fil-likwidazzjoni ta' IFB dan ir-riskju jista' jiġi stmat sa l-ammont totali tad-dejn li SNCB għandha fuq IFB, jiġifieri EUR 95 miljun;

— bħala *mother company*, il-Kummissjoni tista' taċċetta li, biex issalva r-reputazzjoni tagħha, kien ikun aħjar għal SNCB li tieħu lura parti mid-dejn mhux imħallas lill-forniturі ta' IFB li huma wkoll forniturі ta' SNCB.

(252) Jaqbel għalhekk li jiġi stmat li l-ammont massimu li SNCB setgħet titwassal biex issostni dan. F'dan ir-rigward, il-Belġju jistima hu stess li spejjeż addizjonali sostnuti minn SNCB għal din ir-raġuni ma kellhomx jaqbżu t-EUR 13-il miljun. Fil-verità, l-ispejjeż addizjonali reali setgħu jkunu inferjuri, għax il-kredituri ta' IFB kienu l-ewwel jirkupraw parti mis-self tagħhom mil-likwidazzjoni ta' IFB, u ma kinux ikunu jitħallsu minn SNCB sal-limitu tal-bilanċ. Dan l-ammont ta' EUR 13-il miljun għalhekk għandu jiġi kkunsidrat bħala limitu massimu.

**L-ammont ta' spejjeż addizjonali soċjali għal SNCB**

(253) Il-Kummissjoni tikkunsidra li fil-prinċipju, investitur privat fl-ekonomija tas-suq, li jrid jiddeċiedi bejn il-finanzjament tar-ristrutturazzjoni tal-kumpannija sussidjarja tiegħu u l-likwidazzjoni tagħha, jista' jitwassal biex jikkunsidra n-nefqa biex inaqqas il-persunal tagħha, jekk dan it-tnaqqis tal-persunal ikun konsegwenza diretta u inevitabbli tal-falliment tas-sussidjarja.

(254) Il-Belġju wasal għal-konklużjoni li l-falliment ta' IFB kien iħalli lil SNCB b'persunal żejjed ta' 530 impjegat, li 50 minnhom kienu sekondati ma' IFB, u li 480 minnhom kienu impjegati ma' SNCB għall-attivitajiet li t-tkomplija tagħhom kienet tiddependi mill-attivitajiet ta' IFB. It-tnaqqis tall-persunal ta' SNCB b'530 impjegat kienet toħloq spejjeż ta' EUR 122,4 miljun, jiġifieri 230 000 għal kull impjegat. Id-dettalji ta' dan il-kakolu huma spejgati fil-parti 3 ta' din id-deċiżjoni.

(255) Il-Kummissjoni tikkunsidra li mhuwiex realistiku li wieħed iqis li SNCB kienet setgħet biss tirkupra 21 % tat-traffiku ġġenerat qabel minn IFB. L-ewwelnett, kif jagħraf il-Belġju fir-risposta tiegħu għad-deċiżjoni tal-ftuħ, is-swieq li fuqhom hija attiva qed jikbru (tkabbir ta' 11 % għat-trażbord ta' merkanzija, tkabbir ta' 12 % għat-trasport kumbinat). Għalhekk, kien jidher probabbli li l-kompetituri ta' IFB kienu jixtru l-assi ta' IFB, sabiex ikomplu l-attivitajiet tagħha.

(256) F'din l-ipoteżi, ix-xerrej ta' IFB kien ikollu bżonn servizzi ta' trasport ta' merkanzija bil-ferrovija. Minħabba l-pożizzjoni tassew b'saħħitha ta' SNCB fuq is-suq tat-trasport internazzjonali tal-merkanzija li titlaq mill-Belġju, u l-monopolju tagħha (sa l-1 ta' Jannar 2007) fuq is-suq tat-trasport nazzjonali tal-merkanzija fil-Belġju, Il-Kummissjoni tqis li x-xerrej ta' IFB kien jagħżel, tal-anqas għal parti importanti tal-bżonnijiet tiegħu, lil SNCB bħala trasportatur bil-ferrovija. Għalhekk, anke fl-ipoteżi ta' falliment ta' IFB, SNCB setgħet tirkupra parti tassew kbira mit-traffiku bil-ferrovija tagħha li kien iġġenerat minn IFB.

(257) Barra minn dan, il-Kummissjoni tosserva li s-swieq tat-trasport bil-ferrovija qed jikbru. Għalhekk, jidher raġonevoli li wieħed jassumi li SNCB setgħet tikber bl-istess rata mgħaġġla bħas-suq, li kien jippermettilha li terġa' tintegra bis-sħiħ lill-50 impjegat sekondat ma' IFB.

(258) Bħala konklużjoni, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-Belġju ma għarafx juri b'mod konvinċenti li SNCB kien ikollha persunal żejjed ta' 480 impjegat fl-ipoteżi ta' falliment ta' IFB, u li din ma kinitx tkun tista' terġa' tintegra lill-50 impjegat sekondat ma' IFB.

(259) Fuq il-bażi tal-informazzjoni trażmessa mill-Belġju, il-Kummissjoni tikkunsidra li, fit-tieni xenarju, SNCB tirrinunċja wkoll (bħal fl-ewwel xenarju) għal-irkuprar tad-dejn tagħha fil-limitu massimu ta' EUR 95,3 miljun u ssostni barra minn dan nefqa massima ta' EUR 13-il miljun.

4.1.2.3. Konklużjoni

(260) Billi SNCB irrifjutat, fiż-żewġ xenarji għas-self tagħha fuq IFB, aktar minn EUR 95,3 miljun, il-Belġju

([45]) Ara d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-7 ta' Diċembru 2005, il-każ C 53/03, il-Belġju, Ristrutturazzjoni tas-soċjetà *ABX Logistics*, il-punti 204. u wara.

ma weriex li bl-għażla tal-ewwel xenarju (l-iffinanzjar tar-ristrutturazzjoni), li wassal biex SNCB iżżomm intrapriża li l-valur tagħha huwa negattiv u stmat għal -EUR 18-il miljun, SNCB għamlet għażla ekonomikament infurmata meta mqabbla mat-tieni xenarju ta' likwidazzjoni, fejn l-uniċi eċċessi ippruvati fil-qafas ta' din il-proċedura huma stmati għal massimu ta' EUR 13-il miljun.

(261) Il-Kummissjoni tikkonkludi li l-Belġju ma weriex li SNCB aġixxiet bħal investitur privat fl-ekonomija tas-suq meta ħadet id-deċiżjoni, li tista' tiġi attribwita lill-Istat Belġjan, li tiffinanzja r-ristrutturazzjoni u t-tkomplija tal-attivitajiet ta' IFB fil-Belġju u d-disinvestiment tal-attivitajiet ta' IFB fi Franza.

4.1.3. *It-tgħawwiġ tal-kompetizzjoni u t-twettiq ta' skambji bejn l-Istati Membri*

(262) Il-Kummissjoni trid tanalizza s-sitwazzjoni tas-suq konċernat u l-partijiet tas-suq tal-benefiċjarji fuq dan is-suq, kif ukoll l-impatt li l-appoġġ finanzjarju ser ikollu fuq is-sitwazzjoni tal-kompetizzjoni ([46]).

(263) F'dan il-każ, l-appoġġ finanzjarju ngħata lil intrapriża attiva fuq swieq miftuħa għall-kompetizzjoni, li tinsab f'sitwazzjoni ta' kompetizzjoni ma' kompetituri oħra li ġejjin minn diversi Stati Membri, kif muri fit-2 parti ta' din id-deċiżjoni. L-appoġġ finanzjarju jgħawweġ jew jhedded li jgħawweġ għalhekk il-kompetizzjoni, u jhedded li jaffetwa jew jaffetwa l-iskambji bejn l-Istat Membri.

(264) Il-gvern Belġjan, fl-ittra ta' risposta tiegħu għall-bidu tal-proċedura, jikkuntesta li dawn iż-żewġ kriterji tal-paragrafu 1 tal-Artikolu 87, huma sodisfatti, għax il-Kummissjoni ma ppreżentat l-ebda prova li tistabbilixxi tali tgħawwiġ tal-kompetizzjoni.

(265) Il-Kummissjoni tiġbed l-attenzjoni tal-awtoritajiet Belġjani dwar il-fatt li l-paragrafu 1 tal-Artikolu 87, jirreferi għal theddid ta' tgħawwiġ. Għalhekk, il-Kummissjoni m'għandhiex tagħti prova ta' tgħawwiġ tal-kompetizzjoni, imma trid tispjega b'mod ir-riskju ta' tali tgħawwiġ, dak li hija għamlet fl-ittra tal-ftuħ (il-punti 212 u 213) kif ukoll f'din id-deċiżjoni.

4.1.4. *Konklużjoni: preżenza ta' għajnuna mill-Istat*

(266) Biex tikkonkludi, l-Kummissjoni tikkunsidra li l-finanzjament minn SNCB għar-ristrutturazzjoni ta' IFB (fil-Belġju) u tat-twaqqif tal-attivitajiet tagħha fi Franza, taħt il-forma ta' tibdil f'kapital ta' dejn ta' aktar minn EUR 95,3 miljun, jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat.

([46]) Id-Deċiżjoni tal-Qorti tat-13 ta' Marzu 1985, *Renju tal-Olanda u Leeuwarder Papierwarenfabriek/Commissio,* (każijiet konġunti 296/82 u 318/82, Ġabra 1985, p. 809), il-punt 24.

4.2. **Il-kompatibbiltà tal-għajnuna**

(267) Il-punt c) tal-paragrafu 3 tal-Artikolu 87 tat-Trattat jistipula li "tista' titqies bħala kompatibbli mas-suq komuni l-għajnuna maħsuba biex tiffaċilita l-iżvilupp ta' ċerti attivitajiet jew ta' ċerti reġjuni ekonomiċi, basta dik l-għajnuna ma tfixkilx il-kondizzjonijiet tal-kummerċ sa grad li jkun kuntrarju għall-interess komuni".

(268) L-għajnuna mogħtija mill-Belġju permezz ta' SNCB tista' tkun kompatibbli mas-suq komuni skont il-punt c) tal-paragrafu 3 tal-Artikolu 87, hekk kif interpretat mil-Kummissjoni fil-linji gwida tagħha tal-1999 u tal-2004.

4.2.1. *Kompatibbiltà bħala għajnuna ta' salvataġġ*

(269) Huma biss il-miżuri li jikkostitwixxu għajnuna ta' flus li jistgħu jkunu kompatibbli bħala għajnuna għal salvataġġ. F'dan il-każ, l-għajnuna ta' flus huma l-għotja ta' żmien għal ħlas, il-faċilità ta' kreditu u l-ħlas bil-quddiem li jista' jiġi rkuprat.

(270) Sa mill-bidu, tqum il-mistoqsija li wieħed ikun jaf liema verżjoni tal-linji ta' gwida hija applikabbli. L-aħħar verżjoni ta' dawn il-linji gwida daħlet fis-seħħ fl-10 ta' Ottubru 2004. Din tindika fil-punt 7 "data tal-applikazzjoni u tul ta' żmien":

"(102) Il-Kummissjoni ser tapplika dawn il-linji gwida mill-10 ta' Ottubru 2004 u sad-9 ta' Ottubru 2009.

(103) In-notifiki rreġistrati mil-Kummissjoni qabel l-10 ta' Ottubru 2004 ser ikunu eżaminati taħt il-kriterji fis-seħħ fil-mument tan-notifika.

(104) Il-Kummissjoni ser teżamina l-kompatibbiltà mas-suq komuni ta' kull għajnuna għas-salvataġġ jew għar-ristrutturazzjoni mogħtija mingħajr l-awtorizzazzjoni tagħha u għalhekk fi vjolazzjoni tal-paragrafu 3 tal-Artikolu 88, tat-trattat dwar il-bażi ta' dawn il-linji gwida jekk l-għajnuna, jew parti minnha, tkun ingħatat wara l-pubblikazzjoni tagħhom f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Fil-każijiet l-oħra kollha din ser agħmel teżami fuq il-bażi tal-linji gwida applikabbli fil-mument tal-għotja tal-għajnuna."

(271) L-għajnuna fi flus ingħatat fis-7 ta' April 2003, permezz tal-konklużjoni ta' kuntratt ta' qafas bejn IFB u SNCB. L-għotja saret mingħajr notifika preċedenti lill-Kummissjoni, u għalhekk bi vjolazzjoni tal-paragrafu 3 tal-Artikolu 88 tat-Trattat. L-għarfien tal-kompatibbiltà tagħhom bħala għajnuna ta' salvataġġ għalhekk ser issir fuq il-bażi tal-linji gwida tal-1999.

(272) Il-punt 23 tal-linji gwida tal-1999 jiddefinixxi l-ħames kundizzjonijiet li ġejjin sabiex għajnuna ta' salvataġġ tista' tkun kompatibbli mas-suq komuni:

"L-għajnuna ta' salvataġġ trid:

a) tikkonsisti f'għajnuna ta' flus f'forma ta' garanziji ta' kreditu jew ta' kreditu. Fiż-żewġ każijiet ta' figuri, il-kreditu jrid jiġi sottomess għal rata a' l-anqas komparabbli mar-rati osservati għal self lil intrapriżi b'saħħithom u partiklarment għal rati ta' referenza adottati mill-Kummissjoni;

b) tkun marbuta ma' kreditu li ż-żmien għal ħlas lura tiegħu wara li l-intrapriża tingħata l-aħħar għotja tassomom imsellfa ma jaqbiżx it-tnax-il xahar; il-ħlas lura tas-self marbut mal-għajnuna għas-salvataġġ jista' eventwalment jiġi kopert mill-għajnuna għar-ristrutturazzjoni li tkun awtorizzata wkoll mill-Kummissjoni.

c) tkun ġustifikata minn raġunijiet soċjali akuti u ma jkollhiex effetti gravi ta' eċċessi ('spillover') negattivi fi Stati Membri oħra;

d) ikollha magħha, matul in-notifika tagħha, impenn tal-Istat Membru li jitrażmetti lill-Kummissjoni, fi żmien sitt xhur li jibdew jgħoddu mill-awtorizzazzjoni tal-għajnuna ta' salvataġġ, kemm pjan ta' ristrutturazzjoni, kemm pjan ta' likwidazzjoni, kemm il-prova li s-self tħallas lura bis-sħiħ u/jew li tkun intemmet il-garanzija;

e) tillimita ruħha fl-ammont tagħha għal dak li hu neċessarju għall-użu tal-intrapriża (pereżempju, li tkopri l-ispejjeż tas-salarji jew ta' provvisti kurrenti) matul il-perjodu li għalih hija awtorizzata l-għajnuna".

(273) It-tul ta' żmien għall-ħlas lura stipulat fil-kuntratt ta' qafas huwa ta' tnax-il xahar. Madankollu, il-gvern Belġjan informa lill-Kummissjoni li ż-żmien kien ġie mtawwal awtomatikament bejn iż-żewġ partijiet saż-żmien taż-żjieda tal-kapital.

(274) B'kunsiderazzjoni għal dan l-element, il-Kummissjoni kkunsidrat fid-deċiżjoni tal-ftuħ tagħha (il-punti 232 u 233) li l-kriterju tal-punt 23 b) ma kienx sodisfatt u li l-għajnuna ta' flus ma setgħetx tiġi awtorizzata bħala għajnuna għas-salvataġġ.

(275) Il-Belġju jikkuntesta din l-istima ġuridika bi tliet argumenti. Dan jikkunsidra l-ewwel li SNCB żammet il-miżuri ta' salvataġġ bl-uniku għan li tippermetti lill-Kummissjoni li tikkonkludi l-eżami tal-każ NN 9/04. Huwa jipprevali mill-punt 24 tal-linji gwida, li jistipula li awtorizzazzjoni tal-miżuri ta' salvataġġ tibqa' valida sakemm il-Kummissjoni tiddeċiedi fuq il-pjan ta' ristrutturazzjoni. B'konsegwenza ta' dan, l-awtoritajiet Belġjani jitolbu lill-Kummissjoni biex ma tinvokax iż-żmien tal-proċedura tagħha ta' approvazzjoni tal-miżuri ta' salvataġġ biex tqis it-tul ta' żmien li fih jinżammu dawn il-miżuri, u li tapprova, fuq il-bażi tal-punt 24 tal-linji gwida tal-1999, il-miżuri ta' salvataġġ sakemm il-Kummissjoni tiddeċiedi fuq il-pjan ta' ristrutturazzjoni.

(276) Il-Kummissjoni tikkunsidra li dan l-argument mhux pertinenti. Fil-fatt, il-punt 24 tal-linji gwida tal-1999 jindika li "L-awtorizzazzjoni tal-bidu tal-għajnuna għas-salvataġġ tkopri perjodu ta' massimu ta' sitt xhur jew, jekk l-Istat Membru jkun ippreżenta pjan ta' ristrutturazzjoni f'dan iż-żmien, sakemm il-Kummissjoni tiddeċiedi dwar dan il-pjan. Wara l-awtorizzazzjoni inizjali, u f'każijiet eċċezzjonali ġustifikati kif suppost, il-Kummissjoni tkun tista' tawtorizza li jittawwal iż-żmien inizjali b'sitt xhur fuq talba tal-Istat Membru".

(277) Il-Kummissjoni tinnota li l-Belġju implimenta l-għajnuna ta' ristrutturazzjoni fis-7 ta' April 2003. Iż-żmien ta' sitt xhur għal-preżentazzjoni ta' pjan ta' ristrutturazzjoni għalhekk kien jiskadi fis-6 ta' Ottubru 2003. Minħabba li l-awtoritajiet Belġjani ttrażmettew il-pjan ta' ristrutturazzjoni lill-Kummissjoni matul laqgħa tat-12 ta' Diċembru 2003, dawn ma rrispettawx iż-żmien stipulat mill-punt 24 tal-linji gwida.

(278) It-tieni argument tal-awtoritajiet Belġjani, skont liema huma pprovdew kull element neċessarju għad-deċiżjoni dwar l-għajnuna ta' salvataġġ lill-Kummissjoni permezz tal-komunikazzjoni tagħhom tat-12 ta' Awwissu 2003, l-anqas ma huwa pertinenti. Fil-fatt, il-fatt li l-Kummissjoni talbet informazzjoni supplementari diversi drabi wara juri li l-informazzjoni li pprovda l-Belġju ma kinitx kompleta.

(279) Fir-rigward tal-argument tal-awtoritajiet Belġjani skont liema l-Kummissjoni qatt ma esprimiet riserva fuq iż-żamma proviżorja tal-miżuri ta' salvataġġ, huwa biżżejjed li wieħed ifakkar li l-Kummissjoni, fl-ittri tagħha tat-13 ta' Ottubru 2003 u tas-26 ta' Jannar 2005, inkludiet in-nota ta' kawtela li ġejja: il-Kummissjoni tiġbed "l-attenzjoni tal-awtoritajiet Belġjani dwar il-klawżola ta' sospensjoni tal-implimentazzjoni tal-paragrafu 3 tal-Artikolu 88,

tat-Trattat KE, stipulat fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) 659/99 tal-Kunsill, li tipprevjeni li titwettaq kwalunkwe għajnuna ġdida qabel ma l-Kummissjoni tieħu, jew ikun magħruf li tkun ħadet, deċiżjoni li tawtorizzaha. Barra minn dan, nippermetti lili nnifsi li nfakkar lill-awtoritajiet Belġjani li l-irkuprar ta' kwalunkwe għajnuna mwettqa f'kontravenzjoni ta' din il-klawżola jista' jintalab mill-banafiċjarju tagħha fit-termini tal-Artikolu 14 ta' dan ir-regolament".

(280) Il-Kummissjoni għalhekk tikkonkludi li l-għajnuna ta' flus mogħtija minn SNCB lil IFB qabżet iż-żmien ta' 12-il xahar stipulat fil-punt 23 b) tal-linji gwida tal-1999, u lill-awtoritajiet Belġjani ma ppreżentawx lill-Kummissjoni il-pjan ta' ristrutturazzjoni fi żmien sitt xhur, kif stipulat fil-punt 24 tal-linji gwida tal-1999. L-għajnuna mogħtija minn SNCB għalhekk ma tistax tiġi awtorizzata bħala għajnuna għas-salvataġġ. Madankollu din tista' tkun kompatibbli mas-suq komuni bħala għajnuna għar-ristrutturazzjoni.

4.2.2. *Il-kompatibbiltà tal-għajnuna għar-ristrutturazzjoni*

(281) Mill-ġdid tqum il-mistoqsija dwar liema verżjoni tal-linji gwida hija applikabbli. Fid-deċiżjoni tal-ftuħ (il-punt 240), il-Kummissjoni kkunsidrat li SNCB tiddeċiedi li ma tagħtix vantaġġ ġdid lil IFB, u jekk tiġi ppreżentata l-prova li SNCB kienet impenjata li tbiddel id-dejn f'kapital qabel il-pubblikazzjoni tal-linji gwida tal-2004, il-Kummissjoni trid teżamina fid-deċiżjoni finali tagħha l-għajnuna mogħtija minn SNCB lil IFB fuq il-bażi tal-linji gwida tal-1999.

(282) L-awtoritajiet Belġjani, fir-risposta tagħhom għall-ittra tal-ftuħ, kienu infurmaw lill-Kummssjoni li SNCB kienet irrinunċjat għall-kontribuzzjoni minħabba l-holding tagħha fis-soċjetà TRW lil IFB, u tirtira n-notifika tagħha tat-28 ta' Frar 2005. Għalhekk, il-Kummissjoni tinnota li SNCB iddeċidiet li ma tatix vantaġġ ġdid lil IFB, imma li tillimita ruħha li tbiddel id-dejn tagħha f'kapital.

(283) Jaqbel li jkun determinat jekk SNCB impenjatx ruħha biex tbiddel id-dejn tagħha f'kapital qabel il-pubblikazzjoni tal-linji gwida tal-2004. L-awtoritajiet Belġjani, fir-risposta tagħhom għall-ittra tal-ftuħ, urew li fil-liġi tal-Belġju l-impenn ta' SNCB li tbiddel id-dejn tagħha f'kapital kien ċert sa mis-7 ta' April 2003, il-mument tal-konklużjoni tal-kuntratt ta' qafas, u l-fatt li dan l-impenn kien illimitat bil-kundizzjoni ta' sospensjoni, jiġifieri n-notifika lill-Kummissjoni u l-approvazzjoni mill-Kummissjoni, ma kellux bħala konsegwenza li jneħħi l-karattru ċert u definittiv ta' dan l-impenn. Fil-fatt, kif intwera mill-awtoritajiet Belġjani, jekk din il-kundizzjoni ta' sospensjoni, hija sodisfatta, dan għandu effett retroattiv. L-impenn ta' SNCB li tbiddel id-dejn tagħha f'kapital huwa għalhekk ċert sa mis-7 ta' April 2003.

(284) La ż-żewġ kundizzjonijiet ġew sodisfatti, il-Kummissjoni tikkonkludi li hemm lok għall-applikazzjoni tal-linji gwida tal-1999 għal dan il-każ. Din il-konklużjoni hija konformi l-ewwelnett għall-analiżi ppreżentata fid-deċiżjoni tal-ftuħ (il-punt 240), fejn il-Kummissjoni kkonkludiet li:

"[…] jekk SNCB tiddeċiedi li ma tatix il-vantaġġ ġdid lil IFB, u jekk kien ġie ppruvat li SNCB kienet impenjat ruħha biex tbiddel id-dejn tagħha f'kapital qabel il-pubblikazzjoni tal-linji gwida tal-2004, il-Kummissjoni trid teżamina, fid-deċiżjoni finali tagħha, l-għajnuna mogħtija minn SNCB lil IFB fuq il-bażi tal-linji gwida tal-1999" ([47]).

(285) Sabiex tkun tista' tibbenefika minn għajnuna għar-ristrutturazzjoni, intrapriża trid l-ewwel tkun eliġibbli għall-applikazzjoni tal-linji gwida. Biex tkun eliġibbli, intrapriża trid tkun tinsab f'diffikultà. Il-linji gwida tal-1999 jindikaw f'dan ir-rigward (il-punti 4 u 5):

"(4) […] Il-Kummissjoni tikkunsidra […] li intrapriża tinsab f'diffikultà fis-sens ta' dawn il-linji gwida meta din ma tkunx kapaċi, bir-riżorsi finanzjarji tagħha stess jew bir-riżorsi li huma lesti li jtuha l-propjetarji/azzjonisti tagħha u l-krediturituagħha, li tħassar it-telf li jwassluha, fin-nuqqas ta' intervent esterjuri pal-poteri pubbliċi, lejn mewta ekonomika kważi ċerta f'terminu qasir jew medju.

(5) Partikolarment, intrapriża hija fi kwalukwe każ, u jkun xi jkun id-daqs tagħha, kkunsidrata bħala f'diffikultà għall-fini ta' dawn il-linji gwida:

a) jekk qed nitkellmu dwar soċjetà li l-assoċjati tagħha għandhom responsabbiltà limitata, meta aktar min-nofs tal-kapital tagħha sottoskritt ikun spiċċa u aktar minn kwart ta' dan il-kapital ikun intilef matul l-aħħar tnax-il xahar."

([47]) Id-Deċiżjoni li tinbeda l-proċedura formali tal-eżami – Għajnuna mill-Istat C 46/05, il-punt 240.

(286) Kif diġà ntwera fid-deċiżjoni tal-ftuħ (il-punt 225), il-kontijiet annwali ta' IFB tal-2002 juru kapital sottoskritt ta' EUR 48 miljun u telf kurrenti qabel it-taxxa ta' EUR 50 miljun. Għalhekk, il-kapital soċjali kien sparixxa meta SNCB iddeċidiet, f'April 2003, li tati għajnuna. Minħabba li aktar min-nofs tal-kapital sottoskritt li sparixxa f'dan iż-żmien, u aktar minn kwart minnu matul l-aħħar tnax-il xahar, IFB hija intrapriża f'diffikultà fis-sens tal-punti 4 u 5 tal-linji gwida.

(287) Barra minn dan, l-intrapriża ma tridx tkun għadha kif ġiet maħluqa. Il-linji gwida tal-1999 jindikaw għal dan il-punt (il-punt 7).

> "(7) Għall-fini ta' dawn il-linji gwida, intrapriża li għadha kif ġiet magħluqa mhix eliġibbli għall-għajnuna ta' salvataġġ u għar-ristrutturazzjoni, anke jekk il-pożizzjoni finanzjarja inizjali tagħha hija prekarja. Dan huwa partikolarment il-każ meta l-intrapriża ġdida tkun ħarġet mil-likwidazzjoni ta' intrapriża li kienet teżisti qabel, jew mit-teħid mill-ġdid tal-assi tagħha."

(288) Kif ġie deskritt fil-parti 2 ta' din id-deċiżjoni, IFB inħolqot fl-1 ta' April 1998, permezz tal-għaqda tas-soċjetà Ferry-Boats SA mas-soċjetà InterFerry SA, u l-kontribuzzjoni tad-dipartiment "ferrovija" tas-soċjetà Edmond Depaire SA lill-entità amalgamata. Fl-ittra tal-ftuħ (il-punti 218 sa 223), il-Kummissjoni esprimiet dubji fuq il-punt kif wieħed ikun jaf jekk l-intrapriża l-ġdida IFB kinitx qed tkompli l-personalità ġuridika ta' waħda minn dawn it-tliet soċjetajiet, jew jekk din ġietx maħluqa mill ġdid fl-1998.

(289) Fir-risposta tagħhom għall-ittra tal-ftuħ, l-awtoritajiet Belġjani stabilixxew li IFB ser tkompli l-personalità ġuridika ta' FerryBoats SA, li kienet ġiet irreġistrata fl-1923. Il-Kummissjoni għalhekk tikkonkludi li IFB mhix intrapriża li nħolqot mill-ġdid fis-sens tl-punt 7 tal-linji gwida tal-1999.

(290) Il-punt 3.2.2 tal-linji gwida tal-1999 iħabbar il-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni ta' għajnuna għar-ristrutturazzjoni. Il-kundizzjonijiet huma dawn li ġejjin:

— il-pjan ta' ristrutturazzjoni jrid jippermetti li terġa' tiġi stabbilita mill-ġdid, fi żmien raġonevoli, il-vijabbiltà għal tul ta' żmien tal-intrapriża;

— iridu jittieħdu miżuri biex jittaffew, safejn hu possibbli, il-konsegwenzi mhux favorevoli tal-għajnuna għal kompetituri;

— l-għajnuna trid rkun illimitata għall-minimu strett neċessarju biex tippermetti r-ristrutturazzjoni;

— il-Kummissjoni trid tkun f'pożizzjoni sabiex tassigura ruħha tat-twettiq tajjebtal-pjan ta' ristrutturazzjoni, permezz ta' rapporti regolari u dettaljati;

— l-għajnuna għar-ristrutturazzjoni tista' tingħata darba waħda biss.

4.2.2.1. Il-pjan ta' ristrutturazzjoni li jerġa jistabbilixxi l-vijabbiltà ekonomika tal-intrapriża

(291) F'dak li jirrigwarda l-pjan ta' ristrutturazzjoni li jerġa' jistabbilixxi l-vijabbiltà ekonomika tal-intrapriża, il-linji gwida tal-1999 jindikaw li:

> "(31) L-għotja tal-għajnuna hija kkundizzjonata skont l-implimentazzjoni tal-pjan ta' ristrutturazzjoni li jkun ġie, għall-għajnuna individwali kollha, validat mill-Kummissjoni.
>
> (32) Il-pjan ta' ristrutturazzjoni, li t-tul ta' żmien tiegħu jrid ikun limitat kemm jista' jkun, irid jippermetti li terġa' tiġi stabbilita, fi żmien raġonevoli, l-vijabbiltà għal tul ta' żmien tal-intrapriża, fuq il-bażi ta' ipoteżi realistiċi rigward il-kundizzjonijiet ta' użu futuri. L-għajnuna għar-ristrutturazzjoni għalhekk trid tintrabat ma' pjan vijabbli ta' ristrutturazzjoni, li fuqha jimpena ruħu l-Istat Membru. Dan il-pjan irid ikun ippreżentat lill-Kummissjoni flimkien ma' kull preċiżazzjoni neċessarja, partikolarment studju tas-suq. It-titjib tal-vijabbiltà jrid jirriżulta primarjament mill-miżuri interni stipulati fil-pjan ta' ristrutturazzjoni. Din ma tistax tkun ibbażata fuq fatturi esterni, li fuqhom l-intrapriża ma tistax ikollha effett, bħalma huma l-varjazzjonijiet tal-prezz jew fit-talba, jew jekk l-ipoteżijiet ippreżentati dwar l-evoluzzjoni tas-suq ikunux milqugħa b'mod ġenerali. Ristrutturazzjoni trid timplika li l-abbandun tal-attivitajiet, li, anki wara r-ristrutturazzjoni, jibqgħu juru defiċit fl-istruttura tagħhom.
>
> (33) Il-pjan ta' ristrutturazzjoni jiddeskrivi ċ-ċirkostanzi li jkunu ħolqu d-diffikultajiet tal-intrapriża, u dan jippermetti li tiġi stmata l-evalwazzjoni dwar jekk il-miżuri proposti ġewx adottati. Dan jikkunsidra b'mod partikolari s-sitwazzjoni u l-evoluzzjoni prevedibbli tal-offerta u tat-talba fis-suq tal-prodotti konċernati, b'xenarji li jittraduċu ipoteżijiet ottimisti, pessimisti u medji kif ukoll is-saħħa u d-djufija speċifiċi tal-intrapriża. Dan jippermetti tranżizzjoni għall-intrapriża lejn struttura ġdida li ttiha perspettivi ta' vijabbiltà għal tul ta' żmien u l-possibbiltà li din tiffunzjona bir-riżorsi tagħha stess.

(34) Il-pjan ta' ristrutturazzjoni jrid jipproponi bidla fl-intrapriża sabiex din tal-aħħar tkun tista' tkopri, ladarba titlesta r-ristrutturazzjoni, l-ispejjeż tagħha kollha, inkluż l-ispiża ta' deprezzament u t-tariffi finanzjarji. Il-profitti li jittieħdu mill-istess kapitali tal-intrapriża ristrutturata trid tkun suffiċjenti biex tippermettilha li taffaċċja l-kompetizzjoni billi ma tibbażax biss fuq il-forzi tagħha".

(292) Il-Kummissjoni kkonkludiet fid-deċiżjoni tal-ftuħ tagħha (il-punti 242 sa 247) li l-Belġju kien ippreżenta pjan ta' ristrutturazzjoni li kien jissodisfa l-kriterji stipulati fil-linji gwida, u għalhekk ma esprimietx dubji rigward dan il-kriterju. Wara l-bidu tal-proċedura, il-Kummissjoni ma rċevietx kummenti minn partijiet interessati li kkuntestaw din id-deċiżjoni.

(293) Il-Kummissjoni tosserva li l-intrapriża IFB għarfet turi l-vijabbiltà ekonomika tagħha kemm fil-pjan ta' ristrutturazzjoni tagħha, ippreżentat fl-2003, u kemm fir-riżultati li kisbet minn dak iż-żmien. Għalhekk, il-Kummissjoni tikkonkludi li, bħal fid-deċiżjoni tal-ftuħ (il-punt 271), il-kriterju "l-pjan ta' ristrutturazzjoni kien jerġa' jistabbilixxi l-vijabbiltà ekonomika tal-intrapriża" huwa sodisfatt.

(294) Madankollu, kif jirriżulta mill-punt 290 ta' din id-deċiżjoni, il-pjan ta' ristrutturazzjoni li jistabbilixxi l-vijabbiltà ekonomika tal-intrapriża mhix kundizzjoni suffiċjenti; huwa neċessarju wkoll li jiġi stabbilit li l-għajnuna ma twassalx għal tgħawwiġ ta' kompetizzjoni mhux neċessarju.

4.2.2.2. Il-prevenzjoni ta' tgħawwiġ ta' kompetizzjoni mhux neċessarju

(295) F'dak li jikkonċerna l-prevenzjoni ta' tgħawwiġ ta' kompetizzjoni mhux neċessarju, il-linji gwida tal-1999 jindikaw (il-punti 35 sa 39):

"(35) Iridu jittieħdu miżuri biex jittaffew, safejn ikun possibbli, l-konsegwenzi mhux favorevoli tal-għajnuna għall-kompetituri. Jekk dan ma jseħħx, l-għajnuna trid tiġi kkunsidrata bħala 'kontra l-interess komuni' u għalhekk inkompatibbli mas-suq komuni.

(36) Din il-kundizzjoni tittraduċi ruħha, l-aktar spiss, permezz ta' limitazzjoni tal-preżenza li l-intrapriża tista' tieħu fuq is-suq jew is-swieq tagħha fit-tmiem tal-perjodu ta' ristrutturazzjoni. Jekk is-suq imsemmi huwa negliġibbli fir-rigward tal-Komunità u taż-ŻEE, jew jekk il-parti jew partijiet tas-suq li għandha l-intrapriża huma negliġibbli, irid ikun stmat li m'hemmx tgħawwiġ mhux neċessarju tal-kompetizzjoni. Għalhekk, irid jiġi kkunsidrat li din il-kundizzjoni ma tapplikax fil-prinċipju għall-intrapriżi żgħar u medji, ħlief jekk dispożizzjonijiet settorjali fir-regoli tal-kompetizzjoni fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat jistipulaw il-kuntrarju.

(37) Il-limitazzjoni jew it-tnaqqis forzat tal-preżenza fuq is-suq jew is-swieq in kwstjoni li fihom topera l-intrapriża tirrappreżenta kontroparti għall-kompetituri. Din il-kontroparti trid tkun relatata mal-effetti tat-tgħawwiġ ikkawżati mill-għajnuna, u partikolarment meta tkun relatata mal-piż relattiv tal-intrapriża fuq is-suq jew swieq tagħha. Il-Kummissjoni tiddetermina l-firxa tagħha fuq il-bażi tal-investigazzjoni tas-suq flimkien mal-pjan ta' ristrutturazzjoni u, meta l-proċedura tkun inbdiet, fuq il-bażi tal-elementi tal-informazzjoni pprovduta mill-partijiet li jintervjenu. It-tnaqqis tal-preżenza tal-intrapriża huwa implimentat permezz tal-pjan ta' ristrutturazzjoni u l-kundizzjonijiet li jistgħu jiġu marbuta miegħu.

(38) Tnaqqis fil-bżonn tal-kontropartijiet jista' jiġi meħsub jekk dan it-tnaqqis jew limitazzjoni jirriskjaw li jwasslu għal deterjorament evidenti tal-istruttura tas-suq, pereżempju billi jkollu bħala effett indirett li joħloq monopolju jew sitwazzjoni ta' oligopolija stretta.

(39) Il-kontropartijiet jistgħu jieħdu forom differenti, skont jekk l-intrapriża toperax jew le f'suq b'kapaċità għolja. […]"

(296) Qabel id-deċiżjoni tal-ftuħ, l-awtoritajiet Belġjani kienu spjegaw li, sabiex itaffu, safejn hu possibbli, il-konsegwenzi mhux favorevoli tal-għajnuna għall-kompetituri, IFB kienet ħadet żewġ miżuri:

— l-irtirar tal-attivitajiet tagħha ta' trażbord fi Franza

— l-għeluq tat-terminal ta' Bressoux fil-Belġju u l-bejgħ tal-holdings fit-terminali fi Brussell u f'Zeebrugge fil-Belġju

(297) Il-Kummissjoni, fid-deċiżjoni tal-ftuħ tagħha (il-punti 252 sa 265), esprimiet dubji fir-rigward tal-kwistjoni jekk il-miżuri kinux biżżejjed biex itaffu, safejn hu possibbli, il-konsegwenzi mhux favorevoli tal-għajnuna għall-kompetituri. Dawn id-dubji jikkonċernaw iż-żewġ setturi li fihom IFB kienet qed tkompli l-attività tagħha, jiġifieri s-suq tat-trażbord ta' merkanzija Belġjan u s-suq tal-loġistika Belġjan.

a) ***Is-suq ta' trażbord ta' merkanzija Belġjan***

(298) Iż-żewġ miżuri msemmija fl-ittra tal-ftuħ (il-punt 260) jikkonċernaw is-suq tat- trażbord ta' merkanzija Belġjan. Fl-ittra tal-ftuħ (il-punti 262 sa 264), il-Kummissjoni esprimiet dubji fuq il-punt li wieħed ikun jaf jekk dawn il-miżuri kinux biżżejjed, partikolarment minħabba l-fatt li s-soċjetà TRW, fejn kien meħsub li SNCB ser tati l-holding tagħha lil IFB, żammet holdings importanti fit-terminali ta' Brussell u ta' Zeebrugge, u li IFB għandha holdings minuri f'numru importanti ta' terminali Belġjani.

(299) Il-gvern Belġjan, fir-risposta tiegħu għall-ittra tal-ftuħ, ippreżenta diversi argumenti biex jirribatti d-dubji tal-Kummissjoni. Huwa jenfasizza l-ewwelnett li IFB rat tkabbir anqas importanti mis-suq (4,1 % ta' tkabbir għal IFB, 10,7 % ta' tkabbir għat-terminali fil-port ta' Anvers, 12 % ta' tkabbir għat-terminali fir-reġjun ARA). Il-Kummissjoni tikkunsidra li din l-informazzjoni supplementari tippermetti li wieħed jikkonkludi li l-piż ta' IFB fuq is-suq ġie mnaqqas wara l-implimentazzjoni tal-pjan ta' ristrutturazzjoni.

(300) Wara, il-Belġju wera li IFB kienet naqqset il-kapaċità tagħha fuq is-suq tat- trażbord ta' merkanzija minn 1,5 miljun TEU fl-2002 għal 1,1 miljun TEU fit-tmiem tal-2005. Il-Kummissjoni tikkunsidra li dan it-tnaqqis fil-kapaċità jikkostitwixxi miżura attenwanti importanti.

(301) Fl-aħħarnett, il-Belġju informa lill-Kumissjoni li l-kontribuzzjoni ta' TRW lil IFB ma kienx ser iseħħ. Il-Kummissjoni tikkunsidra li dan l-aħħar tibdil huwa importanti, minħabba li dan għandu l-konsegwenza li l-għeluq ta' Bressout u l-bejgħ tal-holdings fi Brussell u Zeebrugge iwasslu għal tnaqqis reali tal-preżenza ta' IFB fuq is-suq Belġjan tat-trażbord tal-merkanzija.

(302) Meta jitqiesu dawn l-argumenti, u jiġi meqjus il-fatt li l-parti tas-suq ta' IFB hija mnaqqsa, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-Belġju ta l-prova li ttieħdu miżuri suffiċjenti biex jittaffew, safejn hu possibbli, il-konsegwenzi mhux favorevoli tal-għajnuna għall-kompetituri fis-settur tat- trażbord ta' merkanzija.

b) ***Is-suq tal-loġistika Belġjan***

(303) Fl-ittra tal-ftuħ tagħha (il-punti 257 sa 259), il-Kummissjoni nnutat li l-miżuri proposti ma jikkonċernawx is-suq tal-loġistika. Il-Kummissjoni kkunsidrat għalhekk li n-nuqqas ta' miżuri proposti għas-suq tal-loġistika, kif ukoll il-fatt li s-suq jinstab f'bidla sħiħa u l-fatt li IFB setgħet iżżid il-volum tagħha b'mod importanti, bil-ħolqien ta' dubji dwar il-mistoqsija li wieħed ikun jaf jekk il-Belġju kienx illimita, safejn kien possibbli, l-konsegwenzi mhux favorevoli għall-kompetizzjoni f'dak li jikkonċerna l-attivitajiet ta' loġistika ta' IFB.

(304) Il-gvern Belġjan, fir-risposta tiegħu għall-ittra tal-ftuħ, ippreżenta ħames argumenti bil-għan li juru li IFB, kontra għal dak li kienet tippretendi l-Kummissjoni fl-ittra tal-ftuħ tagħha, kienet ħadet miżuri suffiċjenti biex tillimita t-tgħawwiġ tal-kompetizzjoni (għad-dettalji, ara d-deskrizzjoni fil-parti 3 ta' din id-deċiżjoni, il-punti 177 sa 187). Dawn l-argumenti jistgħu jinġabru kif ġej:

— tnaqqis ta' 49 % tal-kapaċità tal-vaġuni użati minn IFB;

— parti mis-suq ta' IFB inferjuri għal 5 %;

— tkabbir anqas mgħaġġel mis-suq (9,9 % għal IFB, kontra 12 % fil-medja għas-suq);

— tkabbir l-aktar dovut għat-trasport bi kwantitajiet kbar, is-sotto segment tas-suq li fih IFB kienet biss preżenti b'mod limitat qabel l-2002;

— il-liberalizzazzjoni tas-suq ta' merkanzija bil-ferrovija mill-2007 ser ikompli jżid il-pressjoni tal-kompetizzjoni.

(305) Il-Kummissjoni tqis li l-ħames argumenti ppreżentati mill-gvern Belġjan huma konvinċenti. Fir-rigward tal-ewwel argument, din tikkunsidra li l-gvern Belġjan wera li IFB naqqset il-kapaċità loġistika tagħha, billi naqqset in-numru ta' vaguni użati b'49 %, li jippermetti li jiġi llimitat it-tgħawwiġ ta' kompetizzjoni li jġibu magħhom il-miżuri msemmija. Fir-rigward tat-tieni argument, il-Kummissjoni taqbel mal-gvern Belġjan li l-partijiet tas-suq ta' IFB huma mnaqqsa fuq is-suq tal-loġistika fis-sens tal-punt 36 tal-linji gwida tal-1999. Fir-rigward tat-tielet argument, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-ispjegazzjonijiet mogħtija mill-Belġju biex jaġġusta ż-żjieda tad-dħul ta' IFB juru li IFB Logistics kiber b'rata anqas mgħaġġla mill-kompetituri, u li t-tkabbir l-aktar importanti kienet tikkonċerna sotto-settur fejn IFB mhux preżent ħlief b'mod marġinali. Għar-raba' argument, il-Kummissjoni tqis li, anke jekk id-deċiżjoni biex tiftaħ it-terminali tagħha għall-kompetituri jkollha wkoll tkun dovuta minħabba kunsiderazzjonijiet ekonomiċi, din madankollu għandha l-konsegwenza li ssaħħaħ il-ftuħ tas-swieq li fihom hija attiva IFB, u għalhekk tista' tillimita l-effetti negattivi tal-għajnuna. Fir-rigward tal-ħames argument, il-Kummissjoni tagħraf li s-sitwazzjoni ta' IFB tippreżenta elementi simili mas-sitwazzjoni ta' SNCF merkanzija, safejn IFB, bħal SNCF Merkanzija, hija attiva fis-sotto-setturi ta' "trasport bil-ferrovija" u "trasport kumbinat", li huma kompletament liberalizzati mill-1 ta' Jannar 2007 ([48]).

(306) Il-Kummissjoni tikkonkludi li l-Belġju ta l-prova li ħa miżuri suffiċjenti biex jittaffew, sakemm hu possibbli, il-konsegwenzi mhux favorevoli tal-għajnuna għall-kompetituri fis-settur tal-loġistika.

([48]) Dan il-ftuħ komplet tas-swieq, li huwa stipulat mid-direttiva 91/440/KE, ġie implimentat minn digriet irjali tat-13 ta' Diċembru 2005.

c) ***Konklużjoni***

(307) Il-Kummissjoni tikkonkludi li l-awtoritajiet Belġjani taw prova li huma ħadu miżuri suffiċjenti biex itaffu, sakemm hu possibbli, il-konsegwenzi mhux favorevoli tal-għajnuna għall-kompetituri fuq iż-żewġ swieq imsemmija.

4.2.2.3. Għajnuna limitata għall-minimu

(308) F'dak li jirrigwarda l-limitazzjoni tal-għajnuna għall-minimu, il-linji gwida tal-1999 jindikaw (il-punti 40 u 41):

"(40) L-ammont u l-intensità tal-għajnuna jridu jkunu limitati għall-minimu strett neċessarju biex jippermettu r-ristrutturazzjoni skont id-disponibilitajiet finanzjarji tal-intrapriża, tal-azzjonisti tagħha jew tal-grupp kummerċjali li din tagħmel parti minnu. Il-benefiċjarji tal-għajnuna jridu jikkontribwixxu b'mod importanti għall-pjan ta' ristrutturazzjoni fuq ir-riżorsi tagħhom stess, inkluż permezz tal-bejgħ ta' assi, meta dawn mhumiex indispensabbli għall-għejxien tal-intrapriża, jew permezz tal-finanzjament esterjuri miksub skont il-kundizzjonijiet tas-suq. Biex jiġi limitat it-tgħawwiġ tal-kompetizzjoni, jaqbel li jkun evitat li l-għajnuna tingħata taħt forma jew f'ammont li jwassal lill-intrapriża biex tiddisponi minn fondi disponibbli eċċessivi milli din tkun tista' tiddedika għal attivitajiet agressivi suxxettibbli li joħolqu tgħawwiġ fuq is-suq u li ma tkunx marbuta mal-proċess tar-ristrutturazzjoni. Għalhekk, il-Kummissjoni teżamina l-livell ta' obbligi tal-intrapriża wara r-ristrutturazzjoni tagħha, inkluż wara kull trasferiment jew tnaqqis tad-dejn, partikolarment fil-qafas tat-tkomplija wara proċedura kollettiva ta' dritt nazzjonali bbażat fuq in-nuqqas ta' likwidità tagħha. L-għajnuna l-anqas m'għandha sservi biex tiffinanzja investimenti ġodda li mhumiex indispensabbli biex tmur lura għall-vijabbiltà.

(41) Fil-każijiet kollha, irid jintwera lill-Kummissjoni li l-għajnuna ser isservi biss biex tiġi stabbilita mill-ġdid il-vijabbiltà tal-intrapriża u li din mhix ser tippermetti lill-benefiċjarju tagħha, matul p-implimentazzjoni tal-pjan ta' ristrutturazzjoni, milli jiżviluppa l-kapaċità tal-produzzjoni tiegħu, ħlief jekk dan ma jkunx neċessarju biex jistabbilixxi mill-ġdid il-vijabbiltà tal-intrapriża mingħajr tgħawwiġ għall-kompetizzjoni."

(309) Għalhekk hemm lok li jiġi verifikat qabel jekk l-għajnuna hijiex limitata għall-minimu, u wara jekk IFB għamlitx kontribuzzjoni adegwata.

a) **Il-limitazzjoni tal-għajnuna għall-minimu**

(310) Sabiex juri li l-għajnuna hija limitata għall-minimu, il-gvern tal-Belġju spjega li ż-żjieda fil-kapital tillimita ruħha li terġa' tistabbilixxi l-kapital soċjali ta' IFB, li kien sar negattiv wara t-telf irreġistrat fl-2001 u l-2002, għal limitu li kien jippermettilha li ssib il-vijabbiltà ekonomika. Kif spjegat fil-parti 2 ta' din id-deċiżjoni, irrata ta' likwidità, jiġifieri l-proporzjon ta' kapital/obbligazzjonijiet, ta' IFB ser ikun ta' 35,6 % wara ż-żjieda fil-kapital.

(311) Fid-deċiżjon tal-ftuħ tagħha (il-punt 268), il-Kummissjoni qieset li ż-żjieda tal-kapital kienet inferjuri b' EUR 20 miljun għal dak li l-konsulent McKinsey kien ħaseb fil-pjan ta' ristrutturazzjoni; barra minn dan, il-Kummissjoni nnutat (il-punt 268) li r-rata ta' likwidità maħsuba għal IFB kienet inferjuri għal dik ta' soċjetajiet ta' terminali u wkoll, għalkemm f'miżura anqas, għal dik tas-soċjetajiet li kellhom attivitajiet imħallta.

(312) Madankollu, din qieset li din ir-rata kienet superjuri għall-medja tar-rati rreġistrati fis-soċjetajiet ta' trasport. Minħabba dan, din ikkonkludiet li ma kellhiex l-elementi suffiċjenti biex tikkunsidra b'mod definittiv li l-għajnuna kienet ġiet limitata għall-minimu strett.

(313) Il-Kummissjoni tikkunsidra li, biex tistabbilixxi li l-għajnuna hija limitata għall-minimu, jaqbel li jiġi verifikat l-ewwel jekk ir-rata ta' likwidità ta' IFB, li ser tkompli l-attivitajiet tagħha fil-Belġju, ma taqbiżx il-medja tal-kompetituri tagħha, u wara jekk IFB tkun diżinvestiet il-holdings tagħha fi Franza bl-anqas spiża possibbli.

i) *Rata ta' likwidità li ma taqbiżx il-medja tal-kompetituri*

(314) Il-Belġju, fir-risposta tiegħu għall-ittra tal-ftuħ, ta informazzjoni supplementari. L-ewwelnett dan ikkalkula r-rata ta' likwidità ta' sitt soċjetajiet ta' terminali li l-aktar jistgħu jitqabblu ma' IFB u r-rata ta' likwidità ta' sitt soċjetajiet ta' loġistika li l-aktar jistgħu jitqabblu ma' IFB. Wara, dan ikkalkula medja, fid-dawl tar-rati medji tas-soċjetajiet ta' terminali u s-soċjetajiet ta' loġistika skont il-piż relattiv ta' dawn iż-żewġ attivitajiet f'IFB. Tirriżulta rata medja ta' likwidità ta' 35,6 %, li tikkorrispondi għal rata ta' likwidità ta' IFB wara ż-żjieda tal-kapital prevista.

(315) Barra minn dan, il-Beljġu wera li l-aktar żewġ kompetituri diretti ta' IFB, jiġifieri s-soċjetajiet Gosselin u Hupac, għandhom rati ta' likwidità tassew qrib (38,9 % u 34,9 % rispettivament).

(316) Meta tqis din l-informazzjoni supplementari mogħtija mill-Belġju, u minħabba li ż-żjieda fil-kapital tnaqqset għal EUR 95,3 miljun meta mqabbla mar-rakkomandazzjoni inizjali ta' EUR 120 miljun inklużi fil-pjan ta' McKinsey ta' Diċembru 2003, il-Kummissjoni tikkunsidra li ż-żjieda fil-kapital hija limitata għal dak li huwa strettament neċessarju.

ii) *Diżinvestiment tal-holdings fi Franza bl-inqas spiża*

(317) Fir-rigward tad-diżinvestiment tas-sussidjarji ta' IFB fi Franza, il-Kummissjoni ivverifikat ukoll li, fil-kanċellament tal-impenni tagħha, IFB dejjem għażlet l-orħos għażla, sabiex tillimita l-ispejjeż ta' kanċellament ta' impenni, u għalhekk l-għajnuna, għall-minimu.

a) ***Acimar***

(318) Id-diżinvestiment ġudizzjarju ta' Acimar permezz ta' proċediment ġudizzjarju sewa EUR 3,9 miljun (ara l-parti 2 ta' din id-deċiżjoni). Il-Kummissjoni tinnota li l-Belġju wera li l-alternattiva, jiġifieri t-tkomplija tal-attivitajiet tagħha, kienet tinneċessita l-finanzjament ta' *cash-drain* annwali sat-tmiem tal-2005 minn IFB, li kien jirrappreżenta telf ta' EUR 10,8 miljun fit-total, mingħajr l-ebda ċertezza li jista' jiġi rkuprat id-dejn ta' EUR 3,9 miljun li kellhom jiġu abbandunati fil-proċediment ġudizzjarju.

(319) Il-Kummissjoni tikkonkludi għalhekk li IFB għażlet l-orħos għażla għal Acimar.

b) ***NFTI-ou***

(320) Fir-rigward ta' NFTI-ou, li kienet soċjetà kkontrollata b'mod konġunt minn IFB u l-Port Awtonomu ta' Dunkerque, li tuża terminali fil-port ta' Dunkerque, IFB esplorat żewġ possibbiltajiet: it-tkomplija tal-attivitajiet, jew id-diżinvestiment bil-bejgħ tal-holding tagħha. Id-diżinvestiment kien iwassal għal spejjeż ta' EUR 18,5 miljun (ara d-deskrizzjoni dettaljata fil-parti 2 ta' din id-deċiżjoni).

(321) Fir-rigward tal-alternattiva, jiġifieri t-tkomplija tal-attivitajiet, il-Belġju wera fir-risposta tiegħu li dan kien jiġġenera telf ta' EUR 36,2 miljun (ara d-deskrizzjoni dettaljata fil-parti 3 ta' din id-deċiżjoni).

(322) Meta tqis l-ispiża tż-żewġ għażliet, il-Kummissjoni tikkunsidra li IFB għażlet l-orħos għażla.

c) ***IFB France***

(323) Iċ-ċessjoni ta' IFB France, li wara saret AGEP, swiet lil NFTI-ou EUR 0,9 miljun (ara d-deskrizzjoni dettlajata fil-parti 2 ta' din id-deċiżjoni). Għalhekk tqum il-mistoqsija li wieħed isir jaf jekk il-falliment ta' IFB France kienx ikun orħos għall-IFB.

(324) Bħal fl-ipoteżi tal-bejgħ, IFB kien ikollha tabbanduna d-dejn tagħha fuq IFB France għal valur ta' EUR 0,8 miljun. Il-Belġju madankollu jippretendi li l-falliment kellu jiġġenera spejjeż supplementari: IFB ma kinitx tkun tista' twettaq il-prezz tal-bejgħ ta' EUR 0,1 miljun, li kien jiġġenera deprezzament fuq il-holding tagħha, u IFB kien ikollha tħallas total ta' EUR 0,8 miljun lil 14-il impjegat, li kienu jitilfu xogħolhom wara l-falliment, skont id-dritt soċjali fi Franza.

(325) Il-Kummssjoni tikkunsidra li l-Belġju ma tax il-prova ta' dan ir-riskju ta' twettiq tal-obbligu. Għaldaqstant, il-Kummissjoni trid tirrifjuta dan l-argument. [49] Il-Kummissjoni tikkonkludi għalhekk li t-tmiem ta' IFB France sewa tal-anqas l-istess prezz bħal kontinwazzjoni tagħha.

(326) Il-Kummissjoni tikkonkludi għalhekk li IFB għażlet l-orħos waħda miż-żewġ għażliet.

d) ***Dry Port Dunkerque***

(327) Għad-Dry Port ta' Dunkerque, ġie deċiż li tiġi likwidata s-soċjetà, bil-bejgħ preċedenti ta' parti mill-assi, jiġifieri l-holding ta' 8,6 % f'NFTI-ou. Dan sewa EUR 7,9 miljun (ara d-deskrizzjoni dettaljata fil-parti 2 ta' din id-deċiżjoni).

(328) Fix-xenarju alternattiv, jiġifieri t-tkomplija tal-attivitajiet, IFB kien ikollha tiffinanzja il-*cash drain annwali* ġġenerat mit-telf tas-soċjetà, li kien jippreżenta ħlas addizzjonali ta' EUR 2,6 miljun.

(329) Għalhekk, il-likwidazzjoni kienet l-orħos għażla.

e) ***SSTD***

(330) Meta titqies id-deċiżjoni strateġika li tħalli s-suq Franċiż, id-deċiżjoni li tbigħ SSTD għal EUR 0,2 miljun (ara d-deskrizzjoni fid-dettall hawn isfel fil-parti 2) tikkorrispondi għall-għażla l-aktar vantaġġuża għal IFB.

[49] Ara d-deċiżjoni.tal-Qorti tal-14 ta' Settembru 1994, Spanja/il-Kummissjoni, id-deċiżjoni msejħa "Hytasa" (C-278/92, C-279/92 u C 208/92, Ġabra 1999, p. I-4103), il-punt 22, u d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-22 ta' Lulju 1998 fil-każ SDBO.

f) ***Konklużjoni***

(331) Il-Kummissjoni tikkonkludi li IFB għamlet diżinvestiment tal-holdings tagħha fi Franza bl-anqas nefqa possibbli, u li għalhekk il-finanzjament attribwit minn SNCB biex tiffinanzja dan id-diżinvestiment neċessarju għall-vijabbiltà tal-parti li baqgħet minn IFB ġie limitata għall-ammont minimu possibli.

b) **Il-kontribuzzjoni tal-benefiċjarju stess**

(332) Il-punt 40 tal-linji gwida tal-1999 jindika li:

"Il-benefiċjarji tal-għajnuna jridu jikkontribwixxu b'mod importanti għall-pjan ta' ristrutturazzjoni mir-riżorsi tagħhom stess, inkluż bil-bejgħ ta' assi, meta dawn mhumiex indispensabbli għall-għajxien tal-intrapriża, jew permezz ta' finanzjament esterjuri miksub bil-kundizzjonijiet tas-suq."

(333) Fl-ittra tal-ftuħ (il-punt 270), il-Kummissjoni nnutat li skont il-pjan ta' ristrutturazzjoni, IFB ma kinitx tidher li qed tagħti kontribut importanti hi stess għar-ristrutturazzjoni tagħha, u li għalhekk, il-Kummissjoni kellha dubji fuq il-punt li tkun taf jekk IFB kinitx qed tikkontribwixxi għar-ristrutturazzjoni tagħha b'mod suffiċjenti.

(334) Il-Belġju, fir-risposta tiegħu għall-ittra tal-ftuħ, spjega b'mod dettaljat dak li hu jikkunsidra li huma kontribuzzjonijiet ta' IFB stess għar-ristrutturazzjoni tagħha (ara d-deskrizzjoni fil-parti 3 ta' din id-deċiżjoni, il-punti 194 sa 201).

(335) Il-Kummissjoni tagħti l-apprezzament li ġej dwar l-ispjegazzjonijiet tal-Belġju:

i) *Spejjeż tar-ristrutturazzjoni*

(336) Il-Kummissjoni tibda billi tiddetermina l-ispiża totali tar-ristrutturazzjoni, netta mill-qligħ ta' produttività u mit-tnaqqis tal-bżonn f'kapital kurrenti.

| Spejjeż netti tar-ristrutturazzjoni | |
|---|---|
| Telf nett tal-użu | 2,749 |
| Spejjeż eċċezzjonali | 0,032 |
| Żjieda fil-bżonn ta' kapitali kurrenti | 12,998 |
| Investimenti ta' sostituzzjoni f'assi kapitali mhux finanzjarji | 6,611 |
| Investimenti fl-assi kapitali finanzjarji | 1,882 |
| Ħlas ta' interessi lil intrapriżi minbarra SNCB | 2,351 |
| Ħlas lura tad-dejn finanzjarju | 16,599 |
| Ħlas lura parzjali tad-dejn u tal-interessi minn SNCB | 81,7 |
| Dejn ta' taxxa | 0,077 |
| Total | 125,56 |

(337) F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tikkunsidra li huwa ġġustifikat, f'konformità mal-prattika ta' teħid ta' deċiżjonijiet tagħha, ([50]) li żżomm l-ispejjeż li jidhru fit-tabella t'hawn fuq, pjuttost mill-ispejjeż hekk kif ippreżentati mill-Belġju (ara t-tabella li tidher fil-punt 184), partikolarment għar-raġunijiet li ġejjin:

— it-telf mill-użu (il-"cash drain"). Il-Belġju kien inkluda EUR 27,916 miljun bħala "telf *totali* tal-użu" fl-ispejjeż ta' ristrutturazzjoni. Il-Kummissjoni tikkunsidra li, skont il-prattika ta' teħid ta' deċiżjonijiet tagħha, ([51]) (, irid jiġi inkluż biss it-telf *nett* tal-użu fl-ispejjeż tar-ristrutturazzjoni. Dawn l-ispejjeż jistgħu jinkisbu billi mit-telf totali tal-użu matul il-perjodu ta' ristrutturazzjoni (EUR 27,916 miljun) jitnaqqas il-qligħ tal-produttività fil-perjodu ta' ristrutturazzjoni (EUR 25,167 miljun). Għalhekk, it-telf nett tal-użu huwa ta' EUR 2,749 miljun;

— varjazzjonijiet tal-bżonn ta' kapital kurrenti. Il-Belġju jsemmi fil-parti "spejjeż", u fil-parti "kontribuzzjoni tagħha stess", varjanti tal-bżonn ta' kapital kurrenti. ([52]) Skont il-prattika ta' teħid ta' deċiżjonijiet tal-Kummissjoni, ([53]) jaqbel li ma jiġux ikkunsidrati l-ispejjeż tar-ristrutturazzjoni li ż-żjieda netta tal-bżonn ta' kapital kurrenti, li huwa ta' EUR 12,998 miljun ([54]).

— trasferimenti bejn il-grupp. Il-Belġju jinkludi fl-ispejjeż ta' ristrutturazzjoni, fil-lista "investimenti fl-assi kapitali finanzjarji", tat-trasfeimenti bejn il-gruppi marbuta maċ-ċentralizzazzjoni tal-holdings Belġjani tal-grupp. Dawn it-trasferimenti kienu kif ġej: l-azzjonijiet ta' RKE (intrapriża Belġjana, deskritta fid-dettall fil-parti 2, il-punt 47, tal-ittra tal-ftuħ), miżmuma minn Haeger & Schmidt International (100 % sussidjarja ta' IFB fi-Ġermanja, deskritta fid-dettall ukoll fil-punt 47 tal-parti 2, tal-ittra tal-ftuħ) ġew trasferiti lil IFB,

([50]) Ara d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Diċembru 2005, *ABX Logistics*, fajl C 53/03, il-punt 247.

([51]) Ara d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Diċembru 2005, *ABX Logistics*, fajl C 53/03, il-punt 247.

([52]) Il-varjanti 'il fuq ifissru l-bżonn li jkunu ffinanzjati x-xogħolijiet li jkunu għaddejjin u li tiġi assorbita d-differenza bejn id-dejn u d-dejn kummerċjali u ż-żamma ta' fondi disponibbli suffiċjenti fil-bidu tal-perjodu ta' ristrutturazzjoni. Il-varjanti 'l isfel kienu sehhew fin-nofs u fit-tmiem tal-perjodu ta' ristruturazzjoni: Għalhekk, fl-2004 u fl-2005, IFB ħelset madwar EUR 2,7 miljun billi naqqset il-bżonn tagħha ta' kapital kurrenti. Dan sar possibbli permezz tal-irkupru ta' ammont ta' EUR 0,9 miljun f'kapital kurrenti ta' OCHZ fil-waqt tal-bejgħ tal-*holding* ta' 50 % f'din is-soċjetà, kif ukoll wara tnaqqis taż-żmien għall-ġlas mogħti lill-klijenti sa mill-2004 meta mqabbel mal-2003, flimkien ma' politika ta' ħlas ta' forniturі li ma nbiddlitx.

([53]) Ara d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Diċembru 2005, *ABX Logistics*, fajl C 53/03, il-punt 247.

([54]) Dan ir-riżultat jinkiseb hekk: EUR 7,685 miljun (żjieda fil-Belġju) + 8.000 (żjieda fi Franza) – EUR 2,687 miljun (tnaqqis), ara t-tabella li tidher fil-aprti 3, il-punt 184.

li bħalissa żżommhom direttament, u mhux aktar b'mod indirett permezz ta' Haeger & Schmidt International. Il-prezz ta' din it-tranżazzjoni jitla' għal EUR 1,6 miljun u ġiet irregolata minn ħlas bi flus ta' EUR 0,6 miljun u permezz ta' tnaqqis (il-kont kurrenti) ta' IFB fuq Haeger & Schmidt International ta' miljun euro.

Il-Kummissjoni tikkunsidra li din it-tranżazzjoni, li tikkostitwixxi trasferiment fil-grupp IFB, ma tistax tiġi kkunsidrata bħala spiża ta' ristrutturazzjoni, għax hija finanzjarjament newtra fil-livell tal-grupp. Fil-fatt, mal-ispiża ta' EUR 0,6 miljun għal IFB jikkorrispondi għal riżultat imtejjeb b' EUR 0,6 miljun ta' Haeger & Schmidt International, li tidher fil-kontijiet konsolidati tal-grupp bħala żjieda fil-profitt.

ii) *Il-finanzjament minn SNCB u l-parteċipazzjoni stess ta' IFB*

(338) SNCB tiffinanzja r-ristrutturazzjoni sal-limitu ta' EUR 95,3 miljun. Kif muri fil-punti 199 sa 237, dan il-finanzjament jista' jiġi attribwit lill-Belġju. Dan ser isir permezz ta' bidla f'kapital tal-faċilità ta' kreditu u taddejn li għalihom ġie approvat żmien biex isir il-ħlas, kif ukoll tal-interessi li jiġu minnu.

(339) Kontra l-punt 43 tal-linji gwida tal-2004, il-linji gwida tal-1999 ma jeskludux li l-kontribuzzjoni stess tal-intrapriża tikkonsisti f'benefiċċji futuri. Il-Kummissjoni tikkunsidra li, fil-qafas tal-linji gwida tal-1999, benefiċċji futuri jistgħu jikkostitwixxu kontribuzzjoni tagħha stess, jekk dawn il-benefiċċji futuri kienu previdibbli fil-mument tal-preparazzjoni tal-pjan ta' ristrutturazzjoni.

(340) IFB ser tikkontribwixxi għar-ristrutturazzjoni tagħha stess l-ewwelnett permezz tal-benefiċċji tagħha stipulati għassnin 2004, 2005 u 2006, li jridu jitilgħu għal total ta' EUR 10,5 miljun. Kif diġà spjegat, il-previżjoni ta' dawn il-benefiċċji kienet ibbażata fuq elementi fattwali magħrufa minn IFB fil-mument tal-iżvilupp tal-pjan ta' ristrutturazzjoni, bħalma huma l-konklużjoni ta' kuntratti ġodda importanti, it-tnaqqis tan-nefqa tas-salarji wara tnaqqis tal-persunal, u sinerġiji stipulati fil-pjan ta' ristrutturazzjoni. Għalhekk, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-benefiċċji futuri kienu previdibbli fil-mument tal-preparazzjoni tal-pjan ta' ristrutturazzjoni.

(341) Wara dan, IFB ser tikkontribwixxi permezz tal-irċevuti finanzjarji tagħha, li jirriżultaw f'interessi akkumulati fuq il-kontijiet tal-bank ta' IFB, u li jitilgħu għal total ta' EUR 1,4 miljun. Kif deskritt fil-punt 187, dawn l-irċevuti futuri kienu prevedibbli fil-mument tal-preparazzjoni tal-pjan ta' ristrutturazzjoni.

(342) Permezz tal-bejgħ tal-assi kapitali "mhux finanzjarji" lil intrapriżi privati, IFB ser tikkontribwixxi sa limitu ta' EUR 4,771 miljun. Apparti l-bejgħ ta' assi differenti ta' importanza relattivament limitata, li jittotalizzaw EUR 0,271 miljun, din il-parti tal-kontribuzzjoni hija kostitwita prinċipalment mid-diżinvestiment fl-2004 tal-assi utilizzati fit-terminal OCHZ. Id-drittijiet ta' kopropjetà (50 %) fuq dawn l-assi utilizzati minn OCHZ ġew ċeduti bil-prezz ta' EUR 4,5 miljun.

(343) Bil-bejgħ ta' assi kapitali "finanzjarji", jiġifieri bil-bejgħ talholdings minuri lil intrapriżi privati, IFB ser timmobilizza EUR 9,287 miljun. Dan id-dħul ġie ġġenerat mid-diżinvestiment ta'

— Autocare Europe u IFB France fl-2003,

— GIE OCHZ, Brussels Port Invest SA u Brussels Terminal Intermodal SA fl- 2004, u

— CNC Ferry Boats Intermodal fl-2005.

Kif deskritt fil-punt 187, dawn l-irċevuti futuri kienu prevedibbli fil-mument tal-preparazzjoni tal-pjan ta' ristrutturazzjoni.

(344) Il-Kummissjoni tikkunsidra li l-Belġju wera li, bil-bejgħ lil intrapriżi privati li għadhom kif ġew deskritti, IFB naqqset l-attivitajiet tagħha għal *core business* tagħha.

345) Għal krediti li ġew minn istituzzjonijiet ta' kreditu privati, IFB setgħet timmobilizza EUR 3,3 miljun fl-2003 u fl-2006. dawn il-krediti ġew deskritti fid-dettall fil-punti 75 sa 79 tad-deċiżjoni tal-ftuħ. Dawn inkisbu skont il-kundizzjonijiet tas-suq, u mingħajr garanzija ta' SNCB jew tal-Istat Belġjan favur l-istituzzjonijiet bankarji.

(346) Finalment, IFB tikkontribwixxi sal-limitu ta' EUR 1,105 miljun, li ġejjin minn irċevuti eċċezzjonali. Dawn l-irċevuti eċċezzjonali jikkorrispondu għall-qligħ kapitali mwettqa mill-bejgħ ta' assi kapitali mhux finanzjarji (prinċiparjament minn vaguni EAOS u minn vetturi fit-terminali).

(347) Il-Kummissjoni tikkonkludi li l-parteċipazzjoni stess ta' IFB għall-ispejjeż tar-ristrutturazzjoni tagħha titla' għal EUR 24,927 miljun. It-tabella li ġejja tinkludi l-kontribuzzjonijiet kollha ta' IFB:

| | |
|---|---|
| Benefiċċji 2004 sa 2006 | 10,429 |
| Irċevuti finanzjarji | 1,368 |
| Bejgħ ta' assi kapitali mhux finanzjarji | 4,771 |
| Bejgħ ta' assi kapitali finanzjarji | 9,287 |
| Krediti mogħtija minn banek privati | 3,300 |
| Irċevuti eċċezzjonali | 1,105 |
| Total | 30,26 |

***Konklużjoni fuq il-kontribuzzjoni proprja***

(348) Biex nikkonkludu, in-nefqa totali għar-ristrutturazzjoni ta' IFB, li telgħet għal EUR 125,56 miljun, huma mħallsa għal EUR 95,3 miljun, jew 76 %, minn SNCB. Dan il-finanzjament jista' jiġi attribwit għall-Istat Belġjan. L-ispejjeż ta' EUR 30,26 miljun, jew 24 %, huma sostnuti minn IFB stess.

(349) F'dan il-każ, il-Kummissjoni tfakkar li l-linji gwida tal-1999 ma jimponux il-livell minimu ta' kontribuzzjoni, imma biss kontribuzzjoni importanti. Madankollu, safejn il-linji gwida l-ġodda tal-2004, li mhumiex applikabbli f'dan il-każ, jeżiġu kontribuzzjoni tal-istess kumpannija superjuri għal 50 %, il-Kummissjoni temmen li jkun utli li tfakkar li d-diffikultajiet partikolari tal-kuntest tar-ristrutturazzjoni (li minnha jiddependu direttament 250 impjegat fil-Belġju); l-importanza tat-tnaqqis tal-kapaċitajiet (tnaqqis ta' 49 % tal-volum tal-vaguni tal-ferrovija; tmiem ta' diversi terminali); u l-importanza tat-trasport kumbinat, suq li fih hija prinċiparjament attiva IFB, fil-politika tat-trasport tal-Unjoni Ewropea.

(350) Il-Kummissjoni tikkonkludi li l-holding ta' 24 % tikkostitwixxi f'dawn iċ-ċirkostanzi holding importanti, anke meta jitqies id-daqs tal-intrapriża ta' IFB u s-sitwazzjoni finanzjarja tagħha qabel ir-ristrutturazzjoni.

4.2.2.4. Ir-rapport annwali u "one time, last time"

(351) Il-linji gwida tal-1999 jindikaw fil-punti 45 u 48:

"(45) Il-Kummissjoni trid tkun f'pożizzjoni li tiżgura t-twettiq tajjeb tal-pjan ta' ristrutturazzjoni, permezz ta' rapporti regolari u dettaljati, li jiġu komunikati lilha mill-Istat Membru.

(48) Sabiex tevita xi appoġġ abbużiv, l-għajnuna għar-ristrutturazzjoni ma tistax tingħata ħlief darba. Meta l-Kummissjoni hija responsabbli għal proġett ta' għajnuna għar-ristrutturazzjoni, l-Istat Membru jrid jippreċiża jekk l-intrapriża benefikatx diġà fil-passat minn għajnuna mill-Istat għar-ristrutturazzjoni, inkluż għajnuna mogħtija qabel id-dħul fis-seħħ ta' dawn il-linji gwida u inkluża għajnuna mhux notifikata. Jekk dan ikun il-każ u jekk il-perjodu ta' tristrutturazzjoni jkun tlesta, jew jekk il-pjan ikun intemm milli jitwettaq, fi żmien anqas minn għaxar snin, allura l-Kummissjoni normalment ma tawtorizzax l-għotja ta' għajnuna ġdida għar-ristrutturazzjoni ħlief f'ċirkostanzi eċċezzjonali, mhux previdibbli u ma jiġux attribwiti lill-intrapriża. Iċ-ċirkostanza mhux previdibbli hija dik li ma setgħetx tkun antiċipata fil-mument li fih il-pjan ta' ristrutturazzjoni jkun ġie elaborat."

(352) Kif diġà nnutat fid-deċiżjoni tal-ftuħ (il-punt 271), il-gvern Belġjan aċċetta li jipprovdi lill-Kummissjoni rapport annwali biex jippermetti lill-Kummissjoni li tevalwa jekk il-pjan ta' ristrutturazzjoni hux implimentat skont l-impenni li ħadu l-awtoritajiet Belġjani.

(353) Kif ukoll innutat fid-deċiżjoni tal-ftuħ (il-punt 271), il-kriterju "one time, last time" ġie rrispettat.

## 5. **KONKLUŻJONIJIET**

(354) Il-Kummissjoni tinnota li l-Belġju wettaq illegalment parti mill-miżuri msemmija fi vjolazzjoni tal-paragrafu 3 tal-Artikolu 88, tat-Trattat. Madankollu, l-eżami tal-miżuri wera li f'parti, dawn ma kinux jikkostitwixxu għajnuna, u li għall-bqija, huma kompatibbli mas-suq komuni,

ADDOTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-iffinanzjar tar-ristrutturazzjoni tal-attivitajiet ta' InterFerry-Boats SA fil-Belġju u l-iffinanzjar tad-diżinvestiment tal-attivitajiet ta' InterFerryBoats SA fi Franza li jaqbżu l- EUR 95,3 miljun mis-Soċjetà Nazzjonali tal-Ferroviji Belġjani, li jistgħu jiġu attribwiti għall-Belġju u mwettqa minnu, jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat għar-ristrutturazzjoni, li hija kompatibbli mas-suq komuni.

*Artikolu 2*

Din id-deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju tal-Belġju.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' April 2007.

*Għall-Kummissjoni*

Jacques BARROT

*Viċi President*